**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Novembru, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lianne BONELLO)**

**-vs-**

**Muriel Micallef,**
**detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 443080M;**

**Natalie Micallef,**
**detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 827155M;**

**Martin Micallef,**
**detentur tal-karta tal-identità bin-numru 64856M, u**

**Nicole Micallef**
**detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 034610L**

*Kumpilazzjoni nru. 444/2020*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati **Muriel Micallef, Natalie Micallef, Martin Micallef** u **Nicole Micallef** u ċioe` talli:

> F'dawn il-Gżejjer, fit-8 ta' Settembru 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjoni relatati tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlu atti ta' *money laundering* billi:-

i) Ikkonvertew jew ittrasferew propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attività kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-propjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

ii) Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-vera xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li dik il-propjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

iii) Akkwistaw, ippussesaw jew użaw propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività' kriminali;

iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà meta kienu jafu jew issuspettaw li l-istess propjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

v) Ittentaw jagħmlu ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i),(ii),(iii),(iv), u (v) ta' hawn fuq,

Ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Nicole Micallef waħidha ġiet akkużata li, nhar it-8 ta' Settembru 2020, nġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna tal-Ispettur Danilo Francalanza, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta.
Muriel Micallef waħidha ġiet akkużata ukoll talli naqset milli tħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D. fid-digriet tagħha ta' nhar it-8 ta' Lulju 2020 li bih ngħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Kif ukoll talli naqset milli tħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. J Apap Bologna LL.D. fid-digriet tiegħu ta' nhar id-29 ta' Marzu 2011 li bih ngħatat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi tirrevoka contrario imperio id-digrieti tal-ħelsien mill-arrest tal-imsemmija Muriel Micallef mogħtija nhar it-8 ta' Lulju 2020 mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D. u dak mogħti nhar id-29 ta' Marzu 2011 mill-Maġistrat Dr. Apap Bologna LL.D. u tordna ir-riarrest tal-imsemmija imputata u kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqha bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużati jew huma propjetà' tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużati milli jittrasferixxu jew xorta' oħra jiddisponu minn xi propjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputati jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9, tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tas-27 ta' Diċembru 2021, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.[1]

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Diċembru 2021, permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[2]

Fil-konfront tal-imputati kollha:

---

[1] Fol.3061
[2] Fol.3062

a). Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31 u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Nicole Micallef waħedha:
b). Fl-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Muriel Micallef waħedha:
c). Fl-artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.[3]

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni u tal-imputati Muriel Micallef, Natalie Micallef u Martin Micallef.[4]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-imputati preżentati fuq ordni ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

*Inkjesta Maġisterjali*

Illi ġie esibit Proċess Verbal redatt mill-Onor. Maġistrat Dr. Joe Mifsud.[5] Fl-atti tal-inkjesta hemm esibiti l-oġġetti elevati fil-kors ta' tfittxijiet li saru fil-mori tal-investigazzjonijiet dwar il-każ[6] kif jixhdu r-riċevuti mgħoddija lill-imputati li jelenkaw l-imsemmija oġġetti.[7]
Fl-istess inkjesta hemm inventarju tal-ħwejjeġ tad-ditta, *brand names*, li saru minn esperti maħtura fl-inkjesta. Fir-rapport ta' **Dr. Richard Sladden**[8] jinsab inventarju, li sussegwentement ġie ikkonfermat minnu,[9] tal-artikoli li nstabu fir-residenza ta' Muriel Micallef, f' "Santa Marija" Flats No.3 u 4, Triq Qrejten,

---

[3] Fol.3065
[4] Nicole Micallef baqgħet ma għamlitx nota ta' sottomissjonijiet minkejja li minn korrispondenza elettronika jirriżulta li ittieħdet konjizzjoni tan-nota tal-prosekuzzjoni wara li lill-prosekuzzjoni ġie konċess estensjoni biex tippreżenta n-nota tagħha – vide verbal a fol.3149 fejn id-difiza kolleġġjalment tindika li mhix qed toġġezzjona (*email* minn Dr. Alfred Abela a fol.3173-3174)
[5] Fol.265 et seq. PV mmarkat **Dok.DZ** a fol.270 et seq.
[6] **Dok.IA** 149/2020 a fol.284
[7] Fol.285 et seq
[8] Fol.328 et seq.
[9] Fol.1938

Pietà.[10] **Dr. Lennox Vella**, espert legali maħtur ukoll fil-mori tal-inkjesta, ippreżenta inventarju tal-oġġetti elevati mil-pulizija mill-fond Marshall Court, Block D, Flat 66, Triq ir-Rebħa Gżira fejn kienu jirrisjedu l-imputati Martin, Nathalina u Nicole Micallef.[11] Dawn l-oġġetti jinkludu apparat elettroniku, ġojjellerija, ħwejjeġ u aċċessorji b'*labels* ta' ditti rinomati.

Aktar il-quddiem, meta l-Qorti tiġi biex tikkunsidra l-stil ta' ħajja li kienu jikkonduċu l-imputati, ser jiġu deskritti b'mod dettaljat l-imsemmija oġġetti elenkati fl-inventarji rispettivi tal-periti legali maħtura.

**<u>L-Investigazzjoni</u>**

L-**Ispettur Lianne Bonello** stqarret illi wara li l-*Anti-Money Laundering Squad* rċeviet informazzjoni rigward ċertu Muriel Micallef, saru tfittxijiet fejn instabet vettura Range Rover u ħwejjeġ ta' ditti lussużi. Muriel Micallef stqarret li tgħix fuq erba' mitt Euro (€400) f'benefiċċji soċjali. L-istess Micallef kienet tressqet il-Qorti mill-Ispettur Mark Mercieca fuq akkużi ta' **pussess ta' droga kokaina, eroina u cannabis**, kif ukoll talli ikkommettiet tali reati f'distanza ta' mitt metru 'l bogħod minn skola. Tressqet ukoll dwar ksur ta' kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest mogħti mill-Onor. Maġistrat Dr. J. Apap Bologna.[12] L-investigazzjonijiet wrew li r-**Range Rover li kienet qiegħda tagħmel użu minnha Muriel Micallef, kienet reġistrata f'isem ommha, Natalie Micallef,** filwaqt li inxtrat mingħand il-Premier Leasing and Investments Limited minn **omm u missier** Muriel, Natalie u Martin Micallef.[13] Il-prezz tal-vettura kien ta' sebgħa u għoxrin elf Ewro (€27,000).[14]

L-investigazzjonijiet wrew li Muriel Micallef għandha *savings account* mal-bank HSBC li fih kellu bilanċ ta' €257.79. Fil-passat kellha diversi vetturi f'isimha u ċioe` żewġ Mitsubishi Pajero, BMW 530s, Renault Megane, Mitsubishi Shogun u Volkswagen Passat.

Records tad-dipartiment tas-Sigurta' Soċjali wrew li bejn is-6 ta' Jannar 2008 u l-4 ta' Jannar 2009, Muriel Micallef kienet tieħu €117.91 fil-ġimgħa f'benefiċċji soċjali; bejn il-5 ta' Jannar 2019 sas-sena 2020, kienet tirċievi €119.46 fil-ġimgħa; bejn l-4 ta' Jannar 2020 sa 24 ta' Lulju 2020, kienet tirċievi €121.79 fil-ġimgħa. Dan minbarra *special weekly bonus* mis-sena 2015 sas-sena 2020 ta' €3.12 u

[10] Fol.337. Parti mill-istess triq tagħmel mal-Msida u xiehda xi drabi jsemmu r-residenza ta' Muriel Micallef bħala sitwata fl-Msida, dejjem fi Triq Qrejten minflok il-Pietà.
[11] **Dok.LV** a fol.475 et seq
[12] Fol.55
[13] Fol.55-56
[14] **Dok.LB** a fol.60 et seq. Vide xiehda James Zammit

*children's allowance* bejn is-sena 2018 u s-sena 2019 fl-ammonti ta'€22.23 fil-ġimgħa; bejn is-sena 2019 u s-sena 2020 dan żdied għal €24.08 fil-ġimgħa.[15]

Records miżmuma ma Jobsplus wrew li Muriel Micallef l-aħħar li ħadmet kien fis-sena 2006 bħala *Sales Assistant* ma' J&M *detergent shop*, fil-Ħamrun.[16]

L-Ispettur Bonello stqarret li l-investigazzjonijiet kondotti minnha wrew li finanzjarjament **Muriel Micallef tgħix biss fuq benefiċċji soċjali** li jiġu riċevuti b' cheques mibgħuta fl-indirizz tagħha.[17]

Fir-rigward ta' Natalie Micallef, omm Muriel, l-Ispettur tispjega li *"Din **mhux impjegata**, ma ghandha l-ebda relazzjoni mal-bank u lanqas **ma tibbenefika minn ebda Social Security Benefits**, pero min-naha l-ohra għandha fuq isimha **zewg vetturi li wahda minnhom tiswa madwar forty-five thousand Euros...**Skoda Comby GAC197 u Range Rover Hawk SCS621. Fil-passat ....kellha Nissan Qashqai KDZ334.".*[18]

Fir-rigward ta' Nicole Micallef, bint Muriel, l-Ispettur telabora li għandha kont miftuħ mal-bank BOV li fih għandha €29.41. Fil-passat kellha kont mal-HSBC però ma ġiex nnotat li saru tranżazzjonijiet. Nicole Micallef għandha vettura Volkswagen Golf reġistrata f'isimha. Jirriżulta li Nicole ilha taħdem f'Convenience Store sa mill-1 ta' April 2020.

Martin Micallef, missier Muriel, għandu kont miftuħ mal-bank BOV fejn għandu €44.65 bis-somma ta' €229.27 sospiża favur Melita Limited. L-imputat għandu reġistrati f'ismu żewġ Maruti Omni, Toyota Lite Ace u Toyota IST. Mir-records tal-Jobsplus jirriżulta li Martin Micallef kien impjegat fil-Works Division mis-sena 1975 sal-2011. Bejn is-sena 1991 u s-sena 1995 kien impjegat ukoll mal-Playmobil filwaqt illi kien reġistrat ukoll bħala *self-employed* bejn is-sena 1995 sas-sena 2001.[19]

L-Ispettur Bonello spjegat ukoll li fit-8 ta' Settembru 2020, saru tfittxijiet fir-residenzi tal-imputati kif ukoll fil-garaxx ta' mastrudaxxa ta' Martin Micallef f'Tas-Sliema. F'garaxx fi Triq Qrejten Msida, it-triq fejn tirrisjedi Muriel Micallef, nstabet ir-Range Rover imsemmija.

---

[15] Fol.56
[16] Ibid.
[17] Fol.56-57
[18] Fol.57
[19] Fol.57-58

**L-Ispettur Danilo Francalanza** iddeskriva kif nhar it-8 ta' Settembru, 2020[20] flimkien ma' PC883, WPC72 u PS747 esegwew mandat t'arrest f' Marshall Court, Block D, Flat 66, Triq ir-Rebħa, il-Gżira. Kif waslu fuq il-post lemħu lil Natalie Micallef u Martin Micallef ħierġin w infurmawhom li kienu taħt arrest fuq suspett ta' ħasil ta' flus. Waqt tfittxija ġew elevati bosta oġġetti li għalihom inħarrġu d-debiti riċevuti.[21]Saret tfittxija fil-garaxx fi Triq Ganni Bencini Sliema. L-irċevuti w oġġetti elevati lkoll ġew esibiti.[22]

Intqal mix-xhud kif Nicole Micallef, li kienet fuq il-post, irrifjutat li ssegwi l-ordnijiet tal-Pulizija biex titlaq minn fuq il-post u saħansitra bdiet tinsulenta lill-pulizija li kien hemm fuq il-post fejn anke offendiethom. Lil Francalanza qaltlu *"F'*** ommok"*.[23] Francalanza ikkonferma li Nicole tirrisjedi man-nanniet tagħha Natalie u Martin. Semma kif għal diversi drabi ġie spjegat lilha biex tħalli l-post sakemm issir it-tfittxija fil-presenza ta' nannuha Martin, iżda baqgħet ma tatx widen sakemm kważi kien ser ikollhom joħorġuha bil-forza.[24] L-għada, 9 ta' Settembru 2020, Nicole Micallef ġiet arrestata fejn saret tfittxija fil-vettura Volkswagen Golf SCQ 176 u minn hemm ġew elevati xi effetti personali.[25]L-istess vettura ġiet esibita formalment bħala **Dok.DFVW**.[26] Nicole ma wieġbet għall-ebda domanda fl-interrogazzjoni li saritilha.[27]

L-**Ispettur Ian Camilleri** semma kif l-investigazzjoni dwar Muriel Micallef wriet li din suppost kienet qed tgħix fuq <u>€400 fix-xahar</u> provvenjenti minn benefiċċji soċjali meta <u>l-aħħar impjieg tagħha kien fl-2006.</u> Kien hu li fit-8 ta' Settembru 2020, arresta lill-imputata mir-residenza tagħha fi Triq Qrejten, l-Msida. Tfittxija wasslet sabiex jiġu elevati bosta oġġetti fosthom effetti personali, mobile u ħwejjeġ tad-ditta (Elizabetta Franchi, Burberry, Tommy Hilfiger, Ralph Lauren u żraben ta' Louis Vuitton). L-Ispettur ppreżenta ukoll sensiela ta' riċevuti[28] tal-oġġetti u effetti li ġew elevati mir-residenza tal-imputata.[29] Irriżulta li f'garaxx fl-istess triq, (Triq Qrejten), kien hemm vettura

[20] Fol.74
[21] Fol.75.
[22] **Dok.DF-Dok.DF35.Dok.DF-Dok.DF31** a fol.80-111
[23] Fol.76
[24] Fol.78
[25] Fol.76 Esibiti **Dok.DF36-Dok. DF43** a fol.112-119. **Dok.DF32-Dok.DF35** u **Dok.DF43** esibiti bħala **Dok.KA211/2020**
[26] Fol.120. **Dok.DFVW1** u bir-riċevuta relattiva tiġi prezentata **Dok.DFVW2** a fol.121-123
[27] **Dok.DF44** a fol.124
[28]**Dok.IC-Dok.IC33** a fol.143-176 mmarkat **Dok.IC34** a fol.177-186
[29] Fol.138-139

Range Rover FCS621 li l-imputata Muriel kienet issuq meta tmur l-għassa l-Msida sabiex tiffirma.[30] Il-vettura ġiet prezentata formalment in atti.[31]

L-ispettur Camilleri ippreżenta wkoll l-istqarrija ta' Natalie Micallef[32] u dikjarazzjonijiet minn rappreżentanti ta' Dizz Group fejn intqal li kien hemm żewġ tranżazzjonijiet biss li saru minn Muriel Micallef, kif intqal minn Astrid Cachia.[33]

**Dr. Martin Bajada,** esebixxa r-rapport tiegħu dwar estrazzjoni li saret minn fuq apparat elettroniku li nġabar mingħand l-imputati.[34]

*Kontenut tal-Extraction*

Il-Qorti kellha tkun hi li teżamina il-kontenut tal-estrazzjoni li saret fuq kull apparat elettroniku li jinsab esibit fir-rapport tal-espert Bajada. Tali xogħol kien jispetta lill-prosekuzzjoni li kemm il-darba tkun talbet sabiex isiru *extractions*, għandha teżamina dak li jirriżulta minnhom sabiex tiddetermina jekk ir-riżultanzi jissostanzjawx o meno il-każ miġjub il-quddiem minnha.

Ġie osservat kif *tablet*[35] li nstabet fir-residenza tal-konjugi Micallef kienet evidentement tintuża għal *e-gaming* u ċioè *online gaming*. Mill-mobile **Dok.MB08** intwera kif l-konjugi Micallef jagħmlu xogħol ta' volontarjat mal-Caritas f'bini li jidher il-Kurja fejn ġiet organizzata ikla tal-Milied.

Mill-mobile (iPhone) ta' Muriel Micallef - **Dok.MB11** - ħareġ biċ-ċar kemm l-imputata **taf tgħix b'ritratti kollha iffokati fuq mawriet ħdejn *pools, parties,* ħarġiet fi clubs, ħwienet tal-ilbies** fejn numerużi huma r-ritratti tagħha tipprova ilbiesi go *changing rooms* jew f'darha.[36] Mill-kontenut tal-IT equipment tagħha intwera ukoll kif għal Ewwel Tqarbina ta' bintha mhux biss riċeviment sar iżda anke *photo shoot* minn fotografu professjonali ġewwa l-Imdina flimkien mal-familja tagħha. F' ikliet tal-familja jidher ukoll Glen Debattista fejn anke jidher jippoża magħha u bintha quddiem il-Knisja ta' Santa Venera fil-jum tal-preċett ta' bintha; dan jevidenzja r-rabta mill-qrib ta' Debattista ma Muriel

[30] Fol.139

[31] **Dok.ICRR a fol.187. Dok.ICRR1-Dok.ICRR2** a fol.188-189

[32] **Dok.IC35** a fol.190

[33] **Dok.IC36** u **Dok.IC37** a fol.191-194

[34] Fol.1017. Rapport **Dok.MB** a fol.1019 et seq. Oġġetti li saret ħidma fuqhom mill-espert tekniku esibiti bħala **Dok. KA308/2020** a fol.1086A.

[35] **Dok.MB10**

[36] D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache

għalkemm fiċ-*chats* jirriżulta messaġġ mibgħut minn Muriel f'nofs Awissu (19/08/2020), jidher li kien hemm xi diżgwid bejniethom. Mir-ritratti tagħha, *selfies* ġeneralment, m'hemmx dubbju li **biex tkun f'pożizzjoni tixtri dak l-ilbies ma jistax ikun li qed tgħix biss fuq benefiċċji soċjali**.

Fl-*extraction* imsemmija jidhru wkoll *stills* u videos ukoll ta' *drug control tests* li sfortunatament dejjem wrew pożittività għall-sustanzi illeċiti.[37]

*Videos* juru żewġ (2) discos li saru fi Triq Qrejten, Msida quddiem ir-residenza ta' Muriel Micallef, Santa Marija Flats, fejn Muriel u nies oħra jidhru jiddevertu u jiżfnu f'nofs ta' triq. Dan jikkorrobora dak li jixhed Christopher Scerri meta jsemmi li Muriel ċemplet lill-Ispettur Ransley biex tirringrazzjah talli ingħatat permess torganizza dan l-avveniment fi żmien il-Covid![38]

Mill-*extraction* tal-mobile ta' Nicole – **Dok.MB12** - tidher żagħżugħa li hi anzjuża biex tfittex xogħol u li tassew turi impenn fuq ix-xogħol kif joħroġ biċ-ċar mir-ritratti li tieħu tal-xkafef tal-*Convenience Store outlet* fejn tagħmel ordnijiet, isegwi *deliveries* etc. Fl-istess ħin dan il-kontenut juriha bħala tifla tal-

---

[37] "D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache\AbA";
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\cplAT2cmZTGBuNM0fHryiw_lHft++XU.mov";
"D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache\Asp"; (1/9/2020)
"D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache\AT2"; (25/08/2020)

[38] "D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_0839.MOV" 24/04/2020
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_0854.MOV"
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_1173.MOV" 15/05/2020 tidher it-tifla z-zgħira fl-entratura, "Santa Marija Flats")
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_1178.medium.MP4"
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_1183.MOV"
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\IMG_1181.MOV"
IMG_1180 - IMG_1190 u IMG_ 1192-IMG1198 (Id-DJ tinstema tgħajjat *"Viva Muriel and friends"* u ssemmi kif din hi it-tieni darba li marret iddoqq f'dik it-triq)

età tagħha taf tiddeverti f'safar u divertiment ieħor iżda tiddeverti bil-moderazzjoni.

*Stqarrijiet*

**Dr. Noel Cutajar** ittraskriva l-istqarrijiet awdjo-viżivi li rrilaxxaw l-imputati.[39]

Muriel Micallef[40] u Nicole Micallef[41] eżerċitaw d-dritt tagħhom għas-silenzju.

Natalie Micallef stqarret biss li hi pensjonanta iżda qalet li ma tafx kemm tirċievi bħala pensjoni w għażlet li teżerċita d-dritt għas-silenzju għall-bqija tad-domandi li sarulha.[42] Jingħad li jirriżulta mix-xiehda tar-rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali li fil-fatt Natalie ma tirċievi l-ebda pensjoni personalment iżda tgħix bil-pensjoni ta' żewġha.

Martin Micallef stqarr li hu pensjonant fejn qabel ma rtira kien jaħdem bħala mastrudaxxa mal-Gvern. Ma weġibx meta mistoqsi għandux xi introjtu ieħor apparti għall-pensjoni li hi dik ta' €1,100 kull erba' ġimgħat li jirċieviha direttament il-bank. Jirrisjedi ma martu w minn żmien għal żmien tirrisjedi magħhom in-neputija Nicole. Il-pensjoni jgħaddiha lill-mara wara li jiġbidha mill-bank għall-għajxien u ma tantx ifaddlu minnha.[43]

L-Ispettur Camilleri, in kontro-eżami, jagħmel il-punt rilevantissimu fir-rigward ta' każijiet ta' riċiklaġġ. Jispjega li meta ipprova jinvestiga l-*life style* ta' Natalie Micallef, peress li hi għażlet li teżerċita d-dritt tas-silenzju, ma setax jistabbilixxi jekk l-għejxien tagħha kienx wieħed konsonanti mal-introjtu leġittimu tagħha.[44]

Iktar il-quddiem jiġu ikkunsidrati l-implikazzjonijiet legali tal-fatt li kemm fl-istqarrija kif ukoll f'dawn il-proċeduri, l-imputati għażlu ma jirrispondu għall-ebda domanda dwar l-introjtu tagħhom kif lanqas wieġbu għal mistoqsijiet relatati mal-għejxien u *life style* tagħhom. F'dan l-istadju jingħad biss li n-nuqqas ta spjegazzjoni għal provvenjenza tal-oġġetti ta' valur li nstabu, it-tip ta' għejxien li kienu jikkonduċu, jassumu rilevanza tenut kont ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373**, Ligijiet ta' Malta.

---

[39] **Dok.NC-Dok.NC3** a fol.498-553
[40] **Dok.NC1** a fol.511-527
[41] **Dok.NC3** a fol.541-552
[42] **Dok.NC2** a fol.528-540
[43] **Dok.NC** a fol.498-510. Kopja oħra esibita **Dok.NCZ** a fol.1897 et seq
[44] Fol.3080-3081

Ai termini ta' din id-dispożizzjoni, l-oneru jinkombi fuq l-imputat biex jipprova l-provvenjenza leċita tal-flejjes kemm il-darba l-prosekuzzjoni tkun wriet li l-imputat ma jkunx offra spjegazzjoni raġonevoli għall-propjetà jew rikavat allegatament miksuba mir-reat:

> (3) Fi proċeduri dwar reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(b)[45] tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi., għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

<u>*Xhieda oħra*</u>

**Lydia Grech**, għalliema fl-iskola St Joseph il-Blata l-Bajda, spjegat li kienet tgħin lit-tifla ta' Muriel fis-suġġetti tal-iskola fejn inizjalment kienet tmur fir-residenza ta' Muriel fil-Pietà, iżda wara s-sessjonijiet bdew isiru l-iskola wara l-ħin.[46] Tispjega kif meta darba minnhom it-tifla kellha xi *homework* b'lura u peress li kien sarilha l-ħin, issuġeritilha li tagħmlu flimkien ma ommha Muriel, *"u dak il-hin qaltli il-mama jkollha hafna x'taghmel u semmiet* ***li taghmel xi Rocks****, Rocks qaltli lili t-tifla u jien dak il-hin hsibt li forsi tpingi fuq xi pebbels għax ahna ġieli ghamilna l-iskola crafts inpingu fuq pebbles, u staqsejtha hekk, ghidtilha 'tpingi fuq il-pebbles?' jiena. Imbaghad qaltli 'no', qaltli* ***'taqtaghhom u taghmilhom f'bags u titfaghhom fil-mizien', qaltli 'jkunu qishom sweets imma mhux sweets'*** *.... Daqshekk biss imma naf."* Dak iż-żmien it-tifla kienet bejn Year 1 u Year 2, kellha *"six jew seven"*.[47]

**Christopher Scerri** beda biex jispjega li kien f'relazzjoni mal-imputata Muriel Micallef. Għaraf lill-ġenituri tagħha bħala l-ex kunjati kif ukoll lil bintha, Nicole Micallef. Semma kif suppost għandu tifla minn Muriel iżda hi tgħid mod ieħor tant li lit-tifla ma jarahiex.[48] Irrakkonta li fl-2011 kien ammetta għal reat li kien kommess minn Muriel u talli skansaha mill-ħabs tagħtu 10 grammi *coke*:

> ***"Christopher Scerri****: Jien dak iz-zmien fit-2011 anke ammettejt kazi li mhux tieghi, sabulna l-mobile roza u kellu miktub gej għal wahda u kelli nammetti li tieghi, dak kollhu għal ghaxra coke biex tatni ghaxra coke hadthom dak iz-zmien..... mela* ***kienet ittini l-coke biex naghlaq halqi u nammetti l-każ....***

---

[45] **22(1C)(b)** tal-Ordinanza msemmija nsibu:

> (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kienux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provvenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

[46] Fol.2058-2060

[47] Fol.2061-2062

[48] Fol.1912

*__Qorti__: u dil-haga ta' darba kienet?*
*__Christopher Scerri__: E mhux darba. Ghamilta xi tlett darbiet."*[49]

Scerri jkompli b'dikjarazzjonijiet skjaċċanti:

*"__Christopher Scerri__: Kollox naf għax __dawn qeghdin cirku__ u mhux kollu imkisser ic-cirku hija ta. Hawnhekk nofsu hawn. Nofs ic-cirku hawn. Dik baqa' gix lavranti barra hadd ma kellimhom u baqa' min igibha minn barra d-droga ukoll. __Baqa' min igibha minn barra d-droga li jkollha hi.__*
*__Prosekuzzjoni__: Jigifieri x'taghmel biha Muriel did-droga?*
*__Christopher Scerri__: __Mhux tbieghha?__*
*__Prosekuzzjoni__: Tbieghha*
*__Christopher Scerri__: __Tbieghha mela.__*
*__Qorti__: imma inti dan tafu kif Sir?*
*__Christopher Scerri__: Nafu għax __jien kont niehu u kont qisni li juzawni. Mhux inbigh ta. Li biex naghlaq haqli jtuni u noqghod hemm jiena.__ ...*
*__Qorti__: issa, min iktar allura minn go dik id-dar kien ikollhu d-drogi?*
*__Christopher Scerri__: __Missierha kien izommielha gol-garaxx, jahbihielha gol-garaxx.__[50] __....__*
*__Qorti__: Sinjur int l-ewwel semmejt Martin Micallef kif kien izomilha d-droga l-garaxx. Fejn? U kif tafu dan?*
*__Christopher Scerri__: Heqq għax kont naf kollox jiena hux*
*__Qorti__: Imma kif għax rajtu?*
*__Christopher Scerri__: jien naf anke min igibhielha minn barra d-droga... Kugintha, Dolores Cauchi. Igibuhiela mas-souvenirs ha nghidlek ezatt. Mhux kilos ta. Imma __jnizzlu mitt gramma.__"*[51]

Scerri jiddeskrivi **il-garaxx fejn kienet tinżamm id-droga minn Martin għal Muriel** bħala dak li jinsab tas-Sliema fejn kien jaħdem l-injam**.** Jisħaq li x-xhud Carmelo Grech gideb għaliex il-post ma kienx jinkera iżda kien nxtara: *"Id-dar suppost taghna*[52]*.....Flat 3 Santa Marija Qrejten Street, Pietà. Kont nghix fih. Pero hi dejjem tghajjat li hi darha."*. Zijuh Raymond Micallef kien għamel għomru jaħdem u kien sellfu l-flus biex xtralha l-post. Mill-flus li tah zijuh ġieli nefaqhom għand Muriel stess biex xtara l-*coke*:

*__"Qorti__: kif? Jigifieri kienet tichargjak ghall-coke?*
*__Chrisopher Scerri__: Qeq mela. Tal-lira zzommli tlieta tal-coke! Tal-lira zzommli tlieta hija. Issa da mhux gideb ta hija ghandi stqarrija ta' sitt xhur ilu. Da mhux igifieri vvintajta. Da wara l-każ li qed issemmi hi.*
*__Qorti__: Alright. Lil min tajthom inti dal-flus tal-post?*

---

[49] Fol.1914
[50] Fol.1915
[51] Fol.1917
[52] Ibid.

> ***Christopher Scerri****: Il-post lil Charles Grech il-flus tal-post. Issa ta' dan jien biex inkompli nzomm il-provi ezatt, bejnietna kien hemm sensar pero ghadu ma ssemmiex pero lest li nsemmih ukoll. .... Keith Rizzo joqghod hdejn il-Blue Sisters....ha sehmu tas-senserija ukoll".*

Meta jixhed **Keith Rizzo** jinnega li kien għamel xi xogħol ta' senserija għalkemm irriżulta li ġie l-Qorti jixhed mingħajr ma għamel riċerki u strah biss fuq il-fatt li qal li ma għarafx lill-imputat Muriel. Qal li ma kienx familjari ma l-isem Charles Grech, Carmel Grech jew CG Props Ltd. Minkejja li Keith Rizzo ma jikkonfermax dak li jgħid Scerri, jibqa' fatt li Scerri semmieh bħala sensar, dettal li rriżulta hu minnu. Scerri anke indika fejn jirrisjedi l-istess Rizzo, indikazzjoni li dan ma ivvintax l-isem u xogħlu mix-xejn; dettal li fil-verità hu superfluwu iżda juri li Scerri ma żammx il-bogħod mid-dettalji.

Tenut kont li l-Qorti għandha, kif ser jintqal aktar il-quddiem, **ċ-ċertezza assoluta li d-*duplex* fejn tirrisjedi Muriel jappartjeni lilha bħala s-sid u mhux bħala l-*lessee***, ser tkun ferm kawta milli tistrieħ fuq id-depożizzjoni ta' dan ix-xhud li tenut kont li hu sensar u meta fi kliemu jara ħafna nies fil-mestier tiegħu, Alla jbierek <u>b'ħarsa waħda</u> lejn l-imputati u mingħajr ebda riċerka ulterjuri, jinnega li jaf lill-imputati jew lil Grech is-suppost *"kerrej"!* Iktar minn hekk jasal jgħid li riċerka ma għamilx u dan minkejja li r-riferta kienet tindika l-ismijiet tal-imputati:

> ***"Qorti:*** *Le le that is not the point, not doubting your veracity. Li qed isaqsik huwa, inti ghamilt, fittixt fir-records tieghek dawn l-ismijiet telax xi haga?*
> ***Keith Rizzo:*** *Iva fil-whatsapp li ghandi eluf, basically din hi l-importanti, hekk ma naghmlux viewings ma nissejvjawx in-name ghax l-ewwel jiktbu fuq il-whatsapp and we don't like to waste time ghax time is precious....*
> ***Prosekuzjoni:*** *Propjeta' gewwa Triq il-Qrejten Msida*
> ***Keith Rizzo:*** *Imma ma nkunx nafhom hekk it-toroq, jekk ma krejtilix xi post hemm qed tghid? Forsi tghidli s-sid min hu ghax nista' nillinkja s-sid, jekk tghidli l-landlord min hu forsi nista, taf min hu l-landlord?*
> ***Prosekuzjoni:*** *Il-landlord Charles Grech, jew Carmel Grech ta' C G Properties*
> ***Keith Rizzo:*** *No ta".*[53]

Scerri jkompli jixhed li ma jiftakarx kemm ħallas lil Grech għall-post tal-Pietà li jinsisti <u>għandu nofsu</u>, fatt li jisħaq anke l-familjari ta' Grech huma konsapevoli li l-fond ġie <u>mibjugħ lilu w lil Muriel</u>. Ikompli li qatt ma għamel xejn bil-kitba *"jien dejjem kien hemm il-coke fin-nofs allura kienet taghlaqli ħalqi bil-coke u dejjem kont naghlaq halqi bilfors...u* ***d-droga ghada ghaddejja tinbiegh*** *jigifieri Sinjura Magistrat ta. Qed mela mil-lavrant...Glen Debattista faccata tal-Ghassa ezatt tas-Sliema. Dawk bil-lavranti jigifieri."* Jaf dan għaliex l-ex tfajla tiegħu, ċertu Kim, ***"kienet tmur tinqeda mingħandhom ukoll fejn kienet iccempel lil Muriel u***

[53] Fol.2389-2390

***jaqdiha Glenn minn tas-Sliema. Ezatt faccata tal-Ghassa."*** Ikompli jagħti aktar dettalji dwar it-traffikar ta' droga minn Muriel għaliex **kien assista għall-bejgħ ġestit minnha** u jsemmi kif tgħix magħhom id-dar kien hemm ċertu Marion Schembri li kienet *"tbiegħ [id-droga] 24 hours mid-dar taghna"* tal-Msida.[54]

Scerri jsemmi kif sar jaf li kellu jixhed meta ħbieb ta' Muriel, Shaun Zammit u Loriana Azzopardi, ċemplulu *"biex nirranġaw ta' dal-kaz"*.[55] Dan kien f' jum San Pawl, l-10 ta' Frar, u x-xiehda tiegħu ngħatat fis-16 ta' Frar, 2021. Qalulu li Muriel iġġiblu rispett u *"biex nirranġaw? U għax Muriel ma jisthoqilhiex hekk...Qalli u skużat ruhha talli ghamlitlek.....Biex nirranga maghha...il-Qorti qatt ma ssemmiet"*.[56] Jingħad li Azzopardi[57] u Zammit[58] jikkonfermaw li tkellmu ma Scerri għalkemm jiċħdu li dan sar biex jinfluenzaw ix-xiehda tiegħu.

Dan il-fatt hu turija li x-xhud, minkejja l-passat kriminuz tiegħu, hu <u>veritjier</u> fid-depożizzjoni tiegħu, kif jixhdu dettalji li spontanjament jagħti mingħajr ħtieġa li jiġi mbuttat meta jsemmi indirizzi, jagħti *locations* u jidentifika persuni speċifiċi, lkoll ċirkostanzi li jimmillitaw versu l-kredibbilità u affidabbiltà tax-xhud. Jingħad dan għaliex minkejja li kien hemm *<u>falling out</u>* bejnu w Muriel, l kieku ried iżejjen ix-xiehda tiegħu dwar dak li qalulu ħbiebha, faċilment seta' jgħid li semmewlu l-każ iżda minflok jinnega li kellmuh speċifikament fuq il-każ, *"il-Qorti qatt ma ssemmiet"*.[59]

Jiġi emfasizzat li m'hemmx dubbju dwar il-ħajja kriminuża ta' Scerri. Hawnhekk il-qorti hi rinfaċċjata b'xenarju ta' riċiklaġġ fejn l-attività sottostanti hi t-traffikar ta' droga. <u>Nies involuti fi traffikar ta' droga mhux ser ikunu sorijiet u qassisin imma kriminali inkalliti</u>. Ċertament li kemm il-darba Scerri ħassu tradut minn Muriel, kien ser ikun ħerqan jekk mhux ukoll entużjast, sabiex jiddeponi fuq fatti li jinkriminawha. B'daqshekk ma jfissirx li qed jigdeb. Jiġi mfakkar li l-artikolu 633(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

> **633.** (1) Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud ma tista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja, jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdew il-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jew imħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jew <u>interess ieħor</u> mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jew akkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u min għandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint li x-xiehda hija vera, għandu jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istess mod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minn persuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kif jingħad hawn fuq.

---

[54] Fol.1921
[55] Ibid.
[56] Fol.1923-1924
[57] Fol.2379 et seq
[58] Fol.2363 et seq
[59] Fol.1923-1924

Imbagħad fl-artikolu 636(c) tal-Kodiċi Kriminali nsibu:

> **636.** Ebda eċċezzjoni dwar il-kompetenza ta' xhud ma tiġi milqugħa minħabba - .....
> (*ċ*) li jkollu interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xiehda tiegħu, jew fir-riżultat tal-kawża;

Filwaqt li-

> **637.** L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbilità tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:

Christopher Scerri ikompli jixhed li l-flus li Muriel ħallset għall-post li kienu jgħixu fih, li <u>nxtara mingħand Grech</u>, kienu **provvenjenti minn bejgħ ta' droga**.[60] Dak li jsegwi fix-xiehda ta' Scerri jkompli juri kemm dak li jgħid għandu mis-sewwa għaliex, meta mistoqsi dwar kif kienet ħajjithom flimkien, jagħmel riferenza għal "*stones*" li l-għalliema/*facilitator* Lydia Grech ukoll tirreferi għalihom bħala ***"rocks".***

Waqt li jispjega li fid-*duplex* Muriel kienet tgħix fis-sular ta' fuq, jsemmi kif hu kien jgħix fis-sular t'isfel: *"hi titfali l-coke biex niehu u t-tifla tghidilha d-daddy jiehu,* ***it-tifla taf ukoll li l-istones jigifieri għal coke imsajra, l-istones għal mummy ghaliha xogħol. Ghax qalet lil Ms Lydia tistghu ticcekjaw ukoll. Wahda jisimha Ms Lydia qaltilha x'tahdem il-mummy? Qaltilha tbiegħ l-istones."[61];*** fatt li jiġi konfermat minn Lydia Grech stess.

Scerri jkompli:

> ***Prosekuzzjoni***: *Issa l-ghixien ta' Muriel minn fejn kien jiġi?*
> ***Christopher Scerri*: *Mid-droga hi, mhux mid-droga nahseb hux? Mid-droga hux.***
> ***Prosekuzzjoni***: *sa fejn taf inti*
> ***Christopher Scerri***: *isma jiena ġieli mort inhalsilha l-ilbiesi kienet tibghatni bl-envelope maghluq imma jien kien jilhaqli mohhi. Kont nghid ha nara jekk hux qed tibghatni bil-coke. Kieku kienet tibghatni bil-coke kont nisraqha ukoll ta' jigifieri. Il-verita' nghid għax il-vizzju jghelbek. U kont niftah l-envelope ġieli jien,* ***elf ewro fil-gimgha jew hames mija hwejjeg kienet tonfoq, u kont immur inhalsilha.***
> ***Qorti***: *u għand min kont tmur thallas?*
> ***Christopher Scerri***: *għand wahda Louisa Schembri minn Hal Qormi. Kienet iggibilha l-hwejjeg mill-internet. Minn tas-Sliema propja pero toqghod Hal Qormi naqra 'l fuq mill-ghassa. Kont immur bil-flus bl-envelope maghluq. .......Kienet*

---

[60] Fol.1924
[61] Fol.1926

*iġġibhomla minn barra nahseb, kollha tad-ditta..... Ghaliha mela, ghaliha. Heqq tghidx mhux ghalija"*[62]

Dan id-dettal jiġi konfermat minn Louisa Schembri stess meta tixhed.

Dwar ir-Range Rover jgħid li xtratha mingħand il-Premier bil-flus iġibhom "***Minn tad-droga zgur***. *Ghax ic-cheque tar-relief mhux se jserviha"*; [63] konstatazzjoni li kemm il-Qorti kif ukoll l-investigaturi ilhom li wasslu għaliha!

Ikompli jispjega kif **Natalie u Martin Micallef kienu jgħinu lill-binthom fl-attività illegali tagħha, iżommulha d-droga u kif tassew kienu qed iwettqu riċiklaġġ** huma stess għaliex kienu qed iħaddmu, iżommu w jużaw flejjes u propjetà provvenjenti minn reat u ċioe` mit-traffikar ta' droga ta' binthom Muriel:

> ***" ... ommha u missierha kienet thallashom biex imorru l-Casino talli jzommilha d-droga..... Ommha u missierha kienu jiehdu l-flus minghandha talli kienu jzommulha d-droga. Talli missierha kien izommielha l-garaxx, kienet thallsu ukoll....naf għax kienu jsiru quddiemi hux dawn l-affarijiet".***[64]

Scerri semma wkoll li l-Assistent Kummissarju Theuma kien qallu li Muriel bil-liċenzja tbiegħ id-droga u li fit-28 t'April 2020 – data speċifika - ċemplet lil Ispettur Ransley u qaltlu li tħobbu talli ingħatat permess tagħmel *disco* fit-triq (kif kien qed iseħħ waqt il-pandemija).[65] Il-Qorti li eżaminat l-*extraction* tal-iPhone ta' Muriel (**Dok.MB11**) tassew sabet filmati meħuda fi Triq Qrejten nhar il-25 t'April 2020 (u *disco* ieħor li seħħ fil-15 ta' Mejju, 2020); **ma kienx qed jigdeb** Scerri lanqas fuq dan il-fatt t'importanza minima!

In kontro-eżami Scerri ikkonferma li f' Lulju 2020 ġie arrestat talli sawwat lil Muriel fejn il-kawża għada pendenti, kif anke jikkonferma l-Ispettur Sheldon. Hemmhekk intemmet ir-relazzjoni tagħhom wara tlettax (13) il-sena. Ikkonferma bla tlaqliq li Glen Debattista u Marion Schembri, li jiddentifikahom bħala il-**lavranti ta' Muriel fin-negozju ta' bejgħ ta' droga**, xehdu kontra tiegħu li sawwatha iżda jibqa' jsostni fuq dak li qal dwarhom għax *"Dawn jarawhom mill-ghassa hija ta tas-Sliema ta"*.[66] Flus għall-propjetà li **nxtara minnhom mingħand Grech** kien iħallas kemm titolbu Muriel, iżda ma jafx kemm bl-eżatt

[62] Fol.1926-1927
[63] Fol.1927-1928
[64] Fol.1928
[65] Fol.1929
[66] Fol.1930-1932

għalkemm jidhirlu li ħallsu tmenin elf (€80,000) kull wieħed bi flusu ġejjin mingħand zijuh.[67] Kif intqal aktar l-isfel jintwera li **anke fuq il-fatt li il-flat fi Triq Qrejten inxtara u ma kien b'kirja xejn, jiġi kkorroborat Christopher Scerri**!

In vista tax-xhieda li jaħti Scerri meta semma *"L-Assistent Kummissarju taf x'qalli? Qalli dik id-droga bil-liċenzja tbiegha"*, [68] itella jixhed l-**Assistent Kummissarju Dr. Dennis Theuma**[69] li qal li hu qatt ma ta liċenzja sabiex Muriel tbiegħ droga. Fil-verità Scerri qatt ma qal li Theuma qallu li hu taha xi liċenzja lil Muriel biex tittraffika, ġennata ta' dikjarazzjoni li kieku konfermat li qal hekk, iżda dak li jgħid Scerri hu li Theuma qallu kliem fis-sens li tbiegħha bil-liċenzja mhux li l-liċenzja tahilha hu kif donnu jiġi allegat bid-domandi li jsiru lil Theuma.[70] Indubbjament kliem sarkastiku bla ebda uqija ta' verità!

Xhud ieħor kien l-**Ispettur Jonathan Ransley** li semma li jaf lil Muriel Micallef għaliex għamlet rapport kontra Christopher Scerri, meqjus minnu bħala raġel perikoluż, fuq vjolenza domestika.[71] Meta ġie mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk l-Ispettur qattx kellu xi relazzjoni ma' Micallef, mhux fil-kapaċità professjonali, l-Ispettur innega dan.[72] Lill-Ispettur Ransley jsirulu domandi fejn jintqal li Scerri qal li Muriel kienet "poġġuta miegħu". Però dan mhux korrett għaliex kliem Scerri kien differenti u ċioe` li *"**Hi tiġi tghidli** li pogguta mal-Ispettur Ransley, mort nistaqsih waqajt ghac-cajt...baqa' ccassat"*.[73] Mela sa mill-bidu nett Scerri ħass li kellu jikkonfronta lill-Ispettur b'dak li qaltlu Muriel u l-abbli Spettur mill-ewwel ċaħad. Fil-fatt id-dettal li Scerri ħass li kellu jivverifika dwar dan ma l-Ispettur Ransley, juri li tassew qaltlu dak il-kliem tant li emminha.

Kienet din il-Qorti li riedet tisma lil dawn iż-żewġ uffiċjali ħabrieka tal-Pulizija w issa li nstemgħu, issib li bix-xiehda tagħhom bl-ebda mod ma jimminaw dak li qal Scerri. Iktar minn hekk, ix-xiehda tagħhom timmanifesta li Scerri kien magħruf mal-pulizija w midħla ta' attività illegali bħal ma jixhed fuq dik li kienet isir **quddiem għajnejh, traffikar ta' droga**, minn Muriel bl-assistenza tal-ġenituri tagħha. Anke hawn il-Qorti tosserva li kieku Scerri ried jigdeb u

[67] Fol.1934
[68] Fol.1929
[69] Fol.2396
[70] Fol.2396-2397
[71] Dan jiġi konfermat mill-Ispettur Colin Sheldon, li ressaq lil Scerri fuq vjolenza domestika dwar każ rapportat fit-8 ta' Lulju 2020, ġimgħa wara li twaqqfet u ġiet arrestata Muriel bid-drogi fil-vettura (fit-30 ta' Ġunju, 2020), kif jixhed l-Ispettur Mercieca (fol.2449-2451); każ li hu pendenti quddiem l-Onor. Maġistrat, issa Imħallef Dr. Natasha Galea Sciberras, fol.2556-2557.
[72] Fol.2446
[73] Fol.1929

jivvendika ruħu ma Muriel, ma kien hemm xejn li jżommu milli jimplika anke lill-bintha Nicole, iżda dwar Nicole ma jlissen xejn u ma jimplikaha assolutament f'xejn!

Jibqa' l-fatt li xhud Christopher Scerri għalkemm kellu interess jixhed kontra l-imputati u senjatament Muriel, jagħti dettalji li jiġu korroborati mill-assjem ta' provi prodotti. Senjatament **il-ħajja li kienu qed jgħixu l-imputati meta l-introjtu leġittimu tagħhom ma kienx jippermetti għejxien simili,** b'dak l-ammont ta' ħwejjeġ tad-ditta, nfiq f'kull *casino* f'Malta u f'safar! Kif ser jiġi muri l-konjugi Micallef daruhom il-*casinos* ta' Malta, u għalhekk Scerri ma kienx qed jivvinta dwar dan id-dettal lanqas.

Tant hu hekk li anke kieku l-Qorti ma ridietx temmen kull ma jgħid Scerri senjatament rigward dak li seta' fehem li qallu l-AC Theuma, kif mgħallem fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs. Daniel Montebello**:[74]

> .... xhud tista' temmnu f' kollox, tista' temmnu f' parti jew tista' ma temmnu f' xejn.

L-istess tenniet dik il-Qorti diversament preseduta fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Salvinu Vella**:[75]

> Huwa rimess ghall-gudikant f'tali cirkostanzi illi jghazel li jemmen lil-xhud f'kollox jew f'parti minn dak li jghid. Ma jfissirx illi ghaliex Qorti tghazel li ma temminx lil xhud f'haga, ma tistax temmnu fi hwejjeg ohra.

Tant hu hekk li f'dak li jgħid Scerri hemm dettalji li jirriżultaw minnhom kif ġa indikat.

Scerri ikompli billi jsemmi lil ċertu **Dolores Cauchi** bħala dik li mill-esteru ġġib droga għal Muriel moħbija ma *souveniers*. Cauchi stess tikkonferma li hi kuġina ta' Muriel, u taħdem f'ħanut fejn tbiegħ *souveniers* ta' Malta. Mistoqsija minn fejn iġib *souveniers* twieġeb li jiġu tramite aġent.[76] Tixhed li Scerri ħadha kontra tagħha għaliex kien iċċempilha biex tgħaddi risposti lil Muriel mill-ħabs iżda hi bblokjatu. [77]

Persuna oħra li jinvolvi Scerri fl-attività kriminali ta' Muriel hu **Glen Debattista,** li meta jixhed jikkonferma li għandu kondotta kriminuza tant li kien inkarċerat. Debattista beda biex jispjega li huwa ilu jaf lill-imputati kollha madwar tnax-il

---

[74] Per Onor Imħallef Joseph Galea Debono, Deċiża 16 ta' Novembru, 2006; Appell Kriminali Numru. 301/2006
[75] Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti; Deċiża 30 ta' Settembru, 2019
[76] Fol.2839-2842
[77] Fol.2843

sena. Jaf li Muriel kienet f'relazzjoni ma' Chris Scerri li kien ilu jafu snin. Għalih Muriel qisha oħtu. Kien jaf li kien hemm ġlied bejn Scerri u Muriel u Chris qallu jgħid lil Muriel li jekk toħroġ mid-dar ser jitfagħha mill-bejt għall-isfel. Aktar tard ċemplet Nicole u qaltlu jiġbor lill-ommha u Marion mill-għassa. Hu mar u ħadhom lura d-dar. Jumejn wara ċempillu Chris u qallu qed ifittex lil Muriel biex jisparalha għax kienet ma xi wieħed, Matthew, mill-Għargħur. Hu w Scerri huma miksurin u meta Scerri jarah jinfexx jgħajru[78] probabbli għaliex xehed kontrih fil-każ dwar vjolenza domestika li ssemma.[79] Jiċħad li jgħix ma Muriel u semma kif Chris u Muriel kienu jgħixu fl-istess dar fi Triq Qrejten l-Msida ħdejn Muscat Pastizzeria li tinsab ukoll fl-istess triq. Xi sena qabel, hekk kif Muriel Micallef ħarġet mill-ħabs, Chris Scerri ma baqax jirrisjedi magħha u mar jgħix ma ommu f'Ħal-Qormi.[80]

Mistoqsi kienx jixtri rigali u ħwejjeġ għal Muriel, stranament jirrispondi li kien jgħaddilha flus minn dak li kien jġemma hu minn xogħol tal-ħabs u ipproduċa *statements*[81] ta' flejjes li kellu fil-kont tal-ħabs kif ukoll dak li kien jithallas għal xogħol li kien jagħmel fil-ħabs! Peress li Muriel kellha sekwestru kien jgħaddihomlha tramite terzi Donatella Falzon u Marita Camilleri u dan għaliex, fi kliemu, Muriel tkun trid tixtri xi affarijiet għaliha. Jiċħad li kien jieħu droga jew li jixtriha mingħand Muriel.[82]

Tali xiehda toħloq ħafna perplesità għall-Qorti.

Debattista jippretendi li għandu jitwemmen li mill-flus li familtu kienu jiddepożitawlu fil-kont tiegħu fil-ħabs, hu kien jagħmel tajjeb għall-kapriċċi ta' Muriel *"Ghax ħbieb kbar"*.[83] Mhux talli hekk, iżda wara li ħareġ mill-ħabs, xorta baqa jagħmel tajjeb għall-kapriċċi tagħha billi kien jixtrilha ħwejjeġ tad-ditta li jiswew kemmxa sew u dan minn bejgħ ta' kartolini u bolol li kien jinnegozja fihom: *"**Anke mill-habs tajtha**....Lanqas jien ma kont narahom għax lanqas nifthu l-basket"*.

Ix-xhud iħalli l-Qorti inkredula meta jiddikjara li tenut kont negozju li jsemmi li kellu, iżda li jibqa' mhux sostanzjat b'xi farka ta' provi u mingħajr ma wera li kellu x' impjieg ieħor, kien **jonfoq bl-addoċċ għaliha mingħajr ma jaf x'kienet qed tixtri!**![84] Il-Qorti ma tiddubitax minn kliem Debattista li hu w Muriel huma

[78] Fol.2081-2089
[79] Fol.2092
[80] Fol.2091-2092
[81] **Dok.GD** a fol.2110 et seq
[82] Fol.2093
[83] Fol.2095
[84] Fol.1096-2097

*"ħbieb kbar"*[85] u *"hbiberija, specjalment ma' Muriel habib kbir jien qisha ohti"*.[86]Ix-xiehda tiegħu, li xejn ma tagħmel sens, tassew timmanifesta safejn kien lest jasal ix-xhud fuq il-pedana tax-xiehda għal dik il-"ħbiberija"!

Fuq domandi in ri-eżami, jikkonferma li hu kien ġie inkarċerat bejn l-2017 u 2020 fuq serqa li saret fl-2011, meta ma kien bla xogħol.[87] Anke hawn tqum il-mistoqsija: jekk kellu tant ġid mill-bolol u kartolini li kien jġemma missieru, għaliex kellu għalfejn jisraq meta sab ruħu bla xogħol?!

Dwar flejjes li kien jgħaddi lil Muriel – u dan mingħajr raġuni li għandha missewwa fejn la jispjega kif kienet titlob minnu flus u oġġetti oħra meta taf li hu priġunier u fejn il-loġika u l-buon sens jiddetta li jsir bil-kuntrarju (ċioe` fejn kellha tkun hi li tara li ma kienx jonqsu xejn waqt iż-żmien ta' inkarċerazzjoni) - jgħid li *"Qabel tajtha u waqt li kont il-habs ukoll tajtha"*.[88] Dan meta fi kliemu Muriel kienet f'relazzjoni ma Christopher Scerri u tgħix miegħu!! Min hu daqshekk imbeċilli sabiex jgħajjex mara oħra f'relazzjoni; saħansitra anke minn ġewwa l-ħabs? Iktar ma jagħmilx sens Debattista meta jgħid li dawn il-flejjes li kien jagħti lil Muriel kienu propju flus li familtu kienu jpoġġulu l-ħabs li jgħid kienu ta' *"kienu jpogguli mitejn, mija u hamsin fil-gimgha"*[89] u kellu paga tal-ħabs kienet €150 fix-xahar.

Dan ikompli jikxef l-ingann ta' Debattista; verżjoni li għandha mill-ħrejjef meta hu fatt magħruf li fil-ħabs l-ammont massimu li jista' jiġi depożitat f'ġimgħa hu dak ta' €150 u fl-ebda punt tal-inkarċerazzjoni ma jista' priġunier ikollu flejjes fil-kont tiegħu li jaqbżu l-€5,000.

> ***"Prosekuzjoni:*** *Bejn wieħed u ieħor kemm tajtha flus din lil Muriel?*
> ***Glen Debattista:*** *Mela jien nista' nghid*
> ***Qorti:*** *Issa nghodduhom hawn*
> ***Glen Debattista:*** *Dawk li ghandek hemmekk tista tghoddhom imma li tajtha u ma jidhrux ma tistax tgħid*
> ***Prosekuzjoni:*** *U dawk il-flus minn fejn gew?*
> ***Glen Debattista:*** *Mhux lil halluli tal-familja u Ii nitlobhom nghidilhom per ezempju pogguli mitejn jew poggilili tlett mija*
> ***Qorti:*** *Jigifieri li jaghtuk familtek ghalik kont tghaddihomlilha għax ħbieb?*
> ***Glen Debattista:*** *U l-paga u hekk jigifieri... Li kelli l-habs... Mija u hamsin*
> ***Prosekuzjoni:*** *Fix-xahar?*
> ***Glen Debattista:*** *Ehe imma kienu jpogguli mitejn, mija u hamsin fil-gimgha*

[85] Fol.2095
[86] Fol.2082
[87] Fol.2099- 2100
[88] Fol.2100
[89] Fol.2101

***Qorti:*** *JiIgifieri inti trid tghidli li familtek jaghmlu sagrificcju ghalik biex inti taghtihom lil Muriel?*
***Glen Debattista:*** *Mhux dejjem tajthomlha, qabel dhalt jien kelli somma ghalija*
***Qorti:*** *Hawnekk hawn ammonti sostanzjali*
***Glen Debattista:*** *Iva mhux hekk imma jien kelli somma dhalt biha*
***Prosekuzjoni:*** *Dik is-somma minn fejn giet?*
***Qorti:*** *Pero' jien qed nitkellem lejn l-ahhar issa mhux li dhalt biha*
***Glen Debattista:*** *Mhux li dahhalt mieghi*
***Prosekuzjoni:*** *Minn fejn giet l-origini tagħha minn fejn ġie?*
***Qorti:*** *Minn fejn gew dawk il-flus?*
***Glen Debattista:*** *Mhux mill-bolol li bieghejt? Mela jien ma kontx inbiegh il-bolol. Jien kelli Malti Amerikan jixtri fuq l-ebay kont inbieghlu elf u hames mija kuljum u tmien mija u disa' mija kuljum Charles Mifsud*
***Prosekuzjoni:*** *U dan fejn iddikjarajthom jekk joghgbok?*
***Glen Debattista:*** *Mhux fuq il-paypal*
***Qorti:*** *Nahseb hawnekk ahjar jieqaf għax jista jinkrimina ruhu fuq riciklagg*
***Prosekuzjoni:*** *Le Sinjura anzi rrid inkun naf, il-caution ghadha ghaddejja le?*
***Prosekuzjoni:*** *Fejn iddikjarajthom Sinjur dan il-profitt?*
***Qorti:*** *Dan il-profitt li kien qed jiggenera, tinsiex ghandek id-dritt li ma twegibx*
***Glen Debattista:*** *Dak huwa wirt ta' missieri*
***Qorti:*** *Ukoll*
***Glen Debattista:*** *Wirt halliehom missieri*
***Prosekuzjoni:*** *Inti ghidt li mhux flejjes ghidt hallilek sewwa*
***Glen Debattista:*** *Mela bolol mhux flejjes meta tbieghhom*
***Prosekuzjoni:*** *Le inti hallilek assi jigifieri bolol?*
***Qorti:*** *L-assi meta tbieghhom, il-bejgħ, il-profitti fejn kont tiddikjarahom ma' tat-taxxa?*
***Glen Debattista:*** *Kellna l-ktieb tal-VAT ahna il-hanut*
***Qorti:*** *Imma apparti l-ktieb tal-VAT, meta taghmel ir-rendikont tat-taxxa tieghek, qed issemmi dan l-eluf, dan l-eluf qeghdin issa parti mill-process, qed issemmi ghoxrin elf, tletin elf ghadek kemm semmejt issa, dawn gew dikjarati lill-Kummissarju tat-Taxxa bhala dhul tieghek?*
***Glen Debattista:*** *Nahseb gew ux*
***Qorti:*** *Tahseb gew. Kompli. Dan il-Pulizija kollox ser jiccekkjaw*
***Prosekuzjoni:*** *Meta inti kont imbaghad ghidtilna mort tixtrilha lil Muriel minghand Elisabetta Franchi etc, kont tmur inti personalment*
***Glen Debattista:*** *Gieli mort jien u ġieli marret hi*
***Prosekuzjoni:*** *Le meta mort inti jien jinteressani*
***Glen Debattista:*** *Meta mort jien hallast jiena*
***Prosekuzjoni:*** *U biex hallastha*
***Glen Debattista:*** *Flus kontanti*
***Prosekuzjoni:*** *Qatt ma kellek xejn il-bank inti?*
***Glen Debattista:*** *Jien ma jistax ikolli flus il-bank għax ghandi garnishee, lanqas cheque ma nista nsarraf il-bank jien*
***Prosekuzjoni:*** *Dawn il-flejjes kontanti kont taqalghhom minn dawn*
***Glen Debattista:*** *Mhux mill-bolol*[90] *......*

[90] Fol.2100-2104

*__Prosekuzjoni:__ Orrajt, issa ircevuti tagħhom [tal-hwejjeg] dawn x'kien jigri minnhom please?*
*__Glen Debattista:__ Gieli hadthom u ġieli armejthom*
*__Prosekuzjoni:__ U fejnhom dawn li hadt?*
*__Glen Debattista:__ Mela jien naf*
*__Prosekuzjoni:__ Nahseb inti trid tkun taf, zgur mhux jien. Fejnhom l-ircevuti?*
*__Glen Debattista:__ Jien l-ircevuti ma nzommhomx. Hemm xi haga ircevuti imma ma nafx x'hemm*
*__Prosekuzjoni:__ Issa bhala total kemm ġieli ghaddejtilha flejjes lil Muriel*
*__Glen Debattista:__ Ma nafx ma nistax nghidlek*
*__Prosekuzjoni:__ Kemm qlajt income inti minn dawn il-bolol, total kieku jkollok taghti numri?*
*__Glen Debattista:__ Ma nafx*
*__Prosekuzjoni:__ U taf tghidli jekk ghaddejtlux nofshom, tlett kwarti minnhom, kemm ghaddejtilha lil Muriel minn dawn il-profit?*
*__Glen Debattista:__ Ghaddejtilha imma ma nafx kemm".*[91]

Kemm hu minnu li Debattista ma żammx rendikont ta' kemm flejjes għadda lil Muriel, meta kien anke żamm l-*statements* tal-ħabs[92] ta' perjodu ikrah f'ħajtu meta safa inkarċerat? Minn dawn l-*statements* jiġi kontradett l-istess xhud meta jgħid li flejjes li kienu mgħoddija lil terzi bħal Donatella Falzon u Marika Camilleri kienu għal Muriel u dan għaliex kien hemm sekwestru fil-konfront tagħha, għaliex fil-verità huma l-istess s*tatements* li igiddbuh. Dan peress li diversi huma l-okkażjonijiet dettaljati fl-*statements* li esebixxa li juru trasferimenti ta' flejjes lil Muriel direttament u anke lil bintha Nicole[93] u stranament dejjem **f'ammonti simili ta' bejn €150, €170-€200** għajr għal *transfers* kemm lil Muriel u kemm lil Marica Camilleri għal €500 kull wieħed f'Mejju 2019, u transfer fit-8 ta' Marzu 2020 għal €600.[94]

L-istess *statements* ma juru ebda indikazzjoni li kienu qed jiġu depożitati minn familtu jew xi terz ieħor l-ammonti ta' *"Ehe imma kienu jpogguli mitejn, mija u hamsin fil-gimgha"*![95] Il-Qorti tissottolinjea l-fatt li dawn il-persuni, li Debattista jiddeskrivi bħala "familtu" li kienu jiddepożitawlu l-flejjes il-ħabs, jibqgħu mhux identifikati aħseb u ara kemm tressqu biex jissostanzjaw dak li jixhed Debattista. Daqstant ieħor ma nġabet xi prova li dan daħal il-ħabs b'xi somma flus fuqu li skond hu ġabha mill-bejgħ ta' bolol!

Di fatti ma nġabet ebda prova tal-flejjes li skond Debattista tassew għadda lil Muriel għajr għal dak indikat fl-*statements* preżentati minnu, u iktar importanti

---

[91] Fol.2106-2107
[92] **Dok.GD** a fol.2110-2125
[93] Fol.2116
[94] Fol.2110
[95] Fol.2101

minn hekk, ***għalxiex***! **Għalxiex kienu dawn l-ammonti ta' €150-€200 li għadda lil Muriel?** Ara dwar dan ma jsemmi xejn Debattista; dettal li ċertament tenut kont li qed jgħaddi flejjes waqt li hu inkarċerat lil persuna oħra li kienet tgħix u f'relazzjoni ma raġel ieħor, ċertament li kellu jiftakar kienux għal għixien tagħhom jew xort 'oħra! Ftit hemm lok ta' spekulazzjoni għal x'hiex setgħu kienu dawn il-flejjes li kien iħallas lil Muriel, lil bintha u lil terzi ħbieb ta Muriel.

Iktar u iktar baqgħet mingħajr ebda ħjiel ta' korroborazzjoni id-dikjarazzjoni tiegħu dwar il-provvenjenza tal-flejjes. Minn imkien ma ġie muri l-ammont li kien jiġġenera dan in-negozju tal-bolol u kartolini jekk vera eżista. Il-buon sens jiddetta li negozju, li skond Debattista kellu ma oħtu sa mill-2015 u kien idawwru lira sew, xi tip ta' rendikont/*ledger*/ktejjeb tal-introjtu kien jinżamm. Iżda dak li jixhed Debattista jibqa' **mhux sostanzjat u għalhekk bla valur probatorju għal-linja difensjonali ta' Muriel Micallef**. Tant hi bla sens din il-verżjoni li Debattista jrid li l-Qorti temmen, u ċioe li dak li missieru ħalla lill-uliedu, lilu w lill-oħtu, hu kien lest iberbaq kollu għall-ħabibtu li kienet ma raġel ieħor! Irid jitwemmen li oħtu ma kellha l-ebda oġġezzjoni għal dan il-ġest fejn spiċċat tara, dak li kien wirt demmha, jitberbaq fuq mara oħra minn ħuha! Hu stramb u konvenjenti li fuq dan il-fatt ma jissemma xejn, u hu propju għalhekk li din oħtu ma nġabitx tixhed. Kif lanqas ma ġie prodott xi persuna li jista' jikkonferma li kien xi klijent li xtara bolol u kartolini mingħand Debattista u kemm ħallas għalihom.

**Ma nġabu l-ebda provi biex jissostanzjaw dak li jixhed Debattista.** Hi testimonjanza li ma tgawdix minn affidabbiltà kuntrarjament għax-xiehda ta' Christopher Scerri li tiġi sostanzjata bi provi dwar l-infiq varju tal-imputati, il-mawri tagħhom ġo *casinos*, is-safar u l-fatt li dan kollu suppost sar minn flejjes li jirċievu f'benefiċċji soċjali! Daqstant ieħor hu korroborat Scerri li d-dar kienet inxtrat minnu w minn Muriel u li Grech ma kienx għadu jikriha.

Ta' rilevanza kbira li tolqot l-affidabbiltà, anzi turi n-nuqqas assolut tagħha, ta' Debattista hi *chat* li nstabet fuq il-mobile ta' Nicole Micallef fejn ħabibitha tinformaha li **Glenn Debattista qal lill-pulizija li kien hu li xtara l-ħwejjeġ li nstabu għand Muriel:**

*From: 100024765840067 Loriana Azzopardi Pija*
*Timestamp: 09/09/2020 08:22:37(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
*Ommok* ***glenn qallu lispetur***
----------------------------
*From: 100024765840067 Loriana Azzopardi Pija*
*Timestamp: 09/09/2020 08:22:42(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*

*Body:*
***Li xtrahomla [h]u***[96]

Fil-verità u għal kuntrarju għax-xiehda ta' Debattista, **it-testimonjanza ta' Scerri tiġi korroborata minn diversi xiehda** li tressqu mill-prosekuzzjoni biex jixhdu fuq il-*life style* kondotta mill-imputati, l-infiq varju tagħhom u dan meta konfrontat bl-introjtu leġittimu tagħhom.

**Introjtu Leġittimu tal-Imputati**

- Jobsplus

**Joseph Saliba,** rappreżentant ta' Jobsplus, esebixxa l-*employment histories* tal-imputati. L-aħħar impjieg ta' Muriel Micallef kien dak ta' *sales assistant* fis-sena **2006** fejn jirriżulta li ħadmet ġurnata ma J&M Detergent Shop, Ħamrun.[97] Martin Micallef waqaf jaħdem fil-**2011** meta rriżenja għal raġunijiet ta' saħħa.[98] Nicole Micallef bdiet taħdem fil-2019 u sa mill-2020 taħdem ma The Convenience Shop.[99] Dwar Natalie Micallef ma nstabu l-ebda rekords.[100]

- Dipartiment tas-Sigurta Soċjali

**Saviour Theuma,** rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, esebixxa dokumentazzjoni rigwardanti l-benefiċċji li l-imputati jirċievu:

- Fl-aħħar ħames (5) snin Muriel Micallef rċeviet **€38,905.66** f'benefiċċji soċjali varji.[101]
- Martin Micallef, fl-aħħar ħames (5) snin tħallas total ta' **€31,601.05**.[102]
- Natalie Micallef[103] u Nicole Micallef[104], qatt ma ibbenefikaw minn xi forma ta' benefiċċji soċjali.

---

[96] Chat No.65: "D:\MB12 - iPhone\DOK MB12 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Facebook Messenger_100001953789405"
[97] **Dok.JS** a fol.737-738
[98] **Dok.JS1** a fol.739
[99] **Dok.JS2** a fol.740
[100] Fol.1735
[101] **Dok.ST** a fol.1013
[102] **Dok.ST2** a fol.1015
[103] **Dok.ST1** a fol.1014
[104] **Dok.ST3** a fol.1016

➢ <u>Kummissarju tat-Taxxi</u>

**Joseph Debono,** rappreżentant tal-Kummissjarju tat-Taxxi Interni, esebixxa *tax payer registration forms* u *income tax returns* tal-imputati Muriel Micallef, Natalie Micallef u Martin Micallef, mis-sena 2013 'l quddiem.[105] Nicole Micallef ma kienitx reġistrata għal skop ta' taxxa.

- Muriel Micallef ma iddikjaratx dħul taxxabbli għas-snin ta stima 2014-2020.[106]
- Martin Micallef u Natalina Micallef iddikjaraw dħul konġunt ta €11,188; €13,735; €12, 585; €12,717; €12,920; €13,625 €13,860.[107]

➢ <u>VAT Department</u>

**Dr. Vincienne Vella, in** rappreżentanza tal-Kummissjarju tat-Taxxa, Sezzjoni VAT, iddikjarat li Nicole Micallef[108] u Muriel Micallef[109] qatt ma kienu reġistrati mad-dipartiment. Martin Micallef kien reġistrat għal fini ta' VAT, bħala *sole proprietor,* mill-1 ta' Jannar 1999 sal-1 ta' Jannar 2011.[110]

**<u>L-Assi tal-Imputati</u>**

➢ <u>Asset Recovery Bureau</u>

**Dr. Kenneth Camilleri,** mill-Asset Recovery Bureau, esebixxa l-elenku tal-assi tal-imputati.[111]

<u>Natalie Micallef</u> kellha kont *joint savings account* ma żewġha Martin Micallef b'bilanċ ta' <u>€5.72</u> u polza t'assikurazzjoni fuq vettura Skoda Felicia Combi DBF786. Reġistrata f'isimha apparti għal Skoda hemm ukoll <u>Range Rover Evoque FCS621 iżda fuq din ma tħallasx l-assigurazzjoni hi</u>![112]

---

[105] Fol.1087-1089
[106]Għajr €43 fl-2014 u ammonti minimissimi ta €3 u €2. Vide Fol.1092-1105
[107] **Dok.JD1** a fol.1106 et seq
[108] **Dok.VV** a fol.1129
[109] **Dok.VV1** a fol.1130
[110] **Dok.VV1** a fol.1130 et seq
[111] **Dok.KC** (Natalie Micallef) a fol.590 et seq; **Dok.KC1** (Muriel Micallef) a fol.623 et seq; **Dok.KC2** (Martin Micallef) a fol.665 et seq u **Dok.KC3** (Nicole Micallef) a fol.705 et seq
[112] **Dok.KC** a fol.590 et seq

Muriel Micallef għandha *savings account* b' bilanċ ta' €257.79. Tirċievi benefiċċji soċjali kif ġej: Assistenza Soċjali; Bonus Speċjali fil-Ġimgħa; Bonus ta' Sitt xhur; Għajnuna Speċjali tat-Tfal u Allowance għat-Tfal. Hi s-sid ta' tlett vetturi Mitsubishi Pajero JAZ618, Mitsubishi Pajero DBS679 u BMW530 MUR111.[113]

Martin Micallef għandu *savings account* b'bilanċ ta' €974.73 reġistrat f'ismu u *joint savings account* ma martu b' bilanċ ta' €5.72; Żewġ *credit cards* li huma €1,202.84 u €663.36 *in debit*. Jirċievi Pensjoni għall-Invalidità, Pensjoni għall-Irtirar, Bonus Speċjali fil-Ġimgħa, Bonus ta Sitt xhur u Pensjoni tas-servizz. Hu s-sid ta erba' (4) vetturi Maruti Omni JAN861, Maruti Omni DBA357, Toyota IST FBV712 u Toyota Liteace FAA827. Għandu kontijiet pendenti mal-Melita u Gomobile.[114]

Nicole Micallef għandha *savings account* b'bilanċ ta' €670.91 u vettura Volkswagon Golf FCQ176 li tħallas l-assikurazzjoni tagħha.

- Kontijiet Bankarji

**Mark Falzon,** Manager fil-bank lokali Bank of Valletta, stqarr illi l-imputata Muriel Micallef qatt ma kienet klijenta tal-bank BOV. Riprodott spjega li l-imputati Natalie u Martin Micallef għandhom *joint account* li kien ilu ma jintuża minn Novembru 2012. Żied li Martin Micallef għandu kont ieħor li ġie blukkat kif ukoll għandu Visa Classic Card u Master Card. Muriel Micallef għandha kont f'isimha li huwa blukkat.[115] Ġew preżentati CDs bl-informazzjoni relattiva li juru depożiti ta' benefiċċji soċjali u tranżazzjonijiet modesti għall-aħħar senjatament minn Martin u Muriel Micallef.[116]

Mid-dokument[117] esibit minn Falzon, jirriżulta illi l-imputata Nicole Micallef għandha kont *savings,* liema kont jinsab blukkat ukoll.

**Amanda Buhagiar Camenzuli** mill-bank HSBC, stqarret li l-imputati Muriel, Nicole u Martin biss kellhom relazzjoni bankarja mal-HSBC Bank. Jirriżulta mid-dokumentazzjoni prezentata li Muriel għandha kont *Savings* b' bilanċ ta' €257.79 filwaqt li kellha *loan account* u *savings account* li ngħalqu fl-2012 u 2008 rispettivament. Martin Micallef m'għandux kontijiet miftuħin iżda kellu *savings account* u *loan account* li ngħalqu fl-2018 u fl-2003 rispettivament. Muriel

[113] **Dok.KC1** a fol.623 et seq
[114] **Dok.KC2** a fol.665 et seq
[115] **Dok.MFZ1** a fol.1732-1733
[116] Fol.1728-1729. Vide **Dok.MFZ** a fol.1731
[117] Fol.1733

Micallef kellha prokura fuq is-*savings account* ta' missierha.[118] Nicole kellha kont kurrenti li ngħalaq fl-2019. It-tranżazzjonijiet esibiti relativi ma dawn il-kontijiet ma juru xejn ta' sinifikat.

Ħarsa lejn l-attività bankarja tal-imputati turi attività diskreta ferm. Fil-każ ta' Muriel Micallef sa minn Ġunju 2004 kien ikollha depożiti li jvarjaw bejn LM110.36 sa LM173.04[119] fix-xahar indikati bħala Social Security Benefits. Wara l-konverżjoni għall-munita ewro il-benefiċċji kienu ta' bejn €288.99[120] sa ċirca medja ta' €500.[121]

A. *Propjetà li tagħmel użu minnha Muriel Micallef*

**Carmel Charles Grech** spjega li kien jikri post fil-Pietà lil Muriel Micallef għal €330 fix-xahar. Kien għamel arranġament magħha li jekk riedet, setgħet tixtri l-propjetà. Tramite l-kumpanija tiegħu CG Props Limited[122], daħal f'konvenju datat id-19 ta' April 2018 ma Muriel sabiex ibiegħlha dan id-*duplex flat*, fi Triq Qrejten, Pietà. Grech semma kif il-konvenju waqa' għaliex baqa ma sema xejn mingħand l-imputata.[123]

Dan il-konvenju, esibit mill-Ispettur Bonello, hu dwar *duplex* fi Block 17, Santa Marija Flats, Flats 3 u 4, Triq Qrejten Pietà għall-bilanċ ta' €70,000[124] wara li kienu tħallsu €90,000.[125] Grech jgħid li fuq il-konvenju tħallas bejn €15,000-€20,000 f'kontanti. [126] Kopja tal-konvenju ġie preżentat ukoll minn rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Propjetà.[127] L-ammont dikjarat għall-skop ta' taxxa kien dak ta' €70,000.[128]

**In-Nutar Carmel Gafa** xehed li l-konvenju[129] fuq id-*duplex* 3 u 4, Block 17, fi Triq Qrejten, Pietà, sar quddiemu fid-19 t'April 2018 bejn CG Props Ltd.,

---

118 **Dok.AC** a fol.756 et seq
119 Fol.811 -873
120 Fol.874
121 Fol.910
122 Vide **Dok.CF** a fol.1151, *Memorandum & Articles of Association* minn fejn jirriżulta li Carmel Charles Grech fl-2010 rriżenja minn direttur tal-imsemmija kumpanija u nħatar segretarju (fol.1159).
123 Fol.195-201
124 **Dok.LB5** a fol.69-72
125 **Dok.LB6** a fol.73
126 Fol.202
127 Fol.204 et seq
128 **Dok.CM** a fol.206 et seq
129 **Dok.CG** a fol.576 et seq

(rappreżentata minn Carmel sive Charles Grech), u Muriel Micallef. Depożitu ma kienx ngħata għaliex il-prezz kollu fuq l-att kellu jithallas fuq l-att finali. Ix-xhud semma kif kellu jiġbor il-flus tat-taxxa w Micallef informatu li kienet ser tgħaddi l-flus lill-Avukat tagħha biex jgħaddihom lilu sabiex il-konvenju jiġi reġistrat.[130] Kien rċieva €900 mingħand l-avukat ta' Muriel, wara li sar il-konvenju li minnhom ħallas €490 lid-Dipartiment tat-Taxxi sabiex jirreġistra l-konvenju bil-kumplament ikunu 1% *retainer on account* minħabba riċerki etc.[131]

**Louis Bugeja** spjega kif kera *car space* lil Muriel Micallef u ltaqa' magħha darba biss meta kien mar sabiex jiġbor il-kera. Il-kera bdiet madwar sena u nofs qabel ma xehed u qatt ma kellu problemi dwar ħlas li kien jithallas b'<u>€90 fix-xahar f'kontanti</u>. Il-*car space* kien indikat bħala "Space 3" u jinsab fi blokka appartamenti Aaron Apartments fi Triq Qrejten, Msida.[132]

Mill-*extraction* li saret fuq il-mobile li ġie elevat mingħand l-imputata Muriel Micallef, **Dok.MB11**, dan jiġi konfermat.[133]
**Il-Perit Mario Cassar**, inkarigat fl-inkjesta Maġisterjali sabiex jagħmel valutazzjoni ta' propjetajiet tal-imputati, ikkonstata dan fir-rapport tiegħu:[134]

---

130 Fol.569-575
131 Fol.2358
132 Fol.436-439
133 CHAT No.47: "D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Native Messages_+35699059931"
Start Time: 06/08/2020 13:47:45(UTC+0)
Last Activity: 11/08/2020 16:31:19(UTC+0)
Participants: +35679824977
(owner)
Timestamp: 06/08/2020 13:47:45(UTC+0)
Source App: Native Messages
Body:
*Fuq dan ibda cenpili ax dan in number li gdid u* ***cekjali sa meta tajtek l ahhar kera pls***
From: +35679824977
Timestamp: 09/08/2020 11:04:07(UTC+0)
Source App: Native Messages
Body:
***Till 25 9 2020 you owe me 270 euro 90 euro per month***
"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Native Messages_Native"
(owner)
Timestamp: 09/08/2020 16:55:32(UTC+0)
Source App: Native Messages
Body:
*Meta tista tadi alijom pls?*
134 **Dok.MC** a fol.2536 et seq

1. Block D, Numru 66, Marshall Court, Triq ir-Rebħa, Gżira: €225,000[135]
2. 53/1, Triq Ganni Bencini, Gżira: €121,500[136]
3. Santa Marija Flats, Triq Qrejten, Msida: €240,000[137]
4. 78, Triq Qrejten, Imsida: €22,000[138]

Il-perit taha valutazzjoni ta' kemm jiswew il-propjetajiet illum mingħajr ma daħal fil-kwistjoni jekk il-fond li vvaluta kienx mixtri jew b'kera.[139]

*B. Vetturi*

**Stephen Cachia[140]**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed li Muriel Micallef għandha **tliet karozzi** reġistrati fuq isimha: żewġ Mitsubishi Pajero, waħda *garaged*, u BMW 530 SE AUTO.[141] Cachia ppreżenta ukoll lista ta' vetturi li kienu reġistrati f'isem Muriel Micallef fil-passat u ċioè Renault Megane, Mitsubishi Shogun u Volkswagen Passat.[142] Kompla li Natalie Micallef għandha reġistrati f'isimha **Skoda Felicia u Range Rover Evoque**[143] filwaqt li fil-passat kellha reġistrati f'isimha Skoda Combi u Nissan Qashqai Tekna.[144]Martin Micallef għandu **erba' vetturi** reġistrati f'ismu: żewġ Maruti OMNI, Toyota Ist u Toyota Liteface.[145] Fil-passat l-imputat kellu sitt karozzi reġistrati f'ismu: BMW 320, Peugeot 306, Austin Mini, Austin Metro, Ford Fiesta u Fiat Punto.[146] Cachia żied li Nicole Micallef għandha **Volkaswagen Golf Bluemotion** reġistrata f'isimha.[147]

**Gaetano Fenech,** Direttur ta' Premier Car Centre, xehed li Natalie u Martin Micallef xtraw vettura mingħand l-intrapriża tagħhom.[148] Il-kuntratt ta' bejgħ ġie negozjat minn Finance House u hu biss wara li jintemmu n-negozjati li dan jiġi ffirmat minnu.[149] Ikkonferma l-kuntratt li sar mal-imputata Natalie

---

[135] Fol.2542
[136] Fol.2546
[137] Fol.2549
[138] Fol.2552
[139] Fol.2075-2076
[140] Fol.214-215
[141] **Dok.SC** a fol.216-220
[142] **Dok.SC1** a fol.221-227
[143] **Dok.SC2** a fol.228-230
[144] **Dok.SC3** a fol.231-235
[145] **Dok.SC4** a fol.236-240
[146] **Dok.SC5** a fol.241-256
[147] **Dok.SC6** a fol.257
[148] Fol.375
[149] Fol.376-377

Micallef[150] preżentat minn **James Zammit** li jieħu ħsieb *car loans* meta karozza tinbiegħ bid-dejn. Zammit jixhed kif hu inkarigat minn Premiere Leasing and Investments Co. Ltd. Jagħmel *due diligence exercise* fuq kull vettura li tinbiegħ, sabiex *car dealer* jista' jbiegħ vettura bid-dejn.[151] Il-vettura li inbiegħet lill-imputati Martin u Natalie Micallef kienet Range Rover Evoque u l-kuntratt sar fis-16 ta' Marzu, 2020[152] bis-**sid reġistrat tkun Natalin Micallef.**[153] Il-vettura inbiegħet għal €27,000 fejn €10,000 minnhom kellhom jitħallsu b'€2,000 fis-sena u l-kumplament fuq kambjali għall-pagamenti mensili ta' €378.37c għal ħames (5) snin;[154]ekwivalenti għal ċirca €5,000 fis-sena fuq medda ta' ħames (5) snin. Il-flus mħallsa sal-jum li xehed kien ta' madwar €1,000 maqsuma f'ħames pagamenti ta' €378.[155]

*C. Ħwejjeġ, Jewellery, Clothing Accessories etc*

**Louisa Schembri** identifikat l-imputati bħala konnoxenzi għaliex ilha 20 sena ħbieb Muriel. Fl-aħħar sena u nofs, sentejn, kienet tordna l-ħwejjeġ għal Muriel fuq l-internet għax kienu jiġu irħas milli tixtrihom minn Malta. Dawn kienu jkunu minn stabbilimenti partikolari fejn kienu jiswew bejn €100-€200 u ġieli anke iktar. Muriel kienet tħallasha wara f'kontanti filwaqt li hi kienet tuża l-*visa card* t'oħtha. Kienet iġib anke għal Chris Scerri u kemm il-darba kien imur iħallasha hu.[156]

Ix-xiehda ta' Schembri isservi sabiex jiġi pruvat li l-ħwejjeġ u aċċessorji esibiti kienu **tassew joriġinaw minn ditti stabbiliti**. Fil-fatt fost riċevuti li esebiet Schembri[157] hemm xirjiet magħmulha minn Sports Direct, JD Sports, Guess, House of Fraser, Flannels, iKrix *designer clothing*. Dawn jirreferu għal Frar 2021, Novembru 2019 u Ġunju 2020 fejn ix-xirjiet huma ta' biss ftit oġġetti li **lanqas jibdew biex jipparagunaw** mal-ammont ta' ħwejjeġ u ditti li nstabu għand l-imputati u senjatament fir-residenza ta' Muriel Micallef.

Ġiet preżentata mill-Ispettur Francalanza dikjarazzjoni minn rappreżentanti tad-Dizz Group.[158] **Astrid Anne Cachia** spjegat li Muriel u Nicole ma kienux

---

150 Fol.377. Kuntratt **Dok.JZ** a fol.389 et seq
151 Fol.380-381
152 Fol.391
153 Fol.389
154 Fol.382
155 Fol.384-386
156 Fol.2457-2459
157 **Dok.LS** a fol.2461
158 Fol.78. Vide **Dok.DF45-46** a fol.125-128. **Dok.DF47** a fol.129-137 hi lista tal-oġġetti kollha elevati bin-numru rispettiv tar-riċevuti.

klijenti regolari iżda ġieli marru jixtru mill-istabbilimenti taċ-*chain* imsemmija.[159] Muriel xtrat *bodysuit* u l-għada *jumpsuit* li kienet ġa rriservat liema *jumpsuit* tħallset minn raġel.[160] **Astrid Cachia** xehdet ukoll *viva voce* u semmiet li Muriel Micallef kienet tmur tixtri mill-ħanut Elizabetta Franchi madwar tlieta sa erba' darbiet fis-sena.[161] **Diane Izzo** xehdet w ikkonfermat id-dikjarazzjoni li għamlet lill-pulizija.[162]

**Edwin Pisani,** Manager ta' Dizz Group, esebixxa żewġ irċevuti ta' €120.50c u €145.00 maħruġin f'isem Nicole Micallef, għall-*items* li nxtraw minn xi ħanut ta' Dizz Group. Mill-imputati kienet biss Nicole li jirriżulta li għamlet *purchases* u dan kif muri mis-sistema ta' *loyalty* li nbdiet aktar kmieni fl-2020.[163] Jispjega li l-ħwejjeġ li ġew mixtrijin "*its a designer brand u huma hwejjeg tip daqsxejn aktar lussizi minn hwejjeg ohra*" fejn dawn kienu bis-*sale* u kkonsistew f'*body suit* ta' Elizabetta Franchi u *jumpsuit*.[164]

L-Ispettur **Danilo Francalanza** ippreżenta elenku dettaljat ta' kull oġġett li ġie elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef flimkien mar-riċevuta relattiva u l-*evidence bag number* li fiha ġew preżentati l-Qorti.[165] Dan għen mhux ftit sabiex hi u teżamina l-oġġetti li ġew esibiti, il-Qorti setgħet tiddetermina minn liema kmamar inġabru. L-istess sar mill-abbli **Spettur Ian Camilleri** meta ippreżenta hu wkoll elenku[166] tal-irċevuti u l-oġġetti elevati kif ukoll tal-*evidence bags* rispettivi li fihom ġew esibiti l-oġġetti din id-darba elevati ir-residenza ta' Muriel Micallef.[167]
**WPC 424 Abigail Grech,** *Scene of Crime Officer* maħtura fl-ambitu tal-Inkjesta Maġisterjali, kienet inkarigata tippreserva u tiffotografa evidenza li nġabret mill-propjetajiet ta' Marshall Court, Block D, Flat 66, Triq ir-Rebħa, Gżira; minn garaxx 53/1, Triq Gianni Bencini, Sliema; minn garaxx bl-indirizz 80, Triq Qrejten, Pietà u minn St Mary Flats, No. 3, Triq Qrejten, Pietà'.[168] Ir-rapport[169] u faxxikoli fotografiċi ġew preżentati mix-xhud.[170]

---

[159] Dikjarazzjoni konfermata minn WPS287 Rosemarie Abela a fol.1757-1758
[160] Fol.126
[161] Fol.1724-1726
[162] Fol.1719-1723
[163] Fol.427-431. Riċevuti **Dok.EP-Dok.EP1** a fol.433-434
[164] Fol.430
[165] **Dok.DF47** a fol.129-137
[166] **Dok.IC34** a fol.177-186
[167] **Dok.IC** a fol.143- **Dok.IC** a fol.32 a fol.173
[168] Fol.1176.
[169] **Dok.AG** a fol.1178-1182
[170] **Dok.AG1- Dok.AG10** a fol.1183 et seq

Dawn ir-ritratti maqsuma f'xejn anqas minn **għaxar (10) volumi** juru ħwejjeġ u aċċessorji ta' ditti rinomati kif ukoll ġojjellerija w arloġġi. L-ammont ta' ħwejjeġ tad-ditta huwa tassew wieħed **esaġerat u impressjonanti** fejn anke ħwejjeġ ta' tfal minuri huma ta' *luxury brands*. Dawn il-ħwejjeġ u artikoli nġabru mir-residenzi tal-imputati u *common trend* hi li huma tal-istess ditti barranin kif ukoll lokali bħal Charles & Ron.

Jiġi osservat mill-ewwel li anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss - għax il-Qorti kkonstatat mod ieħor - il-Qorti kellha taqbel mas-sottomissjoni tad-difiża li ma saritx id-debita prova li dawn l-artikoli tassew huma ġenwini (*originals*), l-ammont u l-kondizzjoni tagħhom jidhru li nxtraw fi żmien riċenti (fejn ma hemm l-ebda indikazzjoni li dawn kienu ilhom li nxtraw jew qdiemu bi żmien, tant li bosta kienu għadhom bit-tabella mwaħħla, turija li għadhom mhux milbusin), ma jħallu l-ebda dubbju li **l-ispejjeż biex inxtraw, anke jekk mhux *originals*, mhux konsistenti mal-introjtu leġittimu tal-imputati u l-stil ta' ħajja li kienu jikkonduċu. Aktar u aktar meta ikkunsidrat is-safar, ix-xiri ta' vetturi u logħob fil-*casinos* madwar Malta mill-imputati.**

Diversi kienu l-uffiċjali tal-pulizija li xehdu kif waqt it-tfittxijiet fir-residenzi tal-imputati instabu għadd kbir ta' ħwejjeġ ta' ditti *high end* li nġabru w l-imputati rispettivi ingħataw riċevuti għalihom li ġew ikkonfermati minnhom matul ix-xhieda tagħhom.[171]

Il-faxxikoli fotografiċi huma mqassma hekk:

(i). 375 ritratt li ttieħdu ġewwa l-fond li tiġi r-residenza tal-konjugi Micallef, Marshall Court, Block D, Flat 66, fil-Gżira, li ġew immarkati 20 BRN 1001 sa 20 BRN 1375. Dawn jinsabu fil-volumi mmarkati **Dok.AG1**[172] sa **Dok. AG4**.[173] Hawn instabu ammont kbir ta' ħwejjeġ li jġibu is-segwenti *brand names* li sar inventarju tagħhom mill-espert legali Dr. Lennox Vella li ser jiġu ikkunsidrati aktar l-isfel.

(ii). Għaxar (10) ritratti li ttieħdu f'garaxx li jappartjeni lil Martin Micallef f' 53/1, Triq Ganni Bencini, Sliema ġew mmarkati 20 BRN 1376-20 BRN 1385 u jinsabu f'Dok.AG4.[174]

---

[171] **PS463 Christopher Ellul** a fol.1738 et seq; **PC883 Sean Cutajar a fol.1146 et seq; PC411 Jurgen Sciriha** a fol.1743 et seq; **PS747 Ryan Cini** a fol.1748 et seq; **WPC374 Samantha Zammit** a fol.1765 et seq

[172] Fol.1183

[173] Fol.1400

[174] Fol.1400-1406

(iii). Fil-garaxx li jinsab 80, Triq Qrejten l-Imsida u li kienet tagħmel użu minnu Muriel Micallef, ittieħdu 23 ritratt li ġew immarkati 20 BRN 1386 sa 20 BRN 1400 u huma esibiti in atti fil-volum **Dok.AG4**.[175]

(iv). Fl-aħħar nett ittieħdu ħames mija u sebgħin (570) ritratt mir-residenza ta' Muriel Micallef u ċioè fil-fond Flat 3, Santa Maria Flats, Triq Qrejten, Msida. Dawn ir-ritratti li jinsabu fil-faxxikoli mmarkati **Dok. AG5** sa **Dok. AG10**[176] ingħataw in-numru tal-laboratorju forensiku 20 BRN 1409 sa 20 BRN 1975.

Bosta huma dawk il-**ħwejjeġ tad-ditta ġodda fjamanti li għadhom bit-tikketta u bil-prezz b'kollox!** Kif ingħad, tal-istess artikoli sar inventarju mill-espert legali Dr. Richard Sladden.

Il-ħwejjeġ fotografati huma b'*labels* ta ditti rinomati kif setgħet tikkonstata il-Qorti meta <u>eżaminat l-oġġetti esibiti fiżikament.</u> **Ma jifdalx dubbji li dawn tassew huma items originals.**

Ġie osservat kif ċertu ġojjellerija kienet f'kaxxi ta' Gram u Anthony Preca, ħwienet li żgur mhux forsi ma jiddilettawx f' *fake items* jew *costume jewellery*! Anzi fejn kien hemm *costume jewellery* din ġiet identifikata bħala tali mill-espert Steve Abela,[177] l-istess bħal ma għamel meta l-artikoli kienu tal-*stainless steel*[178] jew tal-*metal* [179] u mhux xi ġojjellerija prezzjuża; turija li **iddistingwa l-awtentiku mill-*fake*.** Tant hu hekk jiddistingwi bejn artikoli li kellhom is-*certificate of authenticity* u dawk li ma kellhomx.[180]

Diversi kienu iċ-ċintorini li nstabu fil-kaxex tagħhom u ċioè tad-ditti Louis Vuitton, Charles & Ron, Elisabetta Franchi, Guess bħal ma kien hemm ukoll *handbag* tad-ditta Burberry fis-*signature bag* ta' din il-*brand*.
Iktar minn hekk dan il-<u>volum impressjonanti</u> ta' ħwejjeġ, arloġġi, ġojjellerija u *clothing accessories* ġew metikolożament dettaljati kamra, kamra, mill-espert maħtur fl-inkjesta maġisterjali, Dr. Sladden.[181]

Hu opportun tenut kont l-allegazzjoni li l-imputata *was living beyond her means* li jiġi riprodott dak li Dr. Sladden elenka fl-inventarju redatt minnu. Il-*brand names* diversi huma impressjonanti, iktar u iktar tenut kont l-introjtu leġittimu magħruf tal-imputata li mhux talli trid **tmantni lilha nnifisha bil-benefiċċji**

---

[175] Fol.1406-1413 u fol.1419
[176] Fol.1420-fol.1718
[177] Items 51, 55 u 63 a fol.1823-1824
[178] Item 45, 57 a fol.1823
[179] Items 44, 45, 53-54 a fol.1823
[180] Items 60 u 61 a fol.1824
[181] **Dok.RS** a fol.327 et seq

**soċjali, iżda tmantni lill-bintha minuri waħedha.** Dan il-fatt, ċioe` li Zaira (il-*flight booking* iġib l-isem tagħha bħala Scerri Micallef),[182] tmantniha Muriel biss bħala *single mother* kif jirriżulta min dak li xehed Scerri meta jiddikjara li Muriel qaltlu li Zaira mhux bintu, għalkemm tagħtha l-istess kunjom bħal tiegħu, iżda ta' xi ħadd Matthew u lanqas biss tħallih jaraha! [183] Ma jridx jintesa li Nicole hi bint il-kbira wkoll ta Muriel Micallef, fejn l-ebda omm mhi ser tħalli lill-ulieda neqsin mill-bżonnijiet u ħtiġijiet tagħhom!

*I. Residenza ta' Muriel Micallef, Triq Qrejten, Msida*

Elenkati fl-inventarju li sar fir-residenza ta' Muriel Micallef jiġu deskritti s-segwenti:[184]

Fil-kamra tas-sodda tat-tifla :

- Ħwejjeġ tad-ditta **Ralph Lauren/Polo** (kollha tal-bniet)
  - 1 xugaman
  - Blue skirt
  - 3 hoodies
  - 1 gilet
  - 16-il T shirt
  - 7 qomos
  - 12-il libsa
  - 7 jerseys
  - 1 jumpsuit
  - 1 dungaree
  - 3 iqliezet
  - 1 jeans
- Ħwejjeġ tad-ditta **Tommy Hilfiger**
  - 1 xugaman (abjad u blu)
  - 2 jackets
  - 3 settijiet ta' malji (2 pieces each)
  - 2 crop tops
  - 1 cardigan
  - 5 T-shirts
  - 3 ilbiesi
  - 3 jerseys
  - 1 jeans

182 Fol.2864
183 Fol.1912
184 Fol.337 et seq

- 2 dungarees

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Harmont & Blaine**
  - 1 ċintorin abjad
  - 1 libsa
  - 3 qomos
  - 3 jerseys
  - 2 dbielet
  - 3 T-shirts

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Guess**

  - 1 qmis
  - 1 jersey
  - 4 T-shirts

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Lacoste**
  - 1 libsa
  - 1 cardigan blu
  - 1 face towel roża

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Diesel**

  - 1 denim shorts
  - 2 jerseys

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Armani**

  - 1 libsa bajda
  - 1 pants griz
  - 1 T-shirt roza
  - 1 hoodie
  - 1 gilet turquoise

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Original Marines**

  - 1 libsa
  - 1 gilet sewda
  - 2 T-shirts
  - 2 jerseys
  - 1 qmis
  - 1 shorts

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Moschino**

  - 1 malja ħamra
  - 1 libsa ħamra

- Ħwejjeġ tad-ditta **DKNY**

  - 1 malja sewda

- 5 pari żraben bojod tat-tfal tad-ditti **Michael Kors, Gucci, Tommy Hilfiger, Lacoste u Fred Perry**

- Basket tad-drapp tad-ditta **Elisabetta Franchi**
- Mill-kamra tas-sodda tal-flat 3: Kollha oġġetti tan-nisa

  - Ċintorin **Ralph Lauren**
  - Ċintorin **Moschino**
  - Ċintorin **Gucci**
  - Ċintorin **Guess**
  - Ċintorin **Elisabetta Franchi**
  - 2 ċintorini **Charles & Ron**
  - Ċintorin ta' **Elisabetta Franchi** f'kaxxa
  - Ċintorin **Louis Vuitton**
  - 7 handbags tad-ditta **Michael Kors**
  - 2 handbags tad-ditta **Armani Jeans**
  - 1 handbag aħmar tad-ditta **Lui Jo**
  - 1 scarf tad-ditta **Charles & Ron**
  - 1 handbag tad-ditta **Charles & Ron**
  - 3 handbags tad-ditta **Guess**
  - 1 handbag kulur wine tad-ditta **Michael Kors**
  - 4 handbags tad-ditta **Elisabetta Franchi**
  - 1 metal belt tad-ditta **Elisabetta Franchi**
  - **Marc Jacobs** perfume
  - **Lancome** Collection perfume
  - **Carolina Herrera** perfume
  - **Versace** perfume
  - **Louis Vuitton** sunglasses
  - **Jimmy Choo** sunglasses in Bulgari box
  - **Fendi** sunglasses in Roberto Cavalli box
  - 1 jacket **Michael Kors**
  - 1 scarf **Michael Kors**
  - 1 T-shirt **Michael Kors**
  - 1 dress **Michael Kors**
  - 1 bikini top **Michael Kors** (ta' kulur orangjo)
- Ħwejjeġ tad-ditta **Lacoste**

  - 4 dresses
  - 1 jersey

- Ħwejjeġ tad-ditta **Harmont & Blaine**

  - 2 shorts
  - 1 T-shirt (light blue)

- 2 jerseys

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Ralph Lauren**

- 2 blazers
- 6 T-shirts ta' kuluri varji
- 3 jerseys
- 1 hoodie ħamra
- 2 dresses
- 8 qomos
- 1 swimsuit (2 piece)

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Moschino**

- 1 T-shirt abjad
- 1 dress

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Calvin Klein**

- 2 dresses (waħda safra u l-oħra sewda)
- 1 top
- 1 qmis
- 1 T-shirt
- 1 swimsuit (2 piece)

Ħwejjeġ tad-ditta **Fred Perry**

- 3 dresses
- 1 shirt
- 1 Polo shirt
- 1 cardigan

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Burberry**

- 1 handbag

➢ Ħwejjeġ tad-ditta **Tommy Hilfiger**
- 1 jacket
- 5 jeans
- 5 dresses
- 2 pants
- 1 jumpsuit
- 1 jersey aħmar
- 1 skirt
- 1 sleeveless top

- 3 T-shirts
- 2 shirts
- 1 bikini set (2 piece)
- 1 bikini top

- Ħwejjeġ tad-ditta **Elisabetta Franchi**

  - 1 jeans
  - 2 shorts
  - 2 ilbiesi
  - 1 skirt
  - 2 shirts
  - 3 jumpsuits
  - 1 cardigan iswed
  - 1 jeans jacket
  - 1 swimsuit

- Ħwejjeġ tad-ditta **Guess**

  - 1 skirt
  - 1 jeans shorts
  - 1 swimsuit safra
  - 1 crop top
  - 1 sleeveless shirt
  - 4 T-shirts
  - 3 jerseys
  - 1 jumpsuit ħadra
  - 6 dresses
  - 1 leather skirt
  - 5 jackets

- 1 **Valentino** black dress

- 1 **Jimmy Choo** T-shirt

- Ħwejjeġ tad-ditta **Versace**

  - 1 black swimsuit
  - 1 black and gold bikini top
  - 2 dresses
  - 1 black T-shirt
  - 1 blue swimsuit

- Ħwejjeġ tad-ditta **Burberry**

  - 4 Polo shirts (abjad, aħmar, blu u iswed)
  - 1 black pants

- 1 **Fendi** swimsuit
- 1 **Fendi j**eans
- 1 white **Karl Lagerfield** top
- 1 dress **Karl Lagerfield**
- 1 dress **Philipp Plein** (sewda)
- 1 dress **Givenchy**
- 1 **Armani** white shirt (komma twila)
- 1 **Armani** T-shirt
- 1 black **Armani** jersey
- 1 **Armani** pink Polo shirt
- 1 jacket **Armani** (sewda)
- 1 grey **Armani** T-shirt
- 1 red **Balmain** T-shirt
- 1 **Balmain** swimsuit
- 1 **Calvin Klein** sports shoes
- 1 **Michael Kors** sports shoes
- 1 wine long boots Michael Kors
- 2 black **Michael Kors** long boots
- 1 white **Moschino** sports shoes
- 1 **Ralph Lauren** brown mocassins
- 1 **Burberry** black long boots
- 1 **Guess** sports shoes
- 1 **Lacoste** blue sports shoes
- 1 white sports shoes **Karl Lagerfield**
- 1 wedges ta' kulur gold tad-ditta **Michael Kors**

  - 2 large yellow <u>gold earrings</u>
  - 1 yellow gold ring with small diamonds
  - 1 white gold ring with diamonds (round)
  - In **Rolex** box, ladies' Rolex watch with diamonds
  - Extra **Rolex** watch bracelet
  - 1 silver chain with name "**Guess"** as pendant
  - 3 pairs earrings (2 with pearls) in ejewels box
  - 1 bangle with pearls on end
  - 1 yellow gold bracelet
  - 1 pair earrings in form of a star in Mario Carabott Ltd box
  - 1 small yellow gold necklace
  - <u>Certificate of cluster ring</u> issued by **Attard Jewellers Ltd**

- <u>In Flat 4 upstairs (In kitchen)</u>

  - 1 black **Michael Kors** handbag
  - 1 light off-white **Michael Kors** handbag
  - Black purse **Michael Kors**

- <u>Fil-kamra tas-sodda ta' Flat 4</u>

  - Bangle ta' **Guess**

- Pocket ta' **Michael Kors**
- Silver chain with butterfly
- 2 plans

*II. Residenza tal-Konjugi Micallef, Marshall Court, Gżira*

**PS747 Ryan Cini** esebixxa r-rapport tiegħu[185] li jagħti rendikont tal-oġġetti li ġew elevati u r-riċevuti rispettivi wara tfittxijiet fid-dar tal-konjugi Micallef fil-Gżira. Ikkonferma r-*receipts/seizure forms* iffirmati minnu.[186] Isemmi kif mill-garaxx tal-imputat ġie elevat *VAT receipt book*.[187]

Fir-rapport tiegħu u fir-riċevuti minnu iffirmati, jidhru wħud mid-ditti *high end* li issemmew mill-uffiċjali fosthom **Rolex, Lacoste, Charles & Ron, Tommy Hilfiger, Ralph Lauren, Guess, Fred Perry, Calvin Klein, Burberry, Gucci, Ferrari Kenzo, Trussardi u Armani** flimkien ma ditti rinomati oħra mhux daqshekk *high end* iżda xorta waħda **mhux spjegabbli ix-xiri tagħhom minn pensjonanti u persuni fuq benefiċċji soċjali!**

Il-Qorti eżaminat ukoll l-artikoli li ġew elevati minn 'Marshall Court', fi Block D, Appartament 66, Triq ir-Rebħa, Gżira, residenza tal-konjugi Micallef fejn fiż-żmien tat-tfittxija kienet qed tgħix magħhom ukoll Nicole Micallef.

Mal-elenku ta' dak li ġie elevat u li ġie skrupolożament deskritt minn Dr. Lennox Vella fir-rapport tiegħu, il-Qorti qed tinkludi wkoll in-numru tar-riċevuta relattiva li nħarġet għal kull *evidence bag*, liema riċevuti huma esibiti u ġew ikkonfermati lkoll minn PS747 R. Cini hekk kif elenkati fir-rapport tiegħu.[188] Is-*Seizure Forms* relattivi ġew preżentati mill-Ispettur Danilo Francalanza[189] u kkonfermati kemm mill-istess spettur kif ukoll minn PS747 Ryan Cini u PC883 Sean Cutajar skond il-każ:[190]

- Evidence bag L00451445; Receipt 393: Tliet biċċiet ħwejjeġ tal-marka '**Armani**'.
- Evidence bag L00451443; Receipt 394: Tliet biċċiet ħwejjeġ tal-marka '**Lacoste**'.
- Evidence bag XL00129797; Receipt 129017: Basket ta' kulur iswed tal-marka '**Fred Perry**'; Beritta ta' kulur *maroon* tal-marka '**Fred Perry**; Disa' biċċiet ħwejjeġ tal-marka '**Fred Perry'**.

---

185 **Dok.RC** a fol.1754 et seq
186 Fol.1751
187 Fol.1750
188 **Dok.RC** a fol.1754 et seq *supra*
189 **Dok.DF-Dok.DF42** a fol.80-118
190 **Dok.DF8** a fol.88, **Dok.DF15** a fol.95 u **Dok.DF30** a fol.110. Xhieda fejn jikkonfermahom a fol.1147

- Evidence bag L004451444; Receipt 396: Biċċa ħwejjeġ tal-marka '**Ferrari**'; Flokk ta' kulur iswed tal-marka '**Kenzo'**; Beritta tal-marka '**Puma**'; Flokk tal-marka '**Trussardi Jeans'**; Ċintorin tal-marka '**Dolce Gabbana'**.

- Evidence bag L00451442; Receipt 397: *Pouch* tal-marka '**Fila**'; Flokk tal-marka 'Fila'; Flokk tal-marka '**Harmont and Blaine'**; Qmis tal-marka '**Harmont and Blaine'**; Ċintorin tal-marka **'Guess'**; Flokk tal-marka '**Guess.**

- Evidence bag MC00011937; Receipt 398: Ċintorin ta' kulur kannella tal-marka '**Gucci'**; Baseball cap tal-marka '**Gucci**'; *Dust cover* tal-marka '**Gucci**.
- Evidence bag MC00011939; Receipt 399: Tliet xalel tal-marka '**Burberry**'; Qmis tal-marka '**Burberry'**.

- Evidence bag MC00011940; Receipt 400: Xalla, Żewġ Basktijiet żgħar tal-marka '**Adidas**'; Beritta tal-marka '**Adidas**'

- Evidence bag XL00129794; Receipt 129794: Nuċċali tax-xemx bil-kaxxa tal-marka '**Calvin Klein**'; *Baseball cap* tal-marka '**Calvin Klein**'; Ħames biċċiet hwejjeg tal-marka '**Calvin Klein'**.

- Evidence bag XL00129795; Receipt 129795: Espadrilles tal-marka '**Michael Kors'**; Arlogg tal-idejn bil-kaxxa tal-marka '**Michael Kors**'; Nuċċali tax-xemx bil-kaxxa tal-marka '**Michael Kors**'; *Scarf* u barnuża ġewwa kaxxa tal-marka '**Michael Kors'**.

- Evidence bag XL00129796; Receipt 129796: Żarbun ta' kulur kannella tal-marka '**Ralph Lauren**'; Dsatax-il biċċa hwejjeg tal-marka '**Ralph Lauren'**.

- Evidence Bag XL00129017; Receipt 129017: *Baseball cap* ta' kulur iswed tal-marka '**Tommy Hilfiger**'; Ġakketta tal-marka '**Tommy Hilfiger'** u Tnax-il biċċa hwejjeg tal-marka '**Tommy Hilfiger'**.

- Evidence bag C000386; Receipt 386432: Polo shirt tal-marka '**Lacoste**'; Polo shirt tal-marka '**Tommy Hilfiger'**; Qmis tal-marka '**Burberry**'.

- Evidence bag XL001129018; Receipt 129018: Portmoni tal-marka '**Guess**'; Żewġ portmonijiet tal-marka '**Gucci'**; Portmoni tal-marka '**Louis Vuitton'**; Żewġ portmonijiet tal-marka '**Michael Kors'**; Handbag ta' kulur iswed tal-marka '**Chanel'**; Handbag tal-marka '**Julia Pieralli'**.
- Evidence bag SC00178788; Receipt 178788: Sitt ċpiepet ta' kulur isfar; Par msielet ħoloq kbar ta' kulur isfar; Tliet ċpiepet irqaq; Ċappetta li tinfetaħ; Ġiżirana rqiqa kulur il-fidda; Ċurkett b'erba' ringieli ħaġar bojod fuqu; Ċurkett kulur il-fidda b'ħaġar ftit kbir; Ċurkett kulur il-fidda b'ħaġra sewda fuq; Ċurkett kulur il-fidda u pendent.

Jiġi innotat kif **l-istess *brands*** li nstabu fir-residenza ta' Muriel instabu ukoll fir-residenza tal-ġenituri tagħha fejn magħhom kienet qed tgħix ukoll bintha Nicole.

Ikkunsidrat,

*Valuation* minn Esperti nominati mill-Asset Recovery Bureau (ARB)

Riprodott Dr. Kenneth Camilleri ippreżenta rapport li jiddokumenta l-*valuation* li saret minn Centurion Valuations fi ħdan Centurion Auctioneers, tal-oġġetti li ġew elevati mir-residenzi tal-imputati u postijiet oħra tagħhom varji inkluż l-vetturi.[191] Techpoint għamlu *valuations* tal-apparat u tagħmir elettroniku li ġie elevat.

L-abbli difensuri tal-imputati jissottomettu fin-nota ta' sottomissjonijiet minn tagħhom li, l-opinjoni ta' Steve Abela għal Centurion Valuations kif ukoll dik ta' Arthur Briffa għal Techpoint, għandhom jiġu skartati ġaladarba mhux esperti maħtura mill-Qorti.

Fuq dan il-punt il-Qorti ma tistax taqbel ġaladarba l-esperti li ingaġġat l-ARB kienu ġew hekk ingaġġati abbażi ta' digriet ta' din il-Qorti mogħti fuq talba tad-Direttur għall-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi tat-13 ta' Novembru 2020, mhux opposta mill-partijiet[192], mill-datat nhar l-24 ta' Novembru, 2020.[193]

Ir-***Regolamenti Dwar l-Uffiċċju Għall-Irkupru tal-Assi,*** (S.L.9.23)[194] kienu jirregolaw il-funzjoni w kompetenza tal-Uffiċċju fiż-żmien ta' dawn il-proċeduri, qabel il-promulgazzjoni tal-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta li llum jipprovdi għal proċedura aktar speċifika u dettaljata meta l-Uffiċċju jinħtieġ jagħmel valutazzjoni ta' oġġetti sekwestrati jew maqbuda b'ordni t' Iffriżar. Ir-regolament 7 ta' dawk ir-Regolamenti kien jipprovdi:

> 7(3) Skont it-twettiq tal-missjoni tiegħu skont dawn ir-regolamenti, l-Uffiċċju għandu:
> ......
> (b) jassisti kull awtorità kompetenti oħra fir-rigward ta' kwistjonijiet previsti f'dawn ir-regolamenti

Fir-regolament 18 konna nsibu:

> 18.L-Uffiċċju jista' wkoll jaġixxi permezz ta' dawk il-kuntratturi kif jista' minn żmien għal żmien jaħtar:
> Iżda li dawk il-kuntratturi għandhom f'kull ħin jaġixxu skont dawk l-istruzzjonijiet kif jista' jingħata lilhom mill-Uffiċċju

**Steve Abela** minn Centurion Valuations xehed kif ġie inkarigat mill-Asset Recovery Bureau.[195] In kontro-eżami spjega li *"Kien valuation ta' kwantità kbira ta' designer clothing, designer accessories bħal designer handbags, designer shoes, plus kien hemm xi ġojjellerija u wieħed mill-affarijiet kien xi Rolex..... l-esperjenza tagħna,*

---

[191] Fol.1769. Rapport **Dok.KCZ** a fol.1772 et seq

[192] L-imputati Konjugi Micallef u Muriel Micallef.

[193] Fol.580 et seq

[194] Dħul fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2017. A.L. 357 tal-2015, kif emendat bl-A.L. 284 tal-2018. Imħassar bl-*Att V.2021.70*

[195] Fol.2417 et seq. Rapport a fol.2421-2427

*jiena tiegħi personali, f'għoxrin sena kemm ilni nipprattika dan ix-xogħol, il-knowledge tiegħi ġibtu mill-esperjenza li mmiss u nara sia designer clothings oriġinali u sia fakes li huma li jsiru normalment it-Turkija. Mit-texture, mid-design, mill-flawless tal-affarijiet, nista' niddetermina bejn wieħed u ieħor x'inhu tajjeb, oriġinali, u x'inhu ħażin. U dawn milli stajt nara jien ma kelli l-ebda dubbju li mhumiex oriġinal".*[196]

Abela semma kif l-*items* ġew iċċekkjati billi ġie verifikat is-*serial number* tal-*item* konċernat fejn dan kellhom iżda hu ma kellux ħin għad-dispożizzjoni fejn seta' jikkomunika mal-*manufacturers* barra minn Malta biex jiddetermina l-awtentiċità tal-item.[197] Rigward ċintorini, *sneakers* u *sunglasses* wkoll iddetermina l-ġenwinità tagħhom: *"On my better judgement...Ma kelniex ħin adegwatbiex nikkuntatjaw barra -...jien meta jikkummissjonawni l-Asset Recocery Bureau ituni ....deadline...Qaluli jrid isir on your better judgement...sfortunatament...kollox fuq my better judgement, fuq ghajnejja."*. Ix-xhud però jikkjarifika: *"Imma **hemm ħafna fatturi biex jidentifikaw** ta ... **il-materjal, il-fabric, stitching, il-kwalità tal-finishing** ..... [dwar handbag] Jien nista' ntik wieħed li fuqu kien għad kellu t-tabella bil-prezz ..... inxtara minn sors tajjeb, għax sibt minn fejn inxtara .... dan kien six hundred waħdu .... Naħseb Malta ħadd ma jista' jiċċertifikalek jekk xi ħaġa hix oriġinali jew le, fil-verità. Bħal meta tgħid Rolex, Rolex l-authorized seller tiegħu huwa Edward Lowell; jekk tmur b'Rolex għandu lanqas hu ma jista' jgħidlek jekk hux oriġinali jew le; irid jibagħtu barra, il-factory, jiġifieri... hawnhekk kien hawn... biss biss kien hawn two hundred sixty (260) pieces of designer clothing –Ma kellix ħin adegwat biex nagħmilha... Ma kellix ħin adegwat biex nidħol f'dak id-dettal!".*[198]

Jiġi emfasizzat bl-iktar mod ċar u inekwivoku li l-Qorti lanqas biss tibda biex tiddubita mill-kredenzjali w esperjenza vasta ta' Abela fis-settur ta' *valuations*. Il-fatt li bl-esperjenza tiegħu Abela seta' jikkonstata l-ġenwinità o meno tal-*items* li eżaminha u dan minn fuq għajnejh, ma jimmillita xejn kontra l-forza probatorja ta' dik il-konklużjoni minnu milħuqa w l-istimi, inkluż dawk konservattivi, li jissemmew fir-rapport minn tiegħu. Ġa ssemma aktar il-fuq kif iddistingwa bejn artikoli li kellhom *certificate of authenticity*[199] u dawk li ma kellhomx, minn ġojjellerija u artikoli tal-*stainless steel,*[200] metal[201] jew *costume jewellery.*[202]

---

196 Fol.3121
197 Fol.3122-3123
198 Fol.3124-3165
199 *Exhibit/Ref:* 60 u 61 a fol.1824
200 *Exhibit/Ref:* 45, 57 a fol.1823
201 *Exhibit/Ref:* 44, 45, 53-54 a fol.1823
202 *Exhibit/Ref:* 51, 55 u 63 a fol.1823-1824

Il-Qorti hi konċernata biss għal fatt li meta l-Asset Recovery Bureau jieħu ż-żmien tiegħu biex, in adempjenza mad-doveri imposti fuqu bil-Liġi - fejn għandu jagħmel inventarju tal-propjetà ta' persuni imputati b'reati kif kontemplat bil-Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta - għal raġunijiet li jaf biss hu, impona terminu ta' erbat ijiem fuq Abela biex jagħmel *valuation* ta' ruxxmata ħwejjeġ, aċċessorji, arloġġi u ġojjellerija! Il-Qorti tistenna ferm aħjar ikkunsidrat li l-Asset Recovery Bureau hi l-entità mwaqqfa appożitament biex tidentifika u tamministra assi li jiġi sekwestrati in konnessjoni ma reati:

> 6.(1) Għandu jkun hemm imwaqqaf korp, indipendenti mill-Gvern, li jkun magħruf bħala l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.
>
> (2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe liġi oħra, għandha tkun il-funzjoni tal-Uffiċċju li **jintraċċa u jidentifika r-rikavat mill-kriminalità** u kwalunkwe proprjetà oħra soġġetta għall- konfiska, u li jieħu azzjoni għall-konfiska tagħhom kif ukoll għall-amministrazzjoni u r-rimi xieraq tagħhom, u biex jassisti awtoritajiet oħra tal-infurzar u regolatorji fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

Jiġi osservat li l-mod kif Steve Abela ġie kostrett mill-Uffiċċju jagħmel l-*valuation* tiegħu, fejn mingħajr raġuni valida ħadem *in a race against time,* ma tixhidx professjonalità u serjetà li istituzzjoni, mwaqqfa biex tgħin fil-ġlieda kontra l-kriminalità w tidentifika propjetà derivanti minnha, għandu jkollha! Dan jingħad in vista tal-fatt li l-ordni t' iffriżar inħareġ nhar l-24 ta' Settembru, 2020 u r-rapporti mill-Asset Recovery Bureau ġew preżentati nhar is-16 ta' Frar 2021. Mhux talli hekk, iżda jirriżulta li Abela ġie mġiegħel ilesti r-rapport u jeżamina l-oġġetti elevati fit-30 ta' Novembru 2020, tlett xhur qabel mal-Uffiċċju ippreżenta r-rapporti tiegħu![203]

Per konsegwenza, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ħadet l-iżbriga li tieħu l-ħin tagħha biex teżamina hi dawn l-oġġetti elevati u esibiti.

Magħdud dan kollu, hu paċifiku li mhux dejjem hu neċessarju l-ħatra ta' esperti. Qorti tista' tevalwa l-ġenwinità w l-awtenċità t'oġġett hi *arbitrio boni viri* speċjalment jekk dan jirriżulta *ictu oculi*:

> Pero', kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appelli Kriminali mill-Prim' Imhallef V. DeGaetano fil-kawża **"Il-Pulizija vs. Joseph Cutajar"** [23.9.2005], meta Qorti, bl-applikazzjoni ta' l-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni tagħha, m' ghandux jitqabbad perit jekk tali valutazzjoni tal-fatti ma tkunx *"tinhtieg hila jew sengha specjali"*. Dan ukoll għaliex l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din necessarjament iggib ikunu inutili w ghalhekk ingustifikati. (ara ukoll **"Il-Pulizija vs. Lorita Pace"** [7.12.2006].)[204]

---

[203] Fol.1773

[204] **Il-Pulizija vs Saviour Micallef u Emanuel Micallef.** Per Onor Imħallef Dr. Joseph Galea Debono. Deċiża 29 ta' Marzu, 2007; Appell Kriminali Numru. 318/2006

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Borg** ikkunsidrat:[205]

> Wara kollox, is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment li:
>
> **"Fil-kazijiet kollha li fihom ghall-ezami ta' persuna jew ta' haga tkun tinhtieg hila jew sengha specjali** [fit-test ingliz: **special knowledge or skill**]**, ghandha tiġi ordnata perizja."**
>
> Sabiex persuna jkollha hila jew sengha specjali mbaghad, mhuwiex mehtieg, ghall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal- ligi, li dik il-persuna tkun akkwistat tali hila jew sengha unikament permezz ta' studji formali fil-branka partikolari. Bhalma naqraw f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[206] , *"whether a witness is properly qualified in the subject calling for expertise is a question for the court. Such competence or skill may stem from formal study or training, experience, or both".* Fis-sentenza tas-South Australia Supreme Court fl-ismijiet *R. v. Bonython (1984)* 38 S.A.S.R. 45, citat f'**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003**[207], King C.J. qal:
>
> **"Where the witness possesses the relevant formal qualifications to express an opinion on the subject, an investigation on the voir dire of his methods will rarely be permissible on the issue of his qualifications. There may be greater scope for such examination where the alleged qualifications depend upon experience or informal studies.... Generally speaking, once the qualifications are established, the methodology will be relevant to the weight of the evidence and not to the competence of the witness to express an opinion....**
>
> **If the qualifications of a witness to give expert evidence are in issue, it may be necessary to hear evidence on the voir dire in order to make a finding as to those qualifications...."**
>
> Fil-ligi taghna l-esperti ma jigux maghzula mill-partijiet (ghalkemm jistghu jintalbu mill-partijiet) iżda jigu nominati mill-Qorti, li hi 'l fuq mill-partijiet. Jekk espert hekk nominat ghandux verament il-kwalifiki li jipprofessa li għandu, jekk ghandux verament 'hila jew sengha specjali' (Art. 650(1)) hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt, f'dan il- każ ghall-gurati. Hu proprju ghalhekk li l-ligi tipprovdi li l- gudikant tal-fatt **"mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu"** (Art. 656)……

Kien għalhekk li l-Qorti għaddiet biex eżaminat hi stess l-volum enormi ta' artikoli w oġġetti li nġabru mir-residenzi rispettivi tal-imputati, fejn minn dak li setgħet tikkonstata ma jifdal **ebda ombra ta' dubbju li l-artikoli elevati huma tassew prodotti oriġinali u awtentiċi, wħud għadhom bit-tabella bil-prezz b'kollox**.

---

205 Deċiża 13 ta' Lulju, 2006. Per Onor. Imħallfin Joseph A. Filletti, Gino Camilleri u David Scicluna

206 [17 Para. 10.3 paġna 2120.]

207 [18 Para. 10-65 pagna 1234.]

Għalhekk u b'rispett lejn il-prinċipju ta' *in dubbio pro reo*, il-Qorti qed tagħmel tagħha l-stimi tal-espert Abela in kwantu għall-valur l-aktar konservattiv indikat minnu.

Jibqa' l-fatt li kemm il-darba l-imputati donnhom qed allegaw li dawn l-oġġetti mhux awtentiċi, kellhom ikunu huma li jġibu d-debita prova dejjem sal-grad tal-probabbli in segwitu tal-prinċipju *ei incumbit probatio qui dicit, non qui negat*.

Dan ma għamluhx!

*D. Oġġetti Elettroniċi*

Fuq inkarigu ta' din il-Qorti Keith Cutajar ġie maħtur sabiex jagħti stima tal-oġġetti elettroniċi kemm kienu jiswew oriġinarjament meta nxtara kif ukoll kemm jiswew illum il-ġurnata meħud in konsiderazzjoni id-*depreciation value* u l-kundizzjoni li jinsab illum fih l-oġġett. Cutajar jagħti bħala stima komplessiva tal-oġġetti elettroniċi l-ammont ta' **€5,187** bħala l-*purchase price* komplessiv u €2,326.50 bħala l-*current value* tal-item. L-oġġetti l-aktar ta' valur huma is-segwenti:[208]

- Apple iPhone Xs Max Black stmat €942 (**Dok.MB12**[209]) illum €435.50 elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef mill-Ispettur Danilo Francalanza[210];
- Apple iPhone Xs Max White mixtri 31/01/2019 (**Dok.MB3**[1])[211] bl-irċevuta ta' €1,100 illum stmat €530.00[212] elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef;
- Apple iPad Air 2 (**Dok.MB6**[213]) stmat €440 illum €200[214] elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef[215];
- Apple iPhone 7 (**Dok.MB7**[216]) stmat €320 illum €200 elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef, fil-kamra ta' Nicole Micallef mill-Ispettur Danilo Francalanza;[217]
- Apple watch Series 5 44mm (**Dok.MB2**[218]) stmat €480 illum €340 elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef fil-kamra ta' Nicole Micallef mill-Ispettur Danilo Francalanza;[219]

---

208 **Dok.KC** a fol.2952 et seq
209 **Dok.MB** a fol.1079
210 Fol.1080-1081
211 **Dok.MB** a fol.1039.
212 Evidence bag MC00011936; Receipt 388:
213 **Dok.MB** a fol.1050
214 Evidence bag MC00011938; Receipt 385
215 Evidence bag MC00011938
216 **Dok.MB** a fol.1055-1056
217 Evidence bag SC00178814. Fol.1055
218 **Dok.MB** a fol.1034-1036
219 Evidence bag L00451438; **Dok.MB2**. Vide fol.1036

- Silver Acer laptop (**Dok.MB5**[220]) stmat €500 illum €50 elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef fil-kamra ta' Nicole Micallef mill-Ispettur Danilo Francalanza;[221]
- Samsung SM-T550 (**Dok.MB10**[222]) stmat €250 illum €100.00[223] elevat mir-residenza tal-konjugi Micallef mill-Ispettur Danilo Francalanza[224].

E. *Vetturi*

**Mark Micallef**, maħtur mill-Qorti, ikkonstata l-valuri tal-vetturi esibiti kif ġej:[225]

- Range Rover Evoque FCS621: €28,000-€29,000
- Volkswagon FCQ176: €12,500-€13,000
- Skoda Felcia Combi DBF786: €650
- Toyota IST 2003 FBV712: €1,500

Peress li l-BMW 530D numru MUR111 kienet nħarqet, l-espert seta' biss jaghti valur approssimattiv ta' kemm tiswa vettura simili b'kundizzjoni ta' waħda medja inkluż il-qari tal-mili. Din ġiet kalkolata li meta inxtrat kienet tiswa **€13,500** iżda ġiet stmata li llum tiswa €5,000.[226]Mitsubishi Pajero reġistrata fuq Muriel Micallef numru DBS679 ukoll ma kienitx disponibbli sabiex issir il-valutazzjoni tagħha u l-espert ibbaża l-valutazzjoni tiegħu dwar kemm kienet tiswa fl-2010 bil-valur ikun dak ta' kundizzjoni medja. L-espert ikkalkula li fl-2010 kienet tiswa madwar **€4,000** iżda llum €1,600. [227] Fuq l-istess konsiderazzjonijiet wasal biex jistima Mitsubishi Pajero numru JAZ618 fejn sab li fil-2013 kienet tiswa madwar **€4,500** iżda llum madwar €2,500.[228] Id-dati tal-stimi huma dawk ta' meta l-vetturi ġew reġistrati fuq l-imputati.

Ikkunsidrat ukoll,

**L-ewwel Imputazzjoni: Ir-Riċiklaġġ**

*L-Attività kriminali Sottostanti*

---

[220] **Dok.MB** a fol.1042.
[221] Evidence bag L00451439; **Dok.MB5.** Vide fol.1044
[222] **Dok.MB** a fol.1068-1072
[223] Evidence bag MC00011945; Receipt 381
[224] Fol.1069
[225] Fol.2879. Rapport **Dok.MM** a fol.2871 et seq
[226] **Dok.MMZ** a fol.3044 et seq
[227] Fol.3052
[228] Fol.3056

Fattur determinanti li jipprova tassew kif l-imputati kienu assolutament u indubbjament jgħixu *beyond their (legal) means* hu l-fatt li, meta il-prosekuzzjoni ampjament w abbilment ippruvat li ma hemm ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus u proprjetà li nstabet għand l-imputati ma kienux flus jew proprjetà provvenjenti minn attività leċita, l-imputati ma rnexxielhom **fl-ebda ħin jersqu qrib li jissodisfaw il-Qorti, dejjem fuq bażi ta' probabbilità, dwar il-provvenjenza leġittima ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat.**

Id-dispożizzjoni tal-artikolu 22(1Ċ)(b) tal-*Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi,* Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-artikolu 3(3) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, takkwista sinifikat kbir f'dawn iċ-ċirkostanzi u tissiġilla l-każ għal prosekuzzjoni.

**Inoltre dwar l-attività sottostanti, u ċioe` dik ta' traffikar ta' droga, nġabu l-provi li Muriel Micallef tinsab imputata f'żewġ proċedimenti fuq reati konnessi ma traffikar ta' droga u ma pussess ta' droga mhux għall-użu esklussiv tagħha.** M'hemmx dubbju dwar dan, għalkemm biex jiġi soddisfaċentement pruvat ir-reat ta' riċiklaġġ skond l-artikolu 2 tal-Att kontra l-Money Laundering:

> (2)(a). Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' money laundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti .....
>
> (ċ) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu ""attività kriminali sottostanti" tirreferi għall-attività kriminali li minnha il-proprjetà jew rikavat ieħor, li tkun involuta fir-reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun ġiet direttament jew indirettament miksuba.

Ix-xiehda tal-**Ispettur Mark Mercieca** hi importanti in kwantu għal prova tal-attività kriminali sottostanti r-reat ta' riċiklaġġ addebitat lill-imputati. Mercieca jiddeskrivi kif *"nhar it-tletin (30) ta' Ġunju elfejn u għoxrin (**2020**) il-pulizija tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga irċevew informazzjoni li ċerta Muriel Micallef kienet qiegħda tittraffika d-droga fl-akwati Tas-Sliema u kienet qiegħda ġewwa vettura tal-għamla Volkswagen Passat DON 77. Ngħid sewwa li jiena kont ħriġt team ta' nies fejn meta avviċinaw l-Imsida, Triq il-Qrejten, fejn l-akwati li toqgħod hi stess kienu avviċinawha ġejja lura lejn id- dar bħala passiġġiera, xufier kien hemm ċertu Christopher Xerri. Irrid ngħid li hemmhekk twaqqfu. **Muriel Micallef meta nħarġet minn ġewwa l-vettura fuq is-seat u taħt is-seat tagħha kienu nstabu diversi sustanzi ippakkjati ġo boroż żgħar u anke ammont ta' flus kontanti**. ....wara s-search li saret fil-vettura, saret search oħra ġewwa residenza bl- isem Santa Marija, Flat 3, Triq il-Qrejten, Pietà, cioé r-residenza li kienet toqgħod ġewwa fiha Muriel Micallef stess fejn hemm ġew **instabu diversi oġġetti relatati mad-droga** <u>bħal imwieżen diġitali, kien hemm kaxxa tal- ħadid żgħira bi traċċi tal-kannabis, boroż tal-plastik u</u>*

*anke corners tal- plastik jiġifieri ta' boroż fejn titpoġġa tintuża bħala qartas li kienu vojta ġewwa d-dar tagħha, crushers u aktar traċċi tal-kannabis grass...... l-akkużi li nħarġu fir-rigward ta' Muriel Micallef, u minħabba s-sustanza li nstabet fil-vettura ukoll inħarġu lilha stess, huwa minħabba l-fatt li **meta ġiet imwaqqfa mill-pulizija, Muriel Micallef dehret taħbi oġġetti taħtha, taħt is-seat tal-passiġġier**, u meta l- pulizija għamlu t-tfittxijiet tagħhom, deher li kienu dawn is-sustanzi.".*[229]

Ix-xiehda ta' Mercieca tikkorrobora dak li saħaq Scerri. L-**imwieżen** jerġgħu ifakkru l-Qorti dwar dak li xehdet l-għalliema Lydia Grech meta t-tifla semmietilha li **ommha tiżen ir-"Rocks**"; dettalji li jissemmew minn Scerri iżda hu jagħmel riferenza għal "stones": "*Rocks qaltli lili t-tifla .... qaltli **'taqtaghhom u taghmilhom f'bags u titfaghhom fil-mizien'**, qaltli 'jkunu qishom sweets imma mhux sweets'.".*[230]

Mercieca jikkonferma dak li qal Scerri li kien jgħix fl-istess dar fejn instabet id-droga meta **iddikjara li Muriel u ċertu Marion Schembri *"tbiegħ [id-droga] 24 hours mid-dar taghna"* tal-Msida.**[231] L-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Muriel Micallef dwar dan il-każ ġew esibiti mill-istess Spettur Mercieca; hi ġiet imputata *inter alia* bil-pussess ta' droga eroina u kokaina mhux għall-użu esklussiv tagħha, pussess ta' pjanta cannabis.[232]

Dwar l-attività kriminali sottostanti r-reat ta' riċiklaġġ nstemgħet ukoll ix-xiehda tal-**Ispettur Pierre Grech.** Fl-2011 kien involut f'investigazzjoni relatata ma' **sejba tad-droga fl-appartament fejn kienet tirrisjedi Muriel Micallef**.[233] Sussegwentement kien ressaqha l-Qorti b'arrest fuq traffikar ta' kokaina u pussess ta' cannabis bil-kawża tissokta quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Natasha Galea Sciberras.[234]

Interessanti hu li fl-*extraction* tal-iPhone tal-imputata[235], jinstab anke messaġġ li ma tantx iħalli lok għall-interpretazzjoni:

> *From: +35677610180 Jesika*
> *Timestamp: 10/05/2020 04:01:37(UTC+0)*
> *Source App: Native Messages*
> *Body:*
> ***Nista nibat larus tijaj 30 u 20** . Wihed buk. Nucalli . Jess jina*

---

[229] Fol.2449-2451
[230] Per **Lydia Grech** a fol.2061-2062
[231] Fol.1921 per **Christopher Scerri**
[232] **Dok.MM** a fol.2455-2456
[233] Fol.2569
[234] Ibid.
[235] **Dok.MB11. Chat no.112 :**"D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Native Messages_+35699059931"

Għaldaqstant fil-każ in deżamina l-attività kriminali sottostanti hi ir-reat ta' **traffikar ta' droga**. Attività kriminali li, *inter alia*, hi imputata biha Muriel Micallef f'żewġ proċedimenti separati.

## Riżultanzi Saljenti

1. **Daniel Galea**, *accountant* maħtur mill-Qorti, ipprovda rendikont finanzjarju tad-**dħul leġittimu** tal-imputati:

- Dwar Muriel Micallef mar lura sal-1997 fejn ikkalkula li bil-*minimum wage* fil-ħames snin li għamlet impjegata bħala *factory girl* u *maid*, kellha paga ta' €6,000 fis-sena li fil-2001, bl-aħħar sena t'impjieg tirċievi salarju ta' €6,600. Minn Settembru 2001 sas-16 t'Ottubru 2020, bdiet tirċievi benefiċċji soċjali bl-aħħar ħames snin kienet tirċievi medja ta' **€7,800 fis-sena**.[236]

- Martin Micallef ħadem mal-Gvern bejn l-1975 sa 2011 u beda jirċievi pensjoni tal-invalidità minn Marzu 2012 sakemm irtira. Beda jieħu l-pensjoni minn Diċembru 2017. Minn dak dikjarat mal-VAT Department kien hemm *surplus of sales over purchases and fixed assets* li tvarja bejn €0-€2,500,[237] fejn ma baqax reġistrat b'effett mill-1 ta' Jannar 2011.[238]
- Natalie Micallef ma kellhiex impjieg u qatt ma tħallset benefiċċji soċjali.

- Nicole Micallef ġie ikkalkolat li fis-sentejn t'impjieg bil-*minimum wage* din kellha *annual gross emolument* ta €10,000 li ma jinkludix *overtime* u *allowances.*

2. **Maria Barbara,** rappreżentanta ta' Maltco Lotteries Limited, spjegat li l-Maltaco ikollha informazzjoni kemm il-darba il-*player* issarraf jew jonfoq il-fuq minn €2,000.[239]

L-importanza ta' din ix-xhud hi biex tipprova li l-imputati ma kienux rebħu xi lotterija li b'konsegwenza setgħu igawdu mill-stil ta' ħajja li kienu qed jgħixu.

3. L-imputati kienu jgawdu minn għejxien ta' livell għoli għall-istat tagħhom fejn Muriel u l-ġenituri tagħha jgħixu minn fuq benefiċċji soċjali.

Għejxien u stil ta' ħajja fejn mill-**artikoli tal-ħwejjeġ, *clothing accessories*, arloġġi u ġojjellerija varji li ġew esibiti u deskritti aktar il-fuq, magħdud ma żjajjar fil-casinos kollha ta' Malta, ħajjithom bl-ebda mod ma tista' tiġi**

---

[236] **Dok.DGA** a fol. 1973 et seq.
[237] Fol.1983
[238] Fol.2003
[239] Fol.2503-2504

**paragunata ma dik ta' nies li jiddependu għal għejxien tagħhom fuq ċekkijiet tad-dipartiment tas-sigurtà soċjali.**

4. **Dr. Andre Borg**, in rappreżentanza ta' Airmalta plc., ippreżenta informazzjoni fuq titjiriet li għamlu l-imputati mal-Airmalta.[240] Jirriżulta li l-imputati kienu jivvjaġġaw lejn Londra, Pariġi u Catania. Din l-informazzjoni tkopri biss l-linja Airmalta għall-perjodu 2016-2019.[241] Diversi ukoll kienu talbiet għall-awtorizzazzjoni tal-Qorti għall-safar magħmulha lill-Qorti minkejja l-ordni t'iffriżar impost!

**Colin Aquilina** għal ROCS Group, xehed li Muriel għamlet żewġ vjaġġi ma ROCS. Fl-Lulju 2018 (li jidher fil-lista **Dok.AB1**[242] esibita minn Dr. Borg) il-vjaġġ ġie jiswa **€1,138**[243] u skond Aquilina tħallas f'***cash***. Vjaġġ ieħor sar għal Pariġi ma żewġ ulieda f' Jannar 2021 li ġie jiswa **€895**[244] u skond s-Sur Aquilina tħallas ukoll f'***cash*.**[245]

A. Muriel Micallef

5. Fil-każ ta' **Muriel Micallef** jiżdiedu għadd ta' *cosmetic surgeries* u *beauty treatments*.

**Albert Micallef**, rappreżentant ta' St James Hospital, ippreżenta informazzjoni dwar interventi kirurġiċi li saru minn Muriel Micallef fl-imsemmi Sptar. Jiġi osservat li bejn l-2012 u l-2013 Muriel frekwentat l-Sptar privat f' numru kbir ta' okkażjonijiet[246] fejn dejjem ħallset fi **flus kontanti**. Fil-fatt mill-informazzjoni li ppreżenta Fenech, saru mal-ħamsin (50) transazzjoni fejn l-ammonti kienu jvarjaw minn €4-€80. Kien hemm imbagħad transazzjoni magħmulha fit-12 ta' Frar 2013 ta' **€170.** Fit-23 ta' Settembru 2018, kellha viżita medika li swiet **€88.00**.[247] Irriżulta wkoll li kien intervent t' ICSI fid-29 ta' Lulju 2012.[248] Ma dawn iżda, saru wkoll interventi kożmetiċi fejn fl-10 t'Ottubru 2010 għamlet

[240] Fol.2506-2507
[241] **Dok.AB1** a fol.2527
[242] Ibid.
[243] Fol.2861
[244] Fol.2564
[245] Fol.2855
[246] **Dok.AM2** a fol.1949-1950
[247] Fol.1945
[248] *Intracytoplasmic sperm injection*. Fol.1952

*booking* għal *breast augmentation* u fl-24 ta' Ġunju 2010 għal *lip augmentation*.[249] Intervent ieħor ta' *breast augmentation* li swiet **€810** sar fl-4 ta' Diċembru 2014,[250] u fis-16 ta' Jannar 2020 għamlet *full rhinoplasty* li ġiet tiswa **€987.00.**[251]

**Min jgħix fuq ir-*relief* biss ma jmurx fi sptarijiet privati iżda f'dak tal-Gvern u ma jagħmilx dawn il-kapriċċi!**

Minn naħa tiegħu, **Dr. David Grech,** spjega li Muriel Micallef ilha tattendi l-klinika tiegħu għal trattamenti kożmetiċi minn Mejju 2019 sa Mejju 2021[252] fejn f'dan il-perjodu ta' sentejn nefqet xejn anqas min **€3,769.91**.[253] Dan ifisser li anke fil-mori ta' dawn il-proċeduri baqgħet tagħmel visti għandu minkejja l-ordni t'iffriżar impost fuqha! Konsegwentement bilfors tqum il-mistoqsija: **minn fejn kienet qed tiffinanzja din l-estravaganza kollha l-imputata Muriel Micallef meta suppost tgħix biss fuq benefiċċji soċjali?**

*A buon intenditore poche parole.*

6. B'hekk irriżulta li l-aħħar impjieg ta' Muriel Micallef kien dak ta' *sales assistant* fis-sena **2006** fejn jirriżulta li ħadmet ġurnata ma J&M Detergent Shop, Ħamrun.[254]
Muriel Micallef għandha *savings account* b' bilanċ ta' €257.79.

7. Min dak li jirriżulta bħala introjtu legali, Muriel tgħix **esklussivament fuq benefiċċji soċjali** li jiġu riċevuti b' cheques mibgħuta fl-indirizz tagħha.[255]

Tirċievi benefiċċji soċjali kif ġej: Assistenza Soċjali; Bonus Speċjali fil-Ġimgħa; Bonus ta' Sitt xhur; Għajnuna Speċjali tat-Tfal u *Allowance* għat-Tfal. Fl-aħħar ħames (5) snin Muriel Micallef rċeviet €38,905.66 f'benefiċċji soċjali varji kif ġej:[256]

- 2016: €8,800.80 ċioè €773.40c fix-xahar
- 2017: €8,393.64 ċioè €699.47c fix-xahar
- 2018: €7,720.89 ċioè €643.40c fix-xahar
- 2019: €7,898.07 ċioè €658.17c fix-xahar

249 Fol.1952
250 **Dok.AM1** a fol.1947
251 **Dok.AM** a fol.1944
252 Fol.1966-1967
253 **Dok.DG** a fol.1969
254 **Dok.JS** a fol.737-738
255 Fol.56-57
256 **Dok.ST** a fol.1013

- 2020: €6,092.26[257] ċioè €507.68c fix-xahar

Fuq isimha għadhom jidhru tlett vetturi Mitsubishi Pajero JAZ618, Mitsubishi Pajero DBS679 u BMW530 MUR111.[258]

8. Minbarra li tmantni lilha nnifisha, Muriel tmantni wkoll lill-bintha minuri.

9. Ir-Range Rover FCS621 li hi reġistrata fuq omm Muriel Micallef, Natalie Micallef, *on paper* tidher li nxtrat mill-konjugi Micallef, ġenituri ta' Muriel Micallef.

Madankollu mill-evidenza prodotta, il-Qorti m'għandhiex dubbju li anke **fuq din il-vettura waħedha kien hemm riċiklaġġ mill-imputati Natalie u Martin Micallef u l-istess Muriel;** lkoll ko-awturi fil-**ħabi tal-vera sid u propjetarja** tal-vettura u ċioe` binthom Muriel Micallef!

F'dan l-isfond ma jridx jintesa li sa minn Marzu 2011 kien inħareġ ordni ta' iffriżar fil-konfront ta' Muriel Micallef mill-mibki Onor. Maġistrat Dr. J. Apap Bologna propju fid-**29 ta' Marzu, 2011**.[259] Għalhekk kemm il-darba din il-vettura, mingħajr ma jingħad xejn għalissa dwar id-*duplex* li tirrisjedi fih, kellha tiġi reġistrata fuq isimha din kienet **ser tiġi sekwestrata** kif tiddetta l-Liġi.

Il-konvinzjoni tal-Qorti li s-**sid vera tal-vettura hi Muriel Micallef** temana mis-segwenti fatti li irriżultaw:

a). Instema kif Muriel kienet tuża din il-vettura meta tmur l-għassa l-Msida sabiex tiffirma.[260]

b). **Louis Bugeja** spjega kif kera *car space* lil Muriel Micallef. Ltaqa' magħha meta kien mar sabiex jiġbor il-kirja għax kienet tnizzillu l-kera mill-lift tar-residenza tagħha; il-ktieb tal-kera ġie esebit.[261] Il-kera bdiet madwar sena u nofs qabel fejn qatt ma kellu problemi dwar ħlas li kien jithallas b'€90 fix-xahar f'kontanti. Il-*car space* kien indikat bħala "Space 3" u jinsab fi blokka appartamenti Aaron Apartments fi Triq Qrejten, Msida.[262] **Mingħandha biss ġabar il-kera**!

---

[257] Ibid. L-imputata għad trid trodd lura l-ammont ta €240.54 għax-xhur Lulju 2020 - Ottubru 2020 u l-ammont ta' 624.55 għall-perjodu Settembru 2020-Ottubru 2020

[258] **Dok.KC1** a fol.623 et seq. Skond l-imputata il-BMW kienet inħarqet.

[259] Fol.651-654

[260] Fol.139

[261] **Dok.LB** a fol.441

[262] Fol.436-439

c). Kienet ir-Range Rover li <u>nstabet fl-imsemmi *car space*</u>, li hu sitwat ftit il-passi bogħod mir-**residenza tagħha fl-istess triq**.

d) Ta' rilevanza hu l-fatt, li jkompli jixhed kemm tassew il-vettura kienet tagħha u mhux ta' ommha jew missierha, li l-irċevuta ta' ħlas *cash* ta' €378 għal kambjala (Inv. 009176) tat-30 ta' Ġunju 2020, għalkemm maħruġa fuq missierha instabet **fir-residenza tagħha, fil-kċina mill-portmoni** u mhux fir-residenza ta' missierha![263]

e). Mill-*extraction* tal-iPhone[264] tagħha jirriżultaw ritratti tal-vettura hekk kif għadha ix-showroom ta' Premier Leasing.[265]

10. Muriel kienet tagħmel xirjiet ta' volum qawwi ta' ħwejjeġ u *clothing accessories* ta' ditti rinomati li ċertament qatt ma jista' jkun li dawn inxtraw minn benefiċċji soċjali li kienet tirċievi, u minn liema benefiċċji kellha tmantni ukoll lill-uliedha fosthom lill-bintha minuri.

Ma tridx tkun xi espert b'dottorat fil-valutazzjoni biex tikkonkludi li dawn il-ħwejjeġ kienu jeċċedu bil-bosta, u bil-bosta sew, l-ammont mensili riċevuti minn dawn il-benefiċċji soċjali. Jittieħed kont ukoll li:

**Astrid Cachia** xehdet kif Muriel Micallef kienet tmur tixtri mill-ħanut Elizabetta Franchi madwar tlieta sa erba' darbiet fis-sena.[266]

**Edwin Pisani,** Manager ta' Dizz Group, jispjega kif id-ditti tal-ħwienet tagħhom iġibu biss ħwejjeġ "*its a designer brand u huma hwejjeg tip daqsxejn <u>aktar lussizi minn hwejjeg ohra</u>*".[267]

**Michelle Farrugia,** in rappreżentanza ta' Sarto Limited, spjegat li minbarra Sarto Limited, hemm madwar ħmistax (15) il-*brand* li l-kumpanija tirrapreżenta fosthom Hugo Boss, Emont, Burberry, Dolce Gabbana, Stella McCartney, Jimmy Choo u oħrajn, u Muriel Micallef kienet iżżur il-ħanut sa darba, darbtejn fis-sena.[268]

---

[263] Vide Evidence bag esibita bħala **Dok IC33** fol. 176 (riċevuta Dok.IC32 a fol.175) kif iffotografat hekk kif instabet il-kambjala a fol.1709 et seq

[264] **Dok.MB11**

[265] D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache\Arp

[266] Fol.1724-1726

[267] Fol.430

[268] Fol.450-451

**Mark Felice,** mill-ħanut Sarto, spjega li Muriel Micallef hija klijenta w ippreżenta erba' (4) riċevuti maħruġin f'isimha.[269] Dawn l-riċevuti li datati bejn Marzu 2018 u Ġunju 2019 komplessivament huma fl-ammont ta' €735 maqsuma fuq żewġ tranżazzjonijiet ta' xiri u żewġ *deposits* ta' €50 kull wieħed li kienu għal *lingerie*.

Hu minn għewl id-dinja li **min jgħix fuq il-benefiċċji soċjali biss, u hu milqut minn ordni t'iffriżar filwaqt li jmantni minuri bħala *single mother*, u hi omm ta' tifla oħra, mhux ser jonfoq ammonti simili għal *lingerie*!!**

**Simon Galea,** in rappreżentanza tal-kumpanija Trilogy, spjega li l-kumpanija Trilogy tieħu ħsieb ukoll ħwienet tad-ditti Tommy Hillfiger, Armani u Calvin Klein. Ippreżenta lista ta' tranżazzjonijiet li saru fuq il-card ta' Muriel Micallef, mis-sena 2013 'l quddiem bl-ammont ilaħħaq **ċirca sitt elef ewro (€6,000).**[270] Mhux eskluż li jsiru tranżazzjonijiet minn persuna b'*card* reġistrata fuq isem l-imputata.[271]L-ammonti minfuqa jvarjaw minn ammonti diskreti sa massimu ta' €492.70c.

Ammonti u komportament ċertament mhux spjegabbli għall-*single mother* li tgħix unikament minn fuq benefiċċji soċjali!

11. Id-*duplex* li tirrisjedi fih Muriel m'hemmx dubbju li hu **propjetà tagħha** u bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni mhu qed jiġi emmnut li Carmel Grech jew CG Props Limited huma is-sidien li għadhom qed jikru dan il-fond lil Muriel. Ix-xiehda ta' Grech lanqas tgawdi l-minimu t'affidabbiltà. Il-Qorti tqis li Grech **gideb bil-ġurament darbtejn** meta xehed li d-*duplex* kien propjetà tiegħu mikri lill-imputata. Skond ix-xhud il-ftehim magħha sa mil-2012 kien li l-kera tinqata' mill-prezz tiegħu. Altru li kieku Muriel Micallef sal-lum il-ġurnata kienet tkun fdiet il-fond tenut kont il-ħlasijiet ta' €580 mensili li huma l-ammonti li jiddikjara li ġa tħallsu lilu, kif ukoll għall-fatt li l-ammont dikjarat fil-konvenju fl-2018 kien ta' €70,000 (u €20,000 għall-għamara)!

Fil-fatt fil-konvenju tad-*duplex* jingħad li kienu tħallsu diġà xejn anqas minn €90,000.[272] Fl-ewwel xiehda tiegħu semma kif il-kera kienet ta' €330 fix-xahar (wara jgħid xort'oħra u jixhed li l-kera kienet ta €580) u li fuq il-konvenju tħallas bejn €15,000-€20,000 f'kontanti.[273] Kopja tal-konvenju ġie preżentat ukoll minn

[269] Fol.554-556. **Dok.MF** a fol.558-568
[270] **Dok.SG** a fol.447-448
[271] Fol.442-445
[272] **Dok.LB6** a fol.73
[273] Fol.202

rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Propjetà;[274] għall-skop ta' taxxa l-ammont dovut ġie dikjarat bħala dak ta' €70,000.[275]

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka l-ovvju w ċioe li biex ikunu tħallsu flus fuq konvenju, ma jfissirx li dan kellu neċessarjament issir quddiem in-Nutar fil-mument li jsir il-konvenju; anzi kienet tkun ġennata jekk wieħed ried jostor dan il-fatt!

*Multo magis* meta jiġi ikkunsidrat kif meta sar il-konvenju Muriel Micallef kienet milquta b'ordni ta' iffriżar u ċertament in-Nutar ma kienx ser jaħrablu dettal bħal dak li kien idaħħlu f'xeba' inkwiet u jesponih għal proċeduri legali. Għalhekk il-fatt li n-Nutar jinnega li tħallsu xi flus quddiemu bl-ebda mod ma jimmillita sabiex il-Qorti tagħti xi kredibbilità jew affidabbiltà lil Grech; anzi fil-fehma tagħha tkompli tinkixef il-makkakerija tiegħu li l-flus tassew għaddew minn taħt u bil-moħbi tal-abbli Nutar.

Riprodott Grech, issa li ntebaħ bl-i żbalji grossolani li għamel fl-ewwel depożizzjoni tiegħu, ibiddel il-verżjoni tiegħu u jgħid li m'għaddewx flejjes fuq il-konvenju. Esebixxa kuntratt li juri li l-kera bdiet tiddekorri fl-2012[276] u l-ftehim kien li l-€580 mensili dovuti jibdew jinqataw mill-prezz jekk Muriel tagħżel li tixtri l-post; jixhed li għalhekk l-ammont kien anqas mill-€70,000 iddikjarat fil-konvenju.[277] Grech jasal jistqarr li sad-data ta' meta sar il-konvenju kien tħallas bejn €30,000-€41,000 liema flejjes tħallsu mill-imputata u Christopher Scerri, is-sieħeb tagħha dak iż-żmien.[278] Mela ma kienx qed jigdeb Scerri meta semma li kien jagħti flejjes sabiex seta' jinxtara l-post!

Ix-xhud isemmi li l-kera kien jirċieviha fi **flus kontanti**, daqqa meta kienu jmorru flimkien biex iħallsuh hi u Scerri, u drabi hu jew hi waħedhom.[279]

Interessanti hu li l-fatt li l-kuntratt tal-kera sar ma Muriel Micallef u Christopher Scerri fil-5 ta' Ġunju **2012.**[280]

**Issa l-ewwel ordni t'iffriżar inħareġ f'Marzu 2011 bl-obbligi fuq terzi li l-Liġi timponi!**

---

[274] Fol.204 et seq
[275] **Dok.CM** a fol.206 et seq
[276] **Dok.LB5** a fol.69-72. Kuntratt esibit minn Grech **Dok.CG** a fol.366 et seq
[277] Fol.358-560
[278] Fol.361-362
[279] Fol.363
[280] **Dok.CG** a fol.366 et seq

- Christopher Scerri jixhed li l-flus li Muriel ħallset għall-post li kienu jgħixu fih u li jinsisti kien **nxtara** mingħand Grech, kienu **provvenjenti minn bejgħ ta' droga**.[281]

Fix-xiehda mqanżħa tiegħu,[282] Grech jippretendi li l-fond qatt ma nbiegħ lil Muriel iżda kien għadu mikri lilha. Madanakollu **lanqas ma ġiet prodotta riċevuta waħda li hi waħda li kienet qed titħallas il-kera, kif lanqas nġab il-ktieb ta-kera;** kuntrarjament għal kif għamel Louis Bugeja li jikri l-*car space* lil Muriel Micallef.[283]

- Il-Qorti hi konvinta li d-*duplex* nxtara min Muriel u Chris Scerri propju kif jixhed Scerri u l-unika raġuni li ma sarx il-kuntratt ta' bejgħ fuq Muriel hu unikament sabiex ma jintlaqatx minn ordni t' iffriżar li inħareġ ftit aktar minn sena qabel ma sar il-kuntratt tal-kera fid-**29 ta' Marzu 2011**.[284]

Tant ix-xiehda ta' Grech hi inveritjiera w intiża biss sabiex **taħbi l-vera propjetà ta' Muriel Micallef**, li jibqa' jitkellem fuq il-konvenju li waqa u mhux li baqgħet titħallas il-kirja. Hawn jiġi osservat li m'hemmx dubbju li l-konvenju kellu jaqa' għaliex il-fond kien **ġa mibjugħ** lilha!

Fattur ieħor li juri kemm hu tassew inveritjier Grech hu li skond ix-xiehda tiegħu, fejn jiċħad li l-post nbiegħ lil Muriel, ġaladarba hu paċifiku li Muriel għada tgħix fl-istess fond hu jibqa' ma jipproduċix riċevuta waħda li din tassew kienet qed tħallas il-kera ta' €580 fix-xahar.
Jingħad ukoll li lanqas Muriel ma pprovdiet xi prova ta' din il-kirja. Tassew persuna trid tkun ta' qalb tajba u ġeneruża biex tippermetti li persuna tibqa tgħix go appartament li biss biss fl-2012 il-kera tiegħu kienet ġa ta' €580, u sa tlettax (13) il-sena wara lanqas biss talab għall-reviżjoni tal-kera. Wara kollox skond il-Perit Cassar il-fond jiswa €240,000!![285] Mhux ta' b'xejn id-diffikultà riskontrata minn Grech meta mitlub jaghti rendikont ta' dak dovut minn Muriel Micallef illum il-ġurnata!

Iktar minn hekk, ix-xiehda tiegħu twasslek biex tikkonkludi li l-kera għada titħallas regolarment fl-ammont stipulat ta' €580, minkejja li f'medda ta' ħdax il-sena il-valur tal-propjetà żdied b'mod esaġerat u l-kirjiet ġew riveduti mill-Qrati tagħna kemm il-darba:

---

[281] Fol.1924
[282] Fol.195-198 u Fol.359-363
[283] **Dok.LB** a fol.441
[284] Fol.651-654
[285] Fol.2549

*"Spettur Bonello: Sinjur Grech tista jekk joghgbok terga tikkonfermali li inti hlief kuntratt ta' kera ma ghamiltx?*
*Carmel Grech: Jien kont ghadni ma thallastx,* ***jiena ma nistax naghmel kuntratt ghax il-post ghadu fuqi"***[286]

- Grech lanqas ma prova juri li tassew qed jirċievi din il-kera mingħand l-imputata billi ppreżenta l-*income tax returns* tiegħu fejn kellu jintwera li kien qed jirċievi annwalment kważi €7,000 fis-sena, total ta' ċirca **€77,000** fuq medda ta' ħdax (11) il-sena mill-2012 l' hawn. Lanqas ma ntwera minn Grech li dan il-kuntratt ta' kirja ġie reġistrat mal-Housing Authority kif mistenni bil-ligijiet viġenti.

**Grech jigdeb bil-ġurament darbtejn** u minn rajh jispiċċa fi sqaq biex tiġi mgħejuna it-teżi difensjonali tal-imputata.

Il-Qorti ma ħarbilix il-fatt li għalkemm meta jixhed l-ewwel darba jsemmi li għandu rendikont ta kemm kien jirċievi kera matul iż-żmien, *"ghandhi l-karti li noqghod nikteb jien"*,[287] baqa ma ppreżenta lanqas karta waħda in sostenn ta' dak li xehed. Kif ingħad, Muriel Micallef ukoll naqset milli tippreżenta xi riċevuta tal-kirja li suppost kienet tħallas lil Grech.

**Tassew kif qatt setgħet jekk il-post kien ilu mibjugħ lilha!**

Issa fil-para. 1.6 tal-kuntratt ta' kera hemm provdut:

> *"Il-hlas tal-kera mill-inkwilini lis-sid tul it-terminu tal-lokazzjoni kollu ghandu jsir kull xahar bil-quddiem,* ***u s-sid huwa obbligat jirrilaxxa d-debita ricevuta*** *għall-istess. Jigi dikjarat ukoll illi l-inkwilin hareg favur s-sid mija u tmenin (180) kambjala li jiskadu wahda fix-xahar rapprezentatnti dawn il-pagamenti ta' hames mija u tmenin (€580) fix-xahar."*[288]

**Mija u tmenin (180) kambjala minn Ġunju 2012 għal kull xahar – fejn ma ġiet prodotta l-ebda kopja ta' xi kambjala** - tfisser li l-lokazzjoni kellha tiskadi sa massimu ta' Ġunju 2027! Li kieku kien minnu li dawn il-kambjali għadhom jitħallsu, ċertament kien ikun possibbli li tinġieb id-debita prova, xi ħaġa li ma saritx!

[286] Fol.196
[287] Fol.201
[288] Fol.367

- ➢ Finalment jinqabad f'gidba ħoxna Grech meta jixhed li l-konvenju waqa għaliex baqa ma sema xejn mingħand l-imputata meta fl-istess ħin irid jikkonvinċi l-Qorti li għadu jirċievi l-kera mingħandha![289]

Għalhekk filwaqt li hawn jagħti l-impressjoni li Muriel sparixxiet mid-dinja u m'għandux kuntatt magħha, qatt ma jista' jirrikonċilja dan il-fatt ma dak li kien għadu kemm xehed u ċioe li l-kirja għadha għaddejja!

Hemm biss żewġ possibilitajiet: (a) jew ma jiltaqax magħha peress li l-kirja m'għadhiex titħallas u dan propju għaliex il-post inxtara, (b) jew il-kirja għadha tiddekorri u għalhekk bilfors ikollhom jiltaqaw biex jithallas il-kera mensili ta' €580 li jfisser li qatt ma jista' jkun li baqa ma ngħatax spjegazzjoni għaliex il-konvenju waqa'.

**Ma sema xejn mingħand Muriel għaliex il-post nbiegħ, dik il-verità!**

- ➢ It-taħwid fix-xiehda ta' Grech tevidenzja **dak li jġib il-gideb**. Il-giddieb għomru qasir tassew għax l-għomor ta' Grech kien wieħed mill-Milied sa San Stiefnu, il-ħin li għamel fuq il-pedana tax-xiehda fejn ittenta ibiegħ lill-Qorti l-ħrafa li ħoloq biex mingħalih jgħin lil Muriel Micallef tevadi l-konsegwenzi. Konsegwenzi mhux biss f'dawn il-proċeduri iżda anke dawk konsegwenzjali għal ksur t'ordni t' iffriżar tal-2011; konsegwenzi li jista' jkun passibbli għalihom hu wkoll.

- **Reuben Bonnici** għall-Arms Limited ippreżenta kontijiet f'isem Muriel Micallef għall-fond St. Mary[290], fi Triq Qrejten, Pietà li juru li kellha bilanċ pendenti ta' €1,018.35 li jikkonsisti ukoll f'arretrati.[291]

  Inspjegabbli hu l-fatt li meta suppost Muriel Micallef hi biss *lessee* tad-*duplex*, il-kont tal-komun joħroġ fuq isimha; kont li ukoll hu magħmul minn arretrati.[292]

- Il-konvenju innifsu jqajjem ċertu tħassib anke tenut kont tal-fatt li t-terminu mogħti sabiex isir il-kuntratt tal-bejgħ kien dak tat-30 ta' Settembru 2019,[293] perjodu ta' sbatax (17) il-xahar minflok is-soliti termini li kien jestendi konvenju fl-2012. Indikazzjoni li l-imputata tbiegħdet mill-kuntratt ta' xiri għal żmien twil u dan, fil-fehma tal-Qorti,

[289] Fol.195-201
[290] *Recte*: Santa Marija
[291] Fol.1882 et seq. Vide **Dok.RB2** fol.1889-1890
[292] **Dok.RB3** a fol.1891 et seq.
[293] Fol.212

propju minħabba l-effetti legali tal-ordni ta' iffriżar impost jew sabiex tassew tilħaq tħallas il-fond kompletament kif jixhed li sar Christopher Scerri!

Għalhekk assolutament ix-xiehda ta' Grech hi waħda intiża totalment biex tgħin il-każ ta' Muriel Micallef u l-pożizzjoni li sab ruħu fiha minħabba tranżazzjonijiet li għamel mal-imputata fejn **ħalla fond jibqa' jidher fuq ismu, u mhux biex jingħad dak li hu s-sewwa w l-veru**.

Ftit intebaħ Grech li l-għemil tiegħu, minbarra li potenzjalment jikkostitwixxi sperġur u dikjarazzjoni foloz lil Kummissarju tat-Taxxi fil-kompilar tal-*income tax returns* annwali tiegħu sa mill-2013, l-istess **għemil potenzjalment jammonta mhux biss għal ksur t'ordni t'iffrizar tal-2011, iżda ukoll hu passibbli għal riċiklaġġ** tenut kont li fl-artikolu 2(1) fid-definizzjoni ta' "riċiklaġġ" hemm inkluż-

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali; ....

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta'proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;......

(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

12. Dan kollu intqal sabiex jiġi muri kemm tassew kien inveritjier Grech kif jirriżulta manifestament minn prova skjaċċanti li ġiet f'idejn il-Qorti waqt li kienet qed teżamina l-atti ta' dan il-każ fosthom id-dokumenti li nstabu fil-portmoni tal-imputata Muriel Micallef.

Dan hu **dokument li ma jħalli ebda lok għall-ambigwità jew ekwivoku li Muriel Micallef hi s-sid tar-residenza tagħha.**

Dan id-dokument li nstab fil-kċina tar-residenza ta' Muriel Micallef, eżattament f'portmoni tagħha ta' Michael Kors,[294] ġie fotografat u ġie dokumentat bħala ritratt nru 2011 3220 BRN1966.[295]

Dan hu **kuntratt bejn Muriel Micallef u Owners Best** datat il-15 ta' Lulju, 2020 sabiex jinbiegħ il-fond ta' Flat 3, Qrejten Street, Pieta fejn sar qbil li din l-aġenzija

[294] Vide Evidence bag esibita bħala **Dok IC33** fol. 176 (riċevuta rilevanti **Dok.IC32** a fol.175). Vide eżatt kif instab id-dokument hekk kif iffotografat a fol.1709 et seq
[295] **Dok.AG10** a fol.1714

kellha tirċievi *commission* jekk tbiegħ il-propjetà imsemmija. Il-kliem tal-kuntratt jgħid dan:

> *" Property Ref*
> *Address*
>
> ***Santa Marija Flt 3, Qrejten Str,***
> ***Pieta***
> ***Commission Agreement entered into today 15/07/2020 between on the one part ID406371M for on behalf of Property Ltd. Hereinafter referred to as the Company.***
> ***And on the other part Muriel Micallef ID/Passport 43080M***
> ***Email murielmicallef@icloud.com Phone No. 99006099***
>
> ***Open Agency***
> ***By virtue of this agreement, the Customer confirms to the Company to market the sale of the** above-mentioned property**.....***
>
> ***Firmat M. Micallef***
> ***Customer"***[296]

Min qatt ser jasal ibiegħ dak li mhux is-sid assolut tiegħu?? Carmel Grech sfortunatament hu tassew persuna inaffidabbli meta fuq xi ħaġa daqshekk inokwa, ċioè it-titolu ta' fond li la jappartjeni lilu w lanqas xi membru ta' familtu iżda jappartjeni lil persuna barranija b'passat kriminuż, għażel li jieħu ġurament falz għal **darba, darbtejn** biex jipproteġi lil min għandu jirċievi il-ħaqq.

Min għandu jifhem, ħa jifhem iċ-ċirkostanzi li taw sfond għax-xiehda ta' Grech.

Isegwi li tassew qal il-verità Christopher Scerri meta baqa' jirrepeti li Carmelo Grech gideb għaliex il-post ma kienx jinkera iżda kien nxtara minnu u minn Muriel: *"Id-dar suppost taghna"*.[297]
Mill-*extraction* tal-iPhone ta' Muriel (**Dok.MB11**) jirriżulta li l-imputata kienet qed **tilqa nies biex jaraw il-post**; evidenza ċara li tkompli tikkonferma kif il-post fi Triq Qrejten hija hi s-sid tiegħu mhux Grech.[298]

---

[296] Evidence Bag SC00053118
[297] Fol.1917
[298] Chat No.71: "D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Native Messages_+35699059931
Start Time: 17/07/2020 17:51:54(UTC+0)
Last Activity: 17/07/2020 20:48:23(UTC+0)
Participants: +35699224200

13. Muriel Micallef dejjem kellha *cash fluidity* minkejja li l-introjtu tagħha suppost kien biss dak provvenjenti minn benefiċċji soċjali. Dan jixhduh mhux biss ir-rappreżentanti ta Rocs Group u tal-Sptar Saint James iżda anke oħrajn:

a). **L-Ispettur Mark Mercieca** issemmi li meta twaqqfet u ġiet arrestata Muriel fit-30 ta' Ġunju 2020[299] minn **taħt is-seat tagħha** nħarġu flus kontanti: "*Muriel Micallef meta nħarġet minn ġewwa l-vettura fuq is-seat u taħt is-seat tagħha kienu nstabu diversi sustanzi ippakkjati ġo boroż żgħar u anke ammont ta' flus kontanti. .... meta ġiet imwaqqfa mill-pulizija, Muriel Micallef dehret taħbi oġġetti taħtha, taħt is-seat tal-passiġġier....*".[300]

b). Fl-ewwel verżjoni tax-xiehda tiegħu Carmel Grech semma kif fuq il-konvenju tad-*duplex* tħallas bejn €15,000-€20,000 f'kontanti mingħand Muriel.[301]

c). Anke il-kera kien jirċievih fi flus kontanti:

> *"Spettur Bonello: U kif kienet thallsek is-Sinjura Micallef,...Flus cash, kontanti, qed nghid sew?*
> *Carmel Grech:* ***Iva****".*[302]

d). Louis Bugeja jsemmi li il-kera tal-*car space* kienet titħallas b'€90 fix-xahar f'kontanti.[303]Ktieb tal-kera esibit (kuntrarjament għal Grech li ma pprovdiex riċevuti).[304]

---

From: +35699224200
Timestamp: 17/07/2020 17:51:54(UTC+0)
Source App: Native Messages
Body:
***Ergajt insejt nibatlek biex nara l post*** *sinjura sorry. Monday tajjeb alik please? Thank you*
----------------------------
(owner)
Timestamp: 17/07/2020 20:48:23(UTC+0)
Source App: Native Messages
Body:
*Cempili Monday pls*
D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Native Messages_Native

299 Fol.2449-2451
300 Ibid.
301 Fol.202
302 Fol.202
303 Fol.436-439
304 **Dok.LB** a fol.441

e). Louisa Schembri stess tgħid li Muriel kienet tħallasha wara f'kontanti għal ħwejjeġ li hi kienet tixtrilha minn fuq l-internet.[305]

14. Dwar l-attività sottostanti kif ġa intqal, din kienet tikkonsisti f'reati konnessi ma **traffikar, bejgħ u pussess ta' droga. Attività li kienet tinvolvi mhux biss lil Muriel iżda wkoll lil Martin u Natalie Micallef.**

(i) Muriel Micallef

Chris Scerri jsemmi kif hu stess, li kien għamel tnax (12) il-sena jgħix ma Muriel, **assista personalment għall-bejgħ ġestit minnha** u jsemmi kif tgħix magħhom id-dar kien hemm ċertu Marion Schembri li kienet *"tbiegħ [id-droga] 24 hours mid-dar taghna"* tal-Msida.[306]

Dak li jixhed għandu mis-sewwa tant li l-Ispettur Mark Mercicea[307]jsemmi li meta ġiet arrestata Muriel f' Ġunju tal-2020 waqt li kienet fil-vettura ma Scerri, nstabulha **drogi u flus kontanti** li hi dehret taħbi taħt is-seat tagħha.

Scerri jiddeskrivi kif kien isir it-traffikar minn Muriel; din kienet tqassam id-droga f'pakketti żgħar mingħajr mistħija jew sudizzjoni quddiem bintha ta' sitt snin! Scerri jixhed li *"it-tifla taf ukoll li l-istones jigifieri għal coke imsajra, l-istones għal mummy ghaliha xogħol. Ghax qalet lil Ms Lydia tistghu ticcekjaw ukoll. Wahda jisimha Ms Lydia qaltilha x'tahdem il-mummy? Qaltilha tbiegħ l-istones."*[308]

Il-*facilitator* tat-tifla stess tixhed dan u b'hekk tikkorrobora dak li jgħid Scerri meta issemmi kif Zaira qaltilha li ommha tagħmel ir-*"rocks", "**taqtaghhom u taghmilhom f'bags u titfaghhom fil-mizien', qaltli 'jkunu qishom sweets imma mhux sweets'** ...."*.[309]

(ii) Martin u Natalie Micallef

• Christopher Scerri hu xhud tassew importanti għaliex jorbot lill-imputati konjugi Micallef u lil Muriel Micallef mar-reat ta' riċiklaġġ adebitat lilhom.

Għalhekk it-tentattiv qawwi li jiġi skreditat mill-imputati, kif tixhed in-nota finali tagħhom. Ix-xiehda tiegħu tinkrimina lil Muriel iżda mhux biss. Scerri hu ċar u jiddeskrivi kif l-konjugi Micallef kienu **jassistu lill-binthom fl-għemil**

[305] Fol.2457-2459
[306] Fol.1921
[307] Fol.2449-2451
[308] Fol.1926
[309] Fol.2061-2062

**kriminuz** tagħha. Ix-xiehda tiegħu dwar iż-żjarat tagħhom fil-*casinos* bi flus li kienet tgħaddilhom binthom Muriel, ġiet korroborata minn rappreżentanti tal-*casinos* nfushom.

- **Il-casinos joffru l-aqwa magna tal-ħasil għall-flejjes provvenjenti minn reat**. Gara iżda li minflok rnexxielhom idawwru l-flus provvenjenti minn reat f'rebħ u b'hekk jaħsluhom, il-ħaqq u s-sewwa ried li minflok rebħ, il-logħob lagħbhom hu w issarraf biss f'telf.

- M'hemmx dubbju li Natalie u Martin Micallef kienu konsapevoli tal-attività li kienet tiġġestixxi binthom. Kienu jafu li ma taħdimx u għalhekk lanqas jagħmel sens li wieħed jitkellem fuq suspett iżda biss fuq ix-xjenza w konsapovelzza li ċertament kienu mogħnija biha.

- Daqstant ieħor il-konjugi Micallef **naqsu milli jagħtu spjegazzjoni** għall-ammont kbir ta' ħwejjeġ tad-ditta w artikoli oħrajn inkluż ġojjellerija li ġiet elevata mingħandhom. Wara kollox ġie spjegat kif Martin u Natalie kienu **jgħixu mill-pensjoni biss**. Ma kellhomx tfaddil fil-banek li setgħu jgħixu minn fuqu w lanqas ma jirriżulta li rebħu l-lotterija jew li wirtu biex setgħu igawdu ħajja daqshekk komda u jkunu sidien ta' tant oġġetti ta' valur waqt li kienu qed jgħixu go flat tal-Gvern.

Minn naħa tiegħu Martin naqas li juri li il-ġid tagħhom u l-ħajja li kienu qed jgħixu kienet dovuta għal dak li kien jaqla' mix-xogħol ta' mastrudaxxa jew x'impjieg ieħor.
Għalhekk bl-ebda mod, kuntrarjament għal dak sostnut mill-abbli difiza fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha, lanqas kien hemm xi tentattiv minimu biex jiġi spjegat jew evidenzjat b'kull mod li jkun, kif l-imputati bil-pensjoni biss setgħu jgħixu ħajja tant komda li kienet tippermettilhom jakkwistaw ħwejjeġ tad-ditta u jonfqu dawk l-ammonti ta' flejjes ġewwa l-*casinos*.

✓ *Natalie Micallef*

- Natalie Micallef jirriżulta li qatt ma kellha impjieg[310] u tibbenefika biss mil-pensjoni li jirċievi żewġha Martin Micallef.

- Natalie lanqas **ma tibbenefika minn xi beneficcji soċjali**[311]

[310] Fol.1735
[311] **Dok.ST1** a fol.1014

- Minkejja in-nuqqas ta' introjtu, għandha fuq isimha <u>żewġ vetturi li waħda minnhom inxtrat b'sebgħa u għoxrin elf ewro (€27,000) u suppost kellha titħallas minnha u żewġha bin-nifs.</u> Fil-passat kellha wkoll reġistrat fuqha Nissan Qashqai KDZ334.[312]

- Il-Qorti tinnota li għalkemm il-vettura Range Rover li kif ingħad tagħmel użu minnha binthom Muriel hi reġistrata fuq isem ommha, u kunsidrat li il-*hire purchase agreement* relattiv sar minn Natalie u Martin Micallef, <u>l-assikurazzjoni tagħha ma titħallasx minn Natalie li f'ismha hu maħruġ il-*logbook*</u>![313]

Prova oħra kemm Natalie **tidher bħala sid unikament biex taħbi il-veru pussessur tagħha, bintha Muriel Micallef**! L-istess bħal ma jagħmel Carmelo Grech rigward id-*duplex.*

Hu fatt magħruf kif persuni mal-ewwel xamma ta' investigazzjoni jdawru l-propjetà u assi oħra fuq terzi sabiex dawn ma jisfawx sekwestrati, ta' spiss fuq membri tal-familja.

Inċentiv akbar biex tinħeba propjetà hu li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, konsegwenza tassattiva hi l-konfiska tal-propjetà kollha li tappartjeni lill-ħati/ħatja. L-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> (3A) Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja ikun xi wieħed mir-reati msemmija fl-artikolu 24A(1)il-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena oħra, fis-sentenza tagħha jew f'kull żmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni – .....
>
> Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta

✓ <u>*Martin Micallef*</u>

- <u>Martin Micallef</u> għandu reġistrat f'ismu *savings account* b'bilanċ ta' €974.73 u *joint savings account* ma martu b' bilanċ ta' €5.72; żewġ *credit cards* li huma €1,202.84 u €663.36 *in debit.*

- Jirċievi pensjoni għall-Invalidità; Pensjoni għall-Irtirar; Bonus Speċjali fil-Ġimgħa; Bonus ta Sitt xhur u Pensjoni tas-Servizz. Hu s-sid ta erba' (4)

---

[312] Fol.57
[313] *Logbook* esibit bħala **Dok.JZ** a fol.389.**Dok.KC** a fol.593

vetturi Maruti Omni JAN861, Maruti Omni DBA357, Toyota IST FBV712 u Toyota Liteace FAA827. Għandu kontijiet pendenti mal-Melita u Gomobile.[314]

- Waqaf jaħdem fil-**2011** meta rriżenja għal raġunijiet ta' saħħa.[315] Fl-aħħar ħames (5) snin tħallas total ta' **€31,601.05 f'benefiċċji soċjali**.[316]
- Scerri ma jħalli ebda dubbji dwar kemm il-ġenituri ta' Muriel kienu konsapevoli mill-attività illeċita ta' binthom:

> *" ... ommha u missierha kienet* ***tħallashom biex imorru l-Casino talli jżommilha d-droga..... Ommha u missierha kienu jieħdu l-flus minghandha talli kienu jżommulha d-droga. Talli missierha kien iżommielha l-garaxx, kienet tħallsu ukoll....naf għax kienu jsiru quddiemi hux dawn l-affarijiet".***[317]

- Christopher Scerri jżid li id-droga li kienet tbigħ Muriel, ***"Missierha kien iżommielha gol-garaxx, jaħbihielha gol-garaxx."***[318] Jispeċifika li **l-garaxx fejn kienet tinżamm id-droga minn Martin għal Muriel hu dak li jinsab tas-Sliema fejn kien jaħdem l-injam.**[319]
- Dak li xehed Chris Scerri jiġi kkorroborat minn tlett rappreżentanti ta' Casinos.

➢ *Casinos*

**Neville Aquilina**, in rappreżentanza ta' Izi Group Ltd. u Dragonara Gaming Ltd., li jkopru l-Casino Dragonara, esebixxa il-*profiles* tal-imputati Natalie Micallef u Martin Micallef flimkien ma rendikont tal-attività tagħhom fl-istess Casino.[320] Natalie iffrekwentat id-Dragonara Casino darbtejn fl-2018 u darba fl-2019 fejn ħarġet b'telf[321] u Martin darba f'April 2018 u spiċċa b'telf ukoll.[322]

**Pancrazio Calabrese**, *compliance officer* ma' Casino Malta Ltd, esebixxa il-profil taż-żewġ imputati Natalie u Martin Micallef, konsistenti fid-dettalji tagħhom

---

[314] **Dok.KC2** a fol.665 et seq
[315] **Dok.JS1** a fol.739
[316] **Dok.ST2** a fol.1015
[317] Fol.1928
[318] Fol.1915
[319] Fol.1917
[320] Fol.2559-2560.
[321] **Dok.NA** a fol.2561-2564
[322] **Dok.NA1** a fol.2565 et seq

bħala klijenti tal-Casino flimkien mal-attività' ta' logħob tagħhom ġewwa Casino Malta.[323] Il-*profile* ta Martin Micallef jurih bħala persuna regolari fil-*casino* bejn l-2015-2020[324] fejn fil-perjodu bejn is-16 t'April, 2017 u t-13 t'Awissu 2020 – meta dan kien qed jirċievi pensjoni t'invalidità sa mill-2012 u pensjoni sa minn Dicembru 2017 – lagħab **€8,083.23** għalkemm spiċċa b'telf ta €2,442.33.[325] Natalie Micallef kienet iżżur il-Casino aktar minn żewġha u nsibu *visits* li jibdew minn Dicembru 2015 sas-16 t'Awissu 2020 fejn, mara **bla impjieg u suppost tgħix biss fuq il-pensjoni ta' żewġha lagħbet b'kollox €14,141.00,** iżda spiċċat b'telf ta' €5,735.70.[326]

**Abigail Muscat**, għal Tumas Gaming, esebiet ukoll il-profiles ta' Natalie u Martin Micallef, konsistenti fid-dettalji tagħhom bħala klijenti ta' Oracle Casino u Portomaso Casino. Fl-Oracle Casino bejn l-Dicembru 2011- Settembru 2020 Natalie Micallef għamlet *60 visits* fejn lagħbet €**12,055** iżda spiċċat b'telf ta €6,258.61

F' Portomaso Casino għamlet *37 visits* fl-istess perjodu fejn lagħbet €**1,605** u tilfet €835.97

Martin Micallef fl-istess perjodu 2011-2020 għamel *153 visits* fl-Oracle Casino u lagħab €**7,780** u ħareġ b'telf ta' €2,985 filwaqt ġewwa Portomaso għamel 29 *visits* lagħab **€1,256** u ħareġ b'telf ta €1,079.[327]

Għalhekk jirriżulta li bejn l-2011-2020 fiż-żewġ casinos Oracle u Portomaso, Natalie Micallef għamlet b'kollox **197 *visits***[328] u żewġha Martin Micallef għamel **182 *visits***.[329]

B'differenza kbira għal dak li jiġi dikjarat fin-nota tal-imputati, dan juri li fil-*visits* li saru Martin Micallef ġie lagħab b'kollox **€17,119.23** u Natalie Micallef **€27,801.00.**

- *Ir-Range Rover*

323 Fol.2573-2574
324 **Dok.PC** a fol.2578-2584
325 Fol.2583
326 **Dok.PC1** a fol.2585-2592
327 **Dok.AM**
328 Fol.2600
329 Fol.2637

L-għemil tal-konjugi Micallef jimmanifesta riċiklaġġ propju għaliex mhux spjegabbli bl-introjtu tagħhom anke kif iseħħ fil-kuntratt ta' *hire purchase* tar-Range Rover.

Il-kuntratt relattiv tar-Range Rover sar fis-16 ta' Marzu 2020[330] fiż-żmien meta Martin kien **pensjonant u jirċievi biss *"One thousand one hundred every four weeks"*.**[331] F'dan iż-żmien kien hemm l-ordni t'iffriżar pendenti fil-konfront ta' binthom Muriel.

L-imputat u martu iridu jitwemmnu li minkejja dan id-dħul baxx li minnu kellhom jgħixu, daħlu f'kuntratt li kien jistipula li għal l-ewwel ħames (5) snin iħallsu is-somma ta €2,000 fis-sena bil-kumplament tal-ħlasijiet ikunu dawk ta' €378.37c fix-xahar għal ħames snin ta wara[332].

Martin Micallef jistqarr li jgħix fuq pensjoni ta' ***One thousand one hundred every four weeks"***[333] u għalhekk qatt seta' jagħmel tajjeb għall kapriċċ li jixtri din il-**vettura li ġiet tiswieh porzjon hekk qawwi mill-pensjoni li kien jirċievi!**

Iktar u iktar meta jirrikonoxxi li mill-pensjoni *"il-mara tonfoq għal hajja... tirranga hi...il-hajja gholja"* u b'hekk ma kienx jirnexxilu jfaddal minnha![334] Ċertament ma kienx ser ikunu hu w martu li jħallsu għall-vettura li ġie pruvat **tagħmel użu binthom u li tinżamm f'garaxx passi bogħod mir-residenza tagħha**.

Għalhekk it-teżi tal-prosekuzzjoni li l-koppja Micallef tgħix definittivament *beyond their means* u fejn baqgħu ma tawx xi raġuni għall-istil ta' ħajja li kienu jikkonduċu bil-kapriċċi kollha tagħha, bil-mawriet fil-*casinos* u xiri ta' Range Rover li kienet ser tiswa aktar minn darbtejn l-ammont tal-pensjoni annwali, tkompli tissaħħaħ b'ħarsa lejn l-*income tax returns* ta' dawn il-konjugi fejn l-introjtu tagħhom kien kif ġej skond is-Sena ta' Stima rispettivi:

- *Income Tax Returns*

  2014: €1,188[335]
  2015: €13, 735[336]
  2016: €12,585[337]

---

[330] Fol.397
[331] Fol.506
[332] Fol.382
[333] Fol.506
[334] Fol.506
[335] Fol.1107
[336] Fol.1019
[337] Fol.1111

2017: €12,717[338]
2018: €12,920[339]
2019: €13,625[340]
2020: €13,860[341]

(iii) Nicole Micallef

Il-ħwejjeġ u *clothing accessories* li nstabu fil-kamra ta' Nicole mhux spjegabbli bl-istat tagħha. Irriżulta li Nicole bdiet taħdem fil-2019 u sa mill-2020 taħdem bħala *stacker* ma The Convenience Shop sa mill-1 ta' April 2020. [342] Qatt ma ibbenefikat minn xi forma ta' benefiċċji soċjali. [343]

Għandha Volkswagen Golf FCQ176 reġistrat f'isimha. Jirriżulta li Nicole ilha taħdem f'Convenience Store fejn dejjem rċeviet is-salarju sa minn April 2020, ħames (5) xhur biss qabel ma nbdew il-proċeduri odjerni w għalhekk ma jista' qatt ikun li bil-paga tagħha setgħet tippermetti dawk it-tip ta' kapriċċi, kif lanqas il-vettura li ġiet stmata li tiswa €12,500-€13,000[344] anke meta jitqies li l-ewwel impjieg tagħha kien fl-2019.

Mill-*extraction* tal-iPhone ta' Nicole – **Dok.MB12** – jirriżulta biċ-ċar kif il-ħwejjeġ u artikoli oħra tagħha **tassew kienu awtentiċi w *originals***:[345]

*From: 100001953789405 Nicole Micallef*
*Timestamp: 08/09/2020 16:15:42(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
***Lafarjit tijaj tad ditta kolla** ha jihduwom mahom tlajt ingib il kuluri iz zajra……*

*From: 100001953789405 Nicole Micallef*
*Timestamp: 08/09/2020 16:16:44(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
*Haq alla tlajt issa man **qed jipakjaw lafarjit tad dita….***

338 Fol.1113
339 Fol.1115
340 Fol.1117
341 Fol.1119
342 **Dok.JS2** a fol.740
343 **Dok.ST3** a fol.1016
344 Fol.2879. Rapport **Dok.MM** a fol.2871 et seq
345 Chat No. 8: "D:\MB12 - iPhone\DOK MB12 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\chats\Facebook Messenger_100001953789405"

*From: 100001953789405 Nicole Micallef*
*Timestamp: 09/09/2020 10:02:01(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
*Ax jin nejx and in nana*
*-----------------------------*
*From: 100001953789405 Nicole Micallef*
*Timestamp: 09/09/2020 10:02:12(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
***Biex jaraw jekk qatx tawni xi flus uwek***
*-----------------------------*
*From: 100004164493784 Nicole Spiteri*
*Timestamp: 09/09/2020 10:02:32(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
*mhux kulhadt ikolli hwejjeg ta ditta mandekx bzonn tkun sinjura altlek hekk l avukata*
*-----------------------------*
*From: 100001953789405 Nicole Micallef*
*Timestamp: 09/09/2020 10:03:11(UTC+0)*
*Source App: Facebook Messenger*
*Body:*
*Ija imma la jin nejx emm iridu jaraw min fejn gejin lafarjit u nejk*

Konklużjoni dwar l-Ewwel Imputazzjoni ta' Riċiklaġġ

Il-Qorti eżaminat hi stess il-ħwejjeġ u aċċessorji varji. Kif intqal aktar il-fuq ħafna huma l-*items* li għadhom mhux milbusin bil-prezz għadu mwaħħal mal-*label.*

Il-Qorti issib li dawn l-artikoli, in kwantu għall-ħwejjeġ u *clothing accessories* kif ukoll xi oġġetti tad-deheb, elevati mir-residenzi rispettivi tal-imputati, huma ***originals*, ġenwini w awtentiċi,** propju kif ġie determinat minn Steve Abela.

Din il-konklużjoni terġa tagħti aktar kredibbilità lil dak li xehed Christopher Scerri li jsemmi kif Muriel kienet tixtri biss ħwejjeġ tad-ditta. Dettal li jiġi kkorroborat bis-sħiħ minn ħabibitha stess, Louisa Schembri li saħansitra provdiet riċevuti mingħand ditti rinomati li mingħandhom inxtraw l-artikoli.

Imbagħad dwar il-ġenwinità tal-**oġġetti elettroniċi/IT** hemm ir-rapport tal-espert Keith Cutajar li ma jħalli ebda dubbju dwar mhux biss l-awtentiċita tal-oġġett iżda wkoll tal-valur tiegħu.

Madanakollu, dak li donnu jinsew l-imputati fil-linja difensjonali tagħhom hu il-fatt li bl-istat leġittimu tagħhom u ċioè bl-introjtu leġittimu li kienu qed

jipperċepixxu - fejn Nicole taħdem mal-Convenience Store bħala *stacker*, Natalie ma taħdimx, Martin ilu bil-pensjoni mill 2017 u Muriel tgħix bil-benefiċċji soċjali - **qatt ma setgħu jippermettu ħajja hekk kapriċċuża anke kieku, kif <u>indubbjament mhux il-każ</u>, li dawn l-oġġetti kienu kollha *fakes* u l-ġojjellerija kollha *costume jewellery!***

**Il-pussess ta' dawn l-artikoli waħdu,** kemm jekk kollha oriġinali u sew jekk jew le, **juri *spending power* b'saħħtu mhux spjegabbli bl-introjtu leġittimu rispettiv tagħhom.**

Tassew li l-istat tagħhom qatt ma kien jippermettilhom li jixtru dik il-kwantità esaġerata ta' ħwejjeġ meta jitfakkar li:

- <u>Muriel Micallef</u> tgħix biss fuq benefiċċji soċjali fejn intqal li f'ħames (5) snin rċeviet **€38,905.66c** f'benefiċċji soċjali varji, anqas minn <u>€8,000</u> fis-sena.[346]

- <u>Martin Micallef</u> fl-aħħar ħames (5) snin tħallas biss total ta' **€31,601.05c**[347] u ċioe` <u>€6,000</u> fis sena.
- <u>Natalie Micallef</u> ma għandha l-ebda introjtu; ma kellha impjieg qatt u qatt ma tħallset benefiċċji soċjali.

- <u>Nicole Micallef</u> fis-sentejn t'impjieg bil-*minimum wage* ġie ikkalkolat li kellha *annual gross emolument* ta €10,000 li ma jinkludix *overtime* u *allowances*.[348]

Ikkunsidrat ukoll,

In segwitu għall-prinċipju ***onus probandi incumbit ei qui dicit,*** jekk id-difiża riedet tagħmel il-prova li l-artikoli miġbura mir-residenzi rispettivi, mhumiex ta' ċertu valur - fis-sens li mhux prodotti ġenwini, *originals* - kellha <u>tkun hi li tressaq provi sal-grad tal-probabbli</u> biex tissostanzja l-allegazzjoni tagħha.

Dan qatt ma sar!

Ma dan jiżdied fatt ieħor. Kuntrarjament għal dak li tistqarr l-abbli difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-prova li Muriel Micallef kienet tixtri ħwejjeġ oriġinali, ma tiddependix għal kollox mir-rapport ta' Abela minn Centurion

346 **Dok.ST** a fol.1013
347 **Dok.ST2** a fol.1015
348 Fol.2003

Valuations. Fil-fatt hi ħabibitha stess, Louisa Schembri li, mill-ftit riċevuti li esebiet fl-isforz li turi li kienet tixtri ħwejjeġ għan-nom ta' Muriel, jidher biċ-ċar li dak li nxtara minnha nxtara minn ħwienet magħrufa u serji. [349]

F'dan tiġi korroborata ukoll minn Christopher Scerri li semma kif Muriel kienet tibgħatu jiġbor ħwejjeġ li tkun ordnat u jħallas għalihom bi flus li kienet tgħaddilu hi stess. Flus li żgur qatt ma setgħu kienu mħallsa minn benefiċċji provvenjenti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali:

> "*U kont niftah l-envelope ġieli jien,* ***elf ewro fil-gimgha jew hames mija hwejjeg kienet tonfoq, u kont immur inhalsilha. .....*** *għand wahda Louisa Schembri minn Hal Qormi. Kienet iggibilha l-hwejjeg mill-internet. Minn tas-Sliema propja pero toqghod Hal Qormi naqra 'l fuq mill-ghassa. Kont immur bil-flus bl-envelope maghluq. .......Kienet iġġibhomla minn barra nahseb, kollha tad-ditta..... Ghaliha mela, ghaliha. Heqq tghidx mhux ghalija.*"[350]

Bl-istess mod, l-istil ta' ħajja ta' Martin u Natalie Micallef, it-tnejn pensjonanti, turi li l-ġid li akkumulaw mhux biss fi ħwejjeġ u artikoli, ġojjellerija u arloġġi, ma kienux provvenjenti minn xi xogħol, rebħ tal-Lotterija, wirt jew xi sors leġittimu ieħor li seta' eżista taħt il-kappa tax-xemx. Il-*casino visits* minnhom magħmulha bi frekwenza, juru biċ-ċar li kellhom *turnover* sew ta' flejjes li kienu ntlagħbu minnhom fl-erbat rkejjen ta' Malta, fejn telfa wara telfa baqgħet ma rażżnithomx jew iddiswadithom milli jkomplu jberbqu flejjes bl-addoċċ u meta fi kliem Martin ma setax ifaddal mill-pensjoni tenut kont li l-ħajja hi għolja!

Il-verità hi li **l-imputati naqsu milli jagħtu spjegazzjoni kontemplata bil-Liġi biex juru, abbażi ta' probabbilità, li l-flejjes minnhom mħaddma u l-propjetà akkwistata u/jew posseduta minnhom kienet provvenjenti minn sorsi leġittimi.**

L-Artikolu 22(1C) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, reż applikabbli għal proċeduri taħt il-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kienux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provvenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

Ma jistax ma jiġix osservat illi filwaqt li ħadd mill-imputati ma għażel jieħu l-pedana tax-xhieda biex jissodisfa l-oneru li l-liġi taqleb fuq imputat, id-difiza

[349] Fol.2457-2459. Riċevuti esibiti huma minn Sports Direct, JD Sports, Guess, House of Fraser, Flannels, iKrix *designer clothing*
[350] Fol.1926-1927

tipprova tillapazza għal dan il-fatt permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet fejn tipprova toħroġ bi spjegazzjoni kif l-infiq tal-istess imputati kien wieħed spjegabbli bl-introjti rispettivi.

Bid-dovut rispett il-provi ma jsirux b'dan il-mod!

**Teoriji w kalkoli w ipoteżijiet mhux konfortati b'xiehda li għandha valur probatorju, *direct or indirect evidence*, ma tiswa assolutament xejn.** L-ebda avukat difensur ma jista' jagħmel tajjeb għall-spjegazzjonijiet dovuti mill-patroċinati tiegħu sempliċiment billi joħroġ b'teżijiet u kalkoli fin-nota ta' sottomissjonijiet finali fl-assenza totali ta' provi tul il-proċediment biex tissostanzja dawk l-istess sottomissjonijiet.

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali w kuntrarjament għal dak sottomess bl-miktub fin-nota tal-imputati konjugi Micallef u Muriel Micallef, il-Qorti ssib li l-imputati kollha għandhom jinstabu ħatja tar-reat ta' riċiklaġġ u dan, tenut kont id-definizzjonijiet varji ta' 'riċiklaġġ' saħansitra lkoll fil-vesti tagħhom ta' awturi.

Tant hu hekk li bħal kondotta ta' Muriel, il-kondotta tal-konjugi Micallef tiffigura f'aktar minn għemil wieħed li hu ikkunsidrat jammonta għall-riċiklaġġ kif elenkat fl-Artikolu 2(1) tal-*Att kontra Money Laundering*. F'dan l-artikolu hemm id-definizzjoni ta' "riċiklaġġ" tinkludi –

> (ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
>
> (iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
>
> (iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;......

Jitfakkar ukoll li l-kompliċità innifisha tammonta għal reat ta' riċiklaġġ:

> (vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

Altru li fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali appena ikkunsidrati, il-kondotta ta' Muriel, Natalie u Martin Micallef qed tiġi determinata, mingħajr dubbju, li tammonta għal riċiklaġġ.

Bl-istess mod Nicole Micallef kienet taf ben tajjeb li ommha ma taħdimx, u li mill-introjtu leġittimu tagħha, qatt ma setgħet taffordja l-artikoli tal-istess ditti bħal dawk misjuba fil-kmamar tan-nanniet tagħha u fir-residenza ta' ommha, li nstabu f'kamritha! L-għemil tagħha jiffigura taħt iċ-ċirkostanza msemmija fil-paragrafi (iii) u (iv) tal-artikolu 2(1) tal-*Att kontra Money Laundering* u ċioè l-akkwist, pussess u użu ta' proprjetà provvenjenti minn reat kif ukoll ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' dik il-proprjetà.

Fil-każ tal-imputati kollha, ma baqax sens li wieħed jitkellem biss fuq suspett, li altru li kien jeżisti tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ, iżda aktar minn hekk il-Qorti m'għandiex l-iċken dubbju li kien hemm il-konsapevolezza kemm tar-reat sottostanti u iżjed u iżjed tal-għemil tagħhom li ma kienx għajr ir-riċiklaġġ ta' flejjes ġenerati mir-reat ta' traffikar ta' droga.

Ikkunsidrat ukoll,

## <u>Il-Liġi</u>

Fis-sentenza **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado**[351] il-Qorti għamlet analiżi *funditus* dwar ir-rekwiżiti legali tar-reat ta' riċiklaġġ, jew kif inhu aħjar magħruf dak ta' *money laundering* previst bl-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Sabiex tista' tinstab ħtija kif kontemplat b'dan l-artikolu, l-attività ta' imputat trid tiffigura f'waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafi (i) sa (vi) tal-artikolu 2 tal-istess Kapitolu:

> Our Money Laundering Act, though a copious piece of legislation, does not give us a concise definition of the crime under issue. It does pronounce a number of instances which would constitute this crime, its attempt or complicity.
>
> Reference is made to Archbold 2012 where one finds that this offence is described and defined as:
>
> *"The explanatory notes to the PCA (Proceeds of Crime Act 2002) define money laundering as "the process by which the proceeds of crime are <u>converted into assets which appear to have legitimate origins</u>, so that they can be retained permanently or recycled into further criminal enterprises."*
> (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2012, *page* 2475).
>
> The Law Society Anti-Money Laundering Practice Notes October 2013 (Supporting Solicitors) defines this crime as follows:
>
> *"Money laundering is generally defined as the process by which the proceeds of crime, and <u>the true ownership of those proceeds, are changed so that the proceeds appear to come from a legitimate source</u>. Under POCA the definition is broader and more subtle. Money laundering can arise from small profits and savings from relatively minor crimes, such as regulatory breaches, minor tax evasions or benefit fraud. **A deliberate attempt to obscure the ownership of illegitimate funds is not necessary**."*
> Adds:
>
> *"There are three acknowledged phases to money laundering placement, layering and integration. However, the broader definition of money laundering offences in POCA includes even **passive possession of criminal property as money laundering**."* (*page* 9)
>
> In examining this offence, our Courts have also established that the three elements – placement, layering and integration, are <u>not per se *sine qua non*</u> elements necessary for the crime to exist, establishing that these stages were but a general description of the crime in question, for better understanding of the lay person sitting in a Trial by Jury. The Criminal Court reiterated further that thus the Prosecution need not, according to Law, prove the intention in each and one of these stages.

---

[351] Court of Magistrates (Malta) as A Court of Criminal Judicature, per Hon. Magistrate Dr. Miriam Hayman; 29th April, 2015, Crim. Proc. No. 457/2013.

This short summary reflects the main points raised by the Court of Appeal in the judgment **"Police (Insp Angelo Gafa') vs Carlos Frias Mateo",** dated 19th January, 2012, wherein the Court is here cited to have said this:

*"Kif ben qalet tajjeb l-Ewwel Qorti diversi awturi jaqsmu l-process tal-hasil ta' flus fit-tlett stadji imsejha "placement", "layering" u "integration". Dawn l-istadji gew imfissra b'mod konciz mill-Qorti tal-Magistrati. Pero` mill-bidunett ta' min jipprecisa, li dawn l-istadji huma biss deskrizzjoni generali tal-process tal-hasil tal-flus. Hija skola ta' taghlim li nholqot sabiex gurija tkun f'posizzjoni aktar felici sabiex tifhem l-intricci u l-kumplikazzjonijiet li jinvolvu dawn it-tip ta' reati. Għalhekk il-qasma tal-process tal-hasil ta' flus f'dawn it-tlett stadji hija wahda generali u bl-ebda mod dogmatika. Fil-fatt awturi ohrajn jikkritikaw din il-klassifikazzjoni minhabba li tissemplifika wisq is-sitwazzjoni u f'hafna kazijiet ma hiex riflessjoni veritjiera ta' dak li realment ikun qed jigri. Għalhekk dawn l-istadji ghandhom jittiehdu biss btala punto di partenza u btala deskrizzjoni generali tal-process tal-"money laundering" b'mod flessibbli tant li ma hux rikjest li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-intenzjoni f'kull wiehed u wahda minn dawn l-istadji. Dan qieghed jingħad fid-dawl ta'd-definizzjoni ta' "money laundering" li nsibu fit-tieni artikolu tal-Kap. 373 kif ukoll ir-reati kkontemplati fl-artikolu 327, 328 u 329 tal-Att tal-Parlament Ingliz "Proceeds of Crime Act 2002" fejn analiżi taghhom ma tirrikjediex li l-prosekuzzjoni tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni li jikkommetti "placement", "layering" u "intergration" bil-propjeta`."*

Furthermore, as justly pointed out by Defence Counsel in the note of submissions, our Courts have advised caution in dealing and assessing this case, as well explained in another judgment handed down by the Criminal Court in the case **"Republic of Malta vs John Vella"** decided on the 9th November, 2007:

*"L-Avukat Ġenerali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' money laundering mingħajr ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attività' kriminali sottostanti. Ċertament pero, ikun x'ikun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laudering irid jindika n-ness bejn l-attività' kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega. Mhux kull akkwist, mhux kull konverzjoni ta' trasferiment ta' proprjeta', mhux kull habi jew wiri ta' proprjeta' necessarjament jammonta ghal money laundering.*

*Din hi Ligi straordinarja li tintroduci kuncett radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni bl-akbar skuplu u attenzjoni biex ma tigix reza fi strument ta' ingustizzja, iktar reminixxenti taz-zminijiet tal-inkluzjoni minn dawk tal-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem."*

Further considers, that as said our Law does not give a comprehensive definition of this crime, opting instead to delineate various instances which would constitute the crime of Money Laundering or its attempt or complicity. Section 2(1)(i) of the said Chapter defines the crime of money laundering as being constituted in any one or more of the instances as reflected in the charge sheet.

Whilst the actus reus of this crime should present no problems to comprehend, it is immediately obvious that the mental formal elements involved range from **the actual knowledge that the proceeds laundered had a criminal provenance, to even the suspicion thereof**. The Law as amended uses the words "knowing" or "suspecting". [(Section 2(1)(i)]. The element of knowledge should present no difficulties to proof in a Court of Law, knowledge is what it is. It clearly means that one has a good understanding, knowhow, command, and comprehension of a situation. The term suspicion on the other hand can present and lend itself to a myriad of difficulties and is deserving of more exploration.

Guidance is here sought by reference to Money Laundering Offences: The Law Society, Chapter 5, 2013, October Practice Notes. This extract refers to the P.O.C.A. It can help us understand the mental elements necessary under our Legislation. To keep in mind is that our Chapter 373 speaks only of knowledge and suspicion, whereas the POCA speaks of three elements including that of "reasonable grounds for suspicion", this within the limitations hereunder outlined:

*"**5.3 Mental elements***

*The mental elements which are relevant to offences under Part 7 of POCA are:*

- *knowledge*
- *suspicion*
- *reasonable grounds for suspicion*

*These are the three mental elements in the actual offences, although the third one only applies to offences relating to the regulated sector. There is also the element of belief on reasonable grounds in the foreign conduct defence to the money laundering offences. A person will have a defence to a principal offence if they know or believe on reasonable grounds that the criminal conduct involved was exempt overseas criminal conduct.*

*For the principal offences of money laundering the prosecution must prove that the property involved is criminal property. This means that the prosecution must prove that the property was obtained through criminal conduct and that, at the time of the alleged offence, you knew or suspected that it was.*

*For the failure to disclose offences, where you are acting in the regulated sector, you must disclose if you have knowledge, suspicion or reasonable grounds for suspicion; while if you are not in the regulated sector you will only need to consider making a disclosure if you have actual, subjective knowledge or suspicion.*

*These terms for the mental elements in the offences are not terms of art; they are not defined within P.O.C.A and should be given their everyday meaning. However, case law has provided some guidance on how they should be interpreted.*

***5.3.1 Knowledge***

*Knowledge means actual knowledge. There is some suggestion that wilfully shutting one's eyes to the truth may amount to knowledge. However, the current general approach from the criminal courts is that nothing less than actual knowledge will suffice.*

***5.3.2 Suspicion***

*The term 'suspects' is one which the court has historically avoided defining; however because of its importance in English criminal law, some general guidance has been given.*

*In the case of Da Silva [1996] EWCA Crim 1654, which was prosecuted under the previous money laundering legislation, Longmore LJ stated:*

*'It seems to us that the essential element in the word 'suspect' and its affiliates, in this context, is that the defendant must think that there is a possibility, which is more than fanciful, that the relevant facts exist. A vague feeling of unease would not suffice.'*

*There is no requirement for the suspicion to be clear or firmly grounded on specific facts, but there must be a degree of satisfaction, not necessarily amounting to belief, but at least extending beyond speculation.*

*The test for whether you hold a suspicion is a subjective one. If you think a transaction is suspicious, you are not expected to know the exact nature of the criminal offence or that particular funds were definitely those arising from the crime. You may have noticed something unusual or unexpected and after making enquiries, the facts do not seem normal or make commercial sense. You do not have to have evidence that money laundering is taking place to have suspicion."*
(P.O.C.A Proceeds of Crime Act 2002 (U.K).

This therefore is the level that the Prosecution must reach to prove the mental element of this crime, knowledge or suspicion as here explained, beyond reasonable doubt, on the part of the offender of the illegal provenance of the proceeds.

It is obviously only after an acute examination of all the facts of the case presented to the Court, that one of these elements can be proved. Obviously knowledge transcends any suspicion.

The proof of the underlying offence is regulated by Article 2(2)(a) of Chapter 373 that reads:

*"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity."*

Therefore, the Prosecution are aided, to a degree, in proving the necessary crime originator of the questioned laundered proceeds by direct evidence where available, or by circumstantial evidence or any other evidence, and need not necessarily produce an actual conviction that establishes the underlying offence. Neither does the Law require them to proof with precision the nature of the crime involved.

Therefore the launderer need not be knowledgeable of the precise nature of the crime whose proceeds he is helping to convert into unsuspicious clean property. Suffice that he has knowledge or a suspicion that these proceeds might have a dubious origin.

Applied to the case in question this therefore means that the Prosecution need not proof John Joseph Evans' guilt but the nature of his operations, in his instance drug trafficking or that something appeared amiss at a stage in time to the accused.

Yet another exception arises in this Chapter concerning the level of proof and or the burden thereof. This emanates from Section 3(3) of Chapter 373 which refers directly to a shift in the burden of proof found entrenched in Chapter 101 of the Laws of Malta.

Fil-fatt l-Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 373, Ligijiet ta' Malta, li ġa saret riferenza għalih, jipprovdi:

> (3) Fi proċeduri dwar reat ta' *money laundering* taħt dan l-Att id-disposizzjonijiet tal-artikolu 22(1Ċ)(*b*) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi., għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw.

Ġa saret riferenza wkoll għall-artikolu 22(1C)(b) tal-Ordinanza msemmija:

> (*b*) Fi proċedimenti għal reat taħt il-paragrafu (*a*), meta l-prosekuzzjoni ġġib prova li l-imputat jew akkużat ma jkun ta ebda spjegazzjoni raġonevoli li turi li dawk il-flus, proprjetà jew rikavat ma kienux flus, proprjetà jew rikavat kif deskritti fl-imsemmi paragrafu, l-oneru li jipprova l-provvenjenza leċita ta' dawk il-flus, proprjetà jew rikavat tkun tinkombi fuq il-persuna imputata jew akkużata.

Il-Qorti fil-każ ċitat kompliet:

> Obviously this last quoted Section deals with proceeds of crimes dealt with under Chapter 101. This presumption is however applicable to all predicate offences and their proceeds as regulated by Chapter 373.
>
> It therefore transpires that for a charge of money laundering to be proven successfully, **the Prosecution must proof the nexus between the criminal activity and the questioned dubious proceeds, but it lies with the charged or accused, failing a reasonable explanation thereof to prove, now to a level of probability, the lawful origin of the monies in question**.
>
> In this regard, for a better understanding of the level of proof the Prosecution has to reach to establish the underlying offence and that necessitated by the accused as rebuttal of the illegal knowledge of the proceeds, the Court is once again referring to the Carlos Frias Mateo decision above cited, dated 19th January, 2012, wherein the Court said:
>
> *"F'din il-kawza, l-appellat qed jiġi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta iżda dan il-Kap jagħmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata.*
>
> *Għalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attività` kriminali, kull ma għandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.*
>
> *Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jiġi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*
>
> *Ikkunsidrat :*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Iżda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jgħid fost affarijiet* oħra,

*"Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer."*

*Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Għalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jiġi definit btala "a case to answer", haga li għandha tiġi nvestigata aktar fil-fond.*

*Fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-każ, intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"?"*

Further considers:

First and foremost the Court is of the opinion that the first issue to be tackled is one raised by the Defence in its note of submissions regarding the charges proffered claiming uncertainty on the part of the Prosecution, having directed at the accused all the content of Section 2(2) of the Money Laundering Act. True enough, Prosecution chose to debit the accused with the burden of all the criminal instances found in the said Section. Obviously he cannot be guilty of all, but one does not necessarily exclude the other. Obviously these are alternate charges, this being more evident and obvious in as far as the alleged complicity or attempted charges are proffered. One must also remember that at a later stage in the proceedings, Attorney General, exercising his discretion under Chapter 373, sent this case for a summary judgement, therefore inviting this Court to examine the facts against the requisites of Section 2(2) of the said Chapter.
[Emfasi ta' din il-Qorti]

Fid-deċiżjoni tagħha fil-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat:

That it is to be emphasised that the charge of money laundering brought against defendant is based on Chapter 373 of the laws of Malta and not Chapter 101. In the latter case the prosecution must necessarily show a link between the assets being laundered and some criminal activity prohibited under Chapter 101. In the former case (i.e. an offence under Chapter 373) what the prosecution must show is a link between the laundered assets and an offence listed in either the first or second schedule of the said Chapter 373 which however also include traffic in narcotic drugs and psychotropic substances.

That it must also be emphasised that what must be shown for the prosecution to satisfy its onus is a link between some criminal activity and the assets in question. This has been affirmed by the Court of Criminal Appeal in the case **Republic of Malta vs John Vella**[352] when it said:

[352] Deċiża 29.11.1999 u ċitata f' **Il-Pulizija vs Paul Borg** (Qorti tal-Appell Kriminali sede Inferjuri) Deċiża 06.10.2003.

> *….l-Avukat Ġenerali jista' akkuza persuna bir-reat ta' money laundering minghjar ma jkollu sentenza ta' kundanna ta' dak li jkun qed jiġi allegat li huwa l-attività kriminali sottostanti…. Ċertament pero ikun x'jkun il-każ, jekk l-Avukat Ġenerali jiddeciedi li jakkuza lil xi hadd b'money laundering … irid jindika n-ness bejn l-attività kriminali sottostanti partikolari li jkun qed jallega*.
>
> That once the prosecution satisfied this onus, in terms of article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta which applies to proceedings for an offence of money laundering by application of article 3(2A)(3) of Chapter 373, the burden of proof then shits on defendant who has the onus of showing the lawful origin of the money in question. Defendant produced no such evidence.[353]

Għall-fini ta' korrettezza jiġi sottolinejat li fiż-żmien tad-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella** li saret riferenza għaliha fis-sentenzi **The Police vs Omissis and Vladimir Omar Fernandez Delgado,[354]** u **Il-Pulizija vs Dayang Sakienah Binti Mat Lazin[355]** "attività` kriminali" taħt l-artikolu 2(1)(b) tal-Att kontra *Money Laundering* kienet tfisser xi wieħed jew aktar minn reati elenkati fit-Tieni Skeda; għalhekk kien isegwi li kellu jiġi indikat *"n-ness bejn l-attività' kriminali sottostanti partikolari".*

Madanakollu bi dħul fis-seħħ tal-***Att VII tal-2010,*** l-artikolu 2(2)(a) tal-Att ġie emendat biex minflok il-kliem "*attività kriminali sottostanti.*" ġew sostitwiti l-kliem "*attività kriminali u mingħajr il-ħtiega li jiġi stabbilit b'mod preciz liema hija l-attività sottostanti,*". Dan ifisser li tneħħiet il-ħtieġa li tiġi speċifikata n-natura partikolari tal-attività kriminali.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Morgan Ehi Egbomon**[356] ukoll kellha l-okkażjoni biex tirrimarka dwar l-effett ta' dawn l-emendi li b'hekk biddlu l-pożizzjoni legali kif enunċjata bid-deċiżjoni **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella**:

> 7. In its judgement regarding these pleas, the Criminal Court said:
>
> **"That as regards the first count, the accused is claiming that this is null and void because it does not in any way indicate the antecedent offence or source which could give rise to money laundering.**
>
> **"The accused is arguing that the Attorney General must at least prove prima facie that the money is coming from an illicit activity. If there is a shifting of the burden of proof, this must be accompanied by an illicit activity which illicit activity should show in the bill of indictment. In this case no previous offence was established, therefore there is no**

---

353 Case Number: 197/2008; 23.11.2009, per Magistrate Dr. Doreen Clarke.
354 *Supra.*
355 *Supra.*
356Appell fuq Deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fuq Eċċezzjonijiet Preliminari, Att t' Akkuża Nru. 16/2009. Deċiża 31.07.2014.

**antecedent criminal act. The situation is very similar to the crime of receiving stolen property where there must be proof that the goods have a criminal origin. Therefore, in matters of money laundering, the Prosecution must prove the illicit origin of the money. The suspicion of a crime is not enough. It has yet to be established what is the predicate offence.**

**"Considers:**

**"It has to be stated from the outset that the narrative part of the bill of indictment is not evidence of its own contents. It is just an explanation given by the Attorney General to show why he deems it necessary to charge the accused with the crime of money laundering. The narrative still has to be proven in a Court of law and the Attorney General is not bound with the details of the narrative but only with the general theme of the narrative. He is, however, fully bound by the concluding paragraph of the charge from which there can be no deviation.**

**"This means, therefore, that if according to the accused, the bill of indictment does not in any way indicate the antecedent offence, or source, this does not mean that evidence of this offence can not be brought during the trial. According to the guidelines given by the Court of Appeal in the case "Police versus Carlos Frias Matteo" of the nineteenth (19th) of January two thousand and twelve (2012), it was stated that:**

**"Għalhekk, dan il-livell ta' prova prima facie japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-artikolu 2(2)(a) tal-istess Att jezimi mir-responsabilta` lill-Prosekuzzjoni milli tipprova xi htija precedenti in konnessjoni ma' xi attività` kriminali, kulma għandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna ma kinux konformi mal-istil ta' ħajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tiġi stabbilita anki minn provi indizjarji. Dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kinux illegali. Kulma trid tipprova huwa fuq grad ta' prima facie illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, ikun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kinux illegali."**

**"This Court finds that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence. Here, the Attorney General did not fail to indicate what the actus reus was all about even though he does not have to prove any specific offence.**

**"This Court, therefore, finds that the narrative part of the first charge of the bill of indictment contains sufficient information for the accused to prepare for his defence, is drafted according to law and sees no reason why it should be declared null and void.**

**"For these reasons, therefore, the Court dismisses the first plea of the accused.**

……….

15. First of all this Court must point out that article 2(2)(a) of Chapter 373 of the Laws of Malta, as it stood at the time when the money-laundering offence with which appellant has been charged allegedly took place, provided:

**"A person may be convicted of a money laundering offence under this Act even in the absence of a judicial finding of guilt in respect of the underlying criminal activity, the existence of which may be established on the basis of circumstantial or other evidence without it being incumbent on the prosecution to prove a conviction in respect of the underlying criminal activity."**

16. It was by means of article 59(b) of Act VII of 2010, that the words "criminal activity." were substituted with the words "criminal activity and without it being necessary to establish precisely which underlying activity." Yet by means of Legal Notice 176 of 2005 the Second Schedule of Chapter 373 of the Laws of Malta was amended such that "criminal activity" was to refer to "any criminal offence" and individual criminal offences were no longer specified in the Schedule (as was the case when the judgement **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Vella** decided on the 26th November 1999 by this Court differently composed, and to which appellant referred, was delivered).

17. In any case in its judgement the first Court did conclude **"that the bill of indictment does provide a correct description of what happened and includes also the predicate offence."**

18. It is also true that article 22(1C)(b) of Chapter 101 of the Laws of Malta is applicable to proceedings under Chapter 373 (see article 3(3) of said Chapter 373) and that this article provides:

**"In proceedings for an offence under paragraph (a), where the prosecution produces evidence that no reasonable explanation was given by the person charged or accused showing that such money, property or proceeds was not money, property or proceeds described in the said paragraph, the burden of showing the lawful origin of such money, property or proceeds shall lie with the person charged or accused."**

19. Nonetheless the following principles, as clearly outlined by the Constitutional Court in its judgement of the 1st April 2005 in the case **The Republic of Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux**, must be applied:

**"(i) it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt; (ii) if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities; (iii) if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted; (iv) to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case; (v) before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence."**

20. Consequently this Court finds no reason to vary the first Court's conclusion that it did not find the bill of indictment null and void. Thus appellant's first grievance is dismissed.
[sottolinejar tal-Qorti]

Imbagħad fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos,** il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet analiżi approfondita w dettaljata dwar l-oneru tal-prova li jinkombi lill-partijiet f'każijiet ta' ħasil ta' flus. Fil-fatt dik l-Qorti qalet hekk:[357]

> *Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. <u>Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza</u> u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*
>
> *Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l- Artiklu 21(1C)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Ġenerali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering" mingħajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Ġenerali għandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attività kriminali li tkun generat dawk il-flus.*
>
> *Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Ġenerali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "**Il-Pulizija vs Paul Borg"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Ġenerali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali għandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attività kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attività kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jiġi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba btala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

Kif ikkonkludiet b'mod preċiż għall-aħħar il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża **Il-Pulizija vs Alfred Delia et**: [358]

> Illi ghalhekk il-mistoqsija li trid tiġi rizolta fil-każ in ezami hija dik interposta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u ċioe` *fil-kuntest tal-provi illi l-proskuzzjoni gabet f'dan il-każ,* (provi biex jiġi pruvat in-ness bejn il-flus utitlizzati biex jinxtraw il-vetturi imsemmija u xi attività kriminali) *intlahaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer"* biex mbaghad **l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-origini legittima tal-flus utilizzati**.
>
> [Emfasi ta' din il-Qorti]

---

[357] Onor. Imħallef Dr. Michael Mallia; Deċiża fid-19 ta Jannar, 2012,

[358] Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Onor. Maġistrat Dr. Doreen Clarke. Deċiża 23.05.2013, Kump. Nru 672/2010

Ikkunsidrat,

Il-*Predicate Offence/Criminal Activity*

L-artikolu 2(1) tal- ***Att kontra*** Money Laundering jagħti s-segwenti tifsira għall-attività kriminali:

> "attività kriminali" tfisser kull attività, tkun fejn tkun magħmula, u tkun meta tkun magħmula, li taħt il-liġi ta' Malta jew liġi oħra, tammonta għal:......
>
> (b) wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda għal dan l-Att;

It-Tieni Skeda mbagħad tipprovdi għal: "Kull reat kriminali"

L-artikolu 2(2)(a) tal-***Att kontra*** Money Laundering jipprovdi:

> (2) (a) Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' Money Laundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn prova ċirkostanzjali jew prova oħra, mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti.

B'żieda ma dan tenut kont mhux biss il-ħabi tal-vettura, kif ukoll id-*duplex*, iżda l-akkwist, pussess u ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjetà w oġġetti materjali kwalsiasi deskritti f'dettal aktar il-fuq, **provvenjenti minn l-attività kriminali ta' Muriel Micallef** twassal sabiex jimmaterjalizza r-reat ta' riċiklaġġ kif jipprovdi l-Artikolu 2(1)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddeskrivi diversi forom ta' għemil li jikkostitiwxxi dan ir-reat:

> "money laundering" tfisser:
>
> (i) il-**konversjoni** jew **trasferiment** ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;
>
> (ii) il-**ħabi jew wiri ħaġa b'oħra** tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;
>
> (iii) l-akkwist, **pussess jew użu** ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-**ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli** ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta lil-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodiċi Kriminali;

(vi) l-aġir bħala kompliċi fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii),(iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

**L-użu, l-akkwist u pussess ta' ħwejjeġ, ritensjoni** ta' propjetà mill-imputati kollha); **ir-ritensjoni, il-ħabi u wiri ħaġa b'oħra** tar-Range Rover u d-*duplex* mill-konjugi Micallef u Muriel Micallef rispettivament; l-infiq mill-konjugi Micallef ta' flejjes fil-casinos, għemil li jikkostitwixxi l-**konversjoni** ta' flejjes frott tal-isfruttament ta' min hu vulnerabbli u dipendenti fuq id-droga, lkoll huma atti li jikkostitwixxu r-reat ta' riċiklaġġ.

L-akkwist u xiri tal-artikoli b'mod leġittimu, bħal ma kienu, *inter alia,* l-ħwejjeġ u ġojjellerija, il-vetturi w ir-residenza ta' Muriel kien **metodu ieħor kif flejjes derivanti minn reat ta' traffikar ta' droga jinħasslu bit-transazzjoni tax-xiri li kien qed isir mill-imputati.**

L-rwol ta' kull imputat ikkonsista fil-**parteċipazzjoni intenzjonata w konsapevoli fl-għemil kriminuz.**

Konsegwentement fil-każ odjern, ikkunsidrati l-provi, jingħad ukoll li altru li kien hemm *a common design* bejn l-imputati, li l-eżistenza tiegħu twassal mhux sempliċiment sabiex jinstab li l-imputati huma kompliċi fir-reat ta' riċiklaġġ, att innifsu forma ta' riċiklaġġ kif kontemplat bl-artikolu 2(1)(vi) tal-Kapitolu 373, iżda tassew l-imputati huma lkoll ko-awturi f'dan ir-reat.

Ikkunsidrat ukoll,

*Ko-awturi/Parteċipazzjoni materjali fir-Riċiklaġġ*

Dwar l-elementi biex tissusisti l-parteċipazzjoni materjali il-Qorti ser tagħmel riferenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri), fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:[359]

**47.** Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bħala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien

[359] Per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon, Aġent President, Onor. Imħallef Abigail Lofaro, Onor. Imħallef Edwina Grima; Deċiża 31 ta' Ottubru 2018; Att ta' l-Akkuza numru 27/2007

hemm il-partecipazzjoni materjali tiegħu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, iżda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jiġi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u ċioe` dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jiġi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[360]"

**48.** Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt għaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', iżda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, iżda għal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tiegħu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat għal fattispecje ta' dan il-kaz illi :

> **"Jekk hemm il-hsieb bejn żewġ persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-ieħor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qiegħed hemm jieħu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.**
>
> **Il-korreu mhux ristrett għal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv iżda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.**[361]

Mhux biss iżda:

> **'Min ihajjar lil persuna oħra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu preżenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod ieħor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[362]

**49.** Illi kif inghad aktar 'il fuq huwa stabbilit illi l-appellant kien wiehed mill-imhuh wara l-ftehim li sar bejnu u l-awturi l-oħra sabiex jiġi kommess id-delitt. Kien hu li flimkien ma' Chris Scerri u James Vella fasslu pjan sabiex jisirqu il-basktijiet li fil-fehma tagħhom kienu jikkontjenu l-flus minn fuq il-persuna ta' Alphonse Ferriggi li kien jasal kmieni fil-ghodu bil-konsenja l-bank. Kien l-appellant li haseb biex idahhal lil Joseph Zammit sabiex jassistihom fil-kommissjoni ta' l-istess għaliex kien tal-fehma illi kien kapaċi iharrabhom wara l-kommissjoni tad-delitt billi jistenniehom

360 Appell Kriminali 24/05/2002; **Il-Pulizija vs Carmelo Agius et**.

361 Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - **Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**.

362 Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - **Pulizija vs Joseph Scicluna;** Appell Inferjuri

b'vettura oħra sabiex ma jaghtux fil-ghajn li kienu involuti fil-kommissjoni ta' l-istess. Mhux biss iżda huwa stabbilit ukoll, kif diga` nghad, illi l-appellant kien preżenti fuq ix-xena tad-delitt sabiex jassisti b'mod dirett fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan pre-ordinat, għalkemm huwa baqa` jinnega illi kien preżenti u li spara lil Ferriggi.

**50.** L-appellant jishaq ukoll illi huwa ma kienx jaf illi l-komplici tiegħu kellhom arma tan-nar fil-pussess tagħhom, li għalkemm hija skreditata mill-provi, madanakollu anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verżjoni tiegħu xorta wahda dan ma jistax awtomatikament jezonerah mir-responsabbilta` penali ghall- konsegwenzi li sehhew.

**51**. Fis-sentenzi fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**" [363] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi**" [364] għal dak li jirrigwarda kompliċita`, u l-korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-reat kien ddikjarat hekk :-

> **In materja ta' komplicita', tajjeb hawn li ssir referenza għal dak li jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo[365]:**
>
> **"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary, will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[366] puts the rule in the following words: 'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita' del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita' la quale e' inerente alle qualita' ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi' qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita' connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita' medesime.'**
>
> **"....when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**
>
> **"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**
>
> **"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this**

---

363 Deċiża fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallfin Raymond Pace, David Scicluna u Joseph Zammit Mc Keon.

364 Deċiża fl-24 ta' Frar 2014 mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Michael Mallia.

365 Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.

366 Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.

**case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result[367].**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpretration, and being able to prevent it, did not do so."**

**52.** <u>**Francesco Antolisei**</u> wkoll josserva[368] :-

**"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera' considerare se l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio' eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**L-istess awtur jirreferi għal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn ġie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita' per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."**

**53.** Fid-dawl tal-premess, jidher ċar illi **min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur** fid-delitt kommess, mhux kompliċi, għalkemm jista' ikollok il-figura tat-tnejn fl-istess persuna bħal per eżempju l-persuna li tkun iffurmat il-pjan jew ħajret lil ħaddieħor jipparteċipa fid-delitt li sussegwentement pero' <u>tipparteċipa hi wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom</u>.

[Emfasi u sottolinejar ta′ din il-Qorti]

**54.** Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali allura l-figura tal-appellant tissarraf f'dik ta' ko-awtur fil-kommissjoni tad-delitt mertu ta' dana il-kaz, anke jekk l-appellant seta' ma kienx il-persuna li spara t-tir kif qed jallega. Dan għaliex jekk huwa ppruvat illi l-appellant kien konsapevoli li kienet ser tintuza arma tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, għalkemm ma jirrizultax ftehim ċar li persuna sejra tinqatel bl-arma li l-malviventi ikollhom fil-pussess tagħhom waqt l-ezekuzzjoni, xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma lejn Ferriggi.

[Sottolinejar ta′ din il-Qorti]

---

[367] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.

[368] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969.

Illi fuq skorta ta' dan it-tagħlim il-Qorti issib li **l-imputati Martin Micallef, Natalie Micallef u Nicole Micallef kienu lkoll ko-awturi flimkien ma Muriel Micallef** fir-reat ta' riċiklaġġ.

L-Artikolu 2(2)(a) tal-Att kontra l-Money Laundering jipprovdi li biex jiġi pruvat r-reat ta' riċiklaġġ m' hemmx ħtieġa li jiġi pruvat ukoll b'mod preċiż liema hu il-*predicate offence*, jew aħjar l-*underlying criminal activity*:

> (2) (a) Persuna tista' tinsab ħatja tad-delitt ta' moneylaundering taħt dan l-Att, anke fin-nuqqas ta' sentenza ta' qorti li tistabbilixxi ħtija fir-rigward tal-attività kriminali sottostanti, liema attività kriminali tista' tiġi stabbilita minn **prova ċirkostanzjali jew prova oħra,**mingħajr il-ħtieġa li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm sentenza ta' kundanna għall-attività kriminali sottostanti u mingħajr il-ħtieġa li jiġi stabbilit b'mod preċiż liema hija l-attività sottostanti. ......
>
> (ċ) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu ""attività kriminali sottostanti" tirreferi għall-attività kriminali li minnha il-proprjetà jew rikavat ieħor, li tkun involuta fir-reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun ġiet direttament jew indirettament miksuba.

Fil-każ in deżamina u kuntrarjament għal dak li tissottometti l-abbli difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha, m'hemmx dubbju li f'dan il-każ l-attività sottostanti kienet it-traffikar ta' droga minn Muriel Micallef; għemil li jixhed dwaru Christopher Scerri iżda mhux biss, għaliex kif xehdu tlett uffiċjali tal-Pulizija, fil-konfront ta' Muriel Micallef għad hemm pendenti żewġ proċedimenti penali relatati ma ksur tal-liġijiet tad-droga.

Daqstant ieħor ma jista' ikun hemm xi dubbju li Martin, Natalie u Nicole Micallef mhux talli kienu **jissusspettaw** dwar il-vera provvenjenza tal-flejjes u propjetà li akkwistaw, ikkonvertew, ħbew jew spiċċaw fil-pussess tagħhom kif ġa intqal, iżda kienu **konsapevoli** sew tal-għejun bla limitu tal-flejjes li kienu jgħixu ħajja minn fuqhom; ħajja li l-istat leġittimu tagħhom qatt ma seta' jippermetilhom jgħixuha. Konsegwentement l-Qorti ma tistax takkolji is-sottomissjonijiet tal-abbli difiza li l-imputati ma kellhomx il-*mens rea* rikjesta sabiex jissusisti r-reat ta' riċiklaġġ fejn is-suspett hu biżżejjed biex ikun sodisfatt dan ir-rekwiżit.

In konklużjoni, il-Qorti issib li altru li l-prosekuzzjoni pruvat l-imputazzjoni ta' riċiklaġġ fil-konfront tal-imputati kollha.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali:

Din l-imputazzjoni ngħatat lil Nicole Micallef waħedha. Ġie ampjament ippruvat mix-xiehda tal-Ispettur Danilo Francalanza kif korroborata minn PS 747 Ryan Cini[369] li waqt it-tfittxija l-imputata offendiet verbalment lill-imsemmi Spettur bi kliem *"F'*** ommok"*.[370]

M'hemmx skużant li persuna tonqos mir-rispett lejn membri tal-forzi tal-ordni, aktar u aktar meta qegħdin jeżegwixxu d-dmirijiet tagħhom fejn f'dan il-każ, kienet qed issir tfittxija fir-residenza fejn kienet qed tgħix Nicole, u ċioe` dik tan-nanniet tagħha.

Kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Daniele Festari u Redeemer Bonnici:**[371]

> Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita' ……
>
> Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet.
>
> L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[372] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:- kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt……..

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** (sentenza li trattat ukoll ir-reat kontemplat bl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali li ma japplikax għal każ odjern) intqal:[373]

---

369 Fol.1748

370 Per Francalanza a fol.76.

371 Per Onor. Maġistrat Aaron Bugeja; Deċiża 30 ta' Settembru, 2015

372 **Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze**, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Ġunju 1997.

373 Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tiegħu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre.*"

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Konsegwentement din l-imputazzjoni ġiet pruvata peress li r-rekwiżiti legali sabiex javverra ruħu dan ir-reat ġew sodisfatti. Il-kliem użat hu dak li kieku ma sarx fiċ-ċirkostanzi kontemplati bl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali kien jikkostitwixxi reat kontravvenzjonali ai termini tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat ukoll,

Ksur ta' *Bail* ta' Muriel Micallef

L-Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali, il-**PL Maria Dolores Fenech**, esebiet żewġ digrieti bil-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest tal-imputata Muriel Micallef:

a). Wieħed maħruġ mill-Onor. Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna fid-**29 ta' Marzu 2011**[374] li jirrigwarda imputazzjonijiet *inter alia* ta' traffikar ta' droga kokaina w ta' pussess ta' cannabis fis-27 ta' Marzu 2011 u matul is-sena ta' qabel. Miċ-*charge sheet* jirriżultaw il-konnotati tal-imputata odjerna.[375]

B'digriet datat 13 ta' April 2011 ta' l-Onor. Imħallef Dr. Lawrence Quintano, il-garanzija personali żdiedet għal tliet elef Ewro (€3,000).[376] Varjazzjoni oħra tad-digriet oriġinali ingħata fis-17 ta' Lulju 2012 dwar l-obbligu t'iffirmar.[377] Digriet ieħor datat 6 ta' Lulju 2018, maħruġ mill-Onor. Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras, varja l-ħin ta' rinkażar.[378]

Il-garanzija komplessiva f'dan il-każ, fejn l-uffiċjal prosekutur hu l-Ispettur Pierre Grech, hi ta' tlett elef ewro (€3,000). Dan id-digriet ġie konfermat mill-uffiċjal prosekutur attwali, l-Spettur Ryan Micallef, li filwaqt li kkonferma l-identità tal-imputata f'dawk il-proċeduri bħala l-imputata odjerna Muriel Micallef,[379] esebixxa wkoll kopja tal-kundizzjonijiet relattivi kif oriġinarjament mogħtija mill-Maġistrat Apap Bologna.[380]

b). Digriet dwar ħelsien mill-arrest ieħor ingħata nhar it-**8 ta' Lulju 2020**, mill-Onor. Maġistrat Dr. Josette Demicoli.[381] Din il-kawża l-uffiċjal Prosekutur hu l-Ispettur Mark Mercieca. Il-garanzija imposta hi dik komplessiva ta' €7,000.

Ġiet esibita ukoll lista ta' kawżi pendenti[382] fil-konfront ta' Muriel Micallef minn fejn jirriżulta li dawn il-kundizzjonijiet, u konsegwentement id-digrieti li jistipulawhom, għadhom *in vigore.*

[374] **Dok.DF** a fol.743
[375] **Dok.MDF** a fol.2056 et seq
[376] Fol.744
[377] Fol.745
[378] Fol.746
[379] Fol.3002
[380] **Dok.SRM** a fol.3004 et seq
[381] **Dok.DF1** a fol.747
[382] **Dok.DF2** a fol.749

L-Ispettur Mark Mercieca minn naħa tiegħu, ukoll ippreżenta kopja tal-*bail conditions* relattivi għall-proċediment imexxi minnu liema kundizzjonijiet,[383] kif anke konfermat ir-Reġistratur Maria Dolores Fenech, għadhom l-istess bil-kawża *tkun sub-judice*.[384]

Għaldaqstant meħuda in konsiderazzjoni il-parametri temporali tal-imputazzjonijiet addebitati ,u ċioè *"fit-8 ta' Settembru 2020 u/jew fis-snin ta' qabel din id-data,"* ġie ampjament ppruvat li l-imputata Muriel Micallef kisret il-kundizzjonijiet ta' ħelsien, li għadhom it-tnejn *in vigore*, datati d-**29 ta' Marzu, 2011** mill-Maġistrat Onor. Maġistrat Dr. J. Apap Bologna,[385] kif varjat[386], u dak mogħti fit-**8 ta' Lulju 2020**, mill-Onor. Maġistrat Dr. Josette Demicoli.[387]

**Il-Piena**

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti ikkunsidrat in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom fejn, fir-rigward tal-konjugi Micallef u Nicole Micallef, dan ma kienx każ ta' *self-laundering* iżda riċiklaġġ ta' flejjes provvenjenti minn attività kriminali ta' terz, Muriel Micallef. Flejjes, propjetà w ġid ieħor provvenjenti xejn anqas minn reat li jara il-qerda ta' tant persuni.

L-imputati Martin u Natalie Micallef gawdew *life style* li interament kienet riżultat tal-qliegħ ġenerat mill-attività kriminali ta' binthom. Minflok iddireġuwha lejn it-triq tas-sewwa, ingħaqdu magħha u pparteċipaw bi sħiħ fil-ħajja ta' kriminalità biex flejjes derivanti minn traffikar ta' droga ġew riċiklati minnhom biex b'hekk għexu f'dak li għal min tassew jgħix biss bil-pensjoni hu meqjus lussu bla qies!

Ġie kunsidrat l-ammonti li ntlagħbu mill-konjugi Natalie u Martin Micallef, il-valur tal-vetturi, tal-oġġetti li nstabu għand l-imputati diversi, turija li tassew hawn si tratta ta' <u>reat kontinwat</u> fejn isib applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. **Reat li ipperdura għal snin**. Dan l-artikolu japplika wkoll ghal Muriel Micallef.

Fir-rigward ta' Nicole Micallef, fejn l-imputata naqset milli tagħti spjegazzjoni primarjament għall-provvenjenza tal-vettura tagħha ikkunsidrat l-introjtu leġittimu tagħha li ċertament ma jippermettix tali xiri, il-Qorti wkoll tqis li jsib

[383] **Dok.MM** a fol.3038
[384] Fol.3037
[385] **Dok.DF** a fol.743
[386] 13 t'April, 2011, fol.744
[387] **Dok.DF1** a fol.747

applikazzjoni l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali in kwantu għar-riċiklaġġ li wkoll, u għall-istess raġunijiet qed tinstab ħtija dwaru. Madanakollu kunsidrat li l-valur tal-oġġetti li nstabu f'kamritha [388] kien insinifikanti, dan il-fatt indubbjament ser jiġi rifless fil-piena li ser tiġi erogata.

Minflok ma ż-żmien rażżan lill-imputati, iktar heġġiġhom jissoktaw fil-ħajja bla skrupli u tberbiq bla rażan u kontroll li kkonduċew matul is-snin; ħajja li rathom jagħmlu kapriċċi minn fuq l-sfruttament tal-vulnerabbli aflitt mill-pjaga tad-droga. Il-kilba tal-imputati Natalie u Martin Micallef għal ħajja li bl-introjtu leġittimu tagħhom – benefiċċji soċjali - setgħu biss joħolmu, wasslithom biex minflok ġibdu r-rigni ta' binthom Muriel, saru komparteċipi magħha fejn bl-għemil tagħhom tpaxxew u stangħew minn fuq dahar il-miskin.

Minkejja dan irid jingħad ukoll li l-Qorti mill-*extraction* tal-mobile ta' Muriel Micallef [389] osservat dawk il-mumenti li fihom tidher Muriel mgħanqa ma uliedha fil-festin tal-preċett ta' bintha. Xena li toffri speranza li għal ġid ta' uliedha din l-omm għandha tieħu f'idejha t-tmun ta' ħajjitha u tidderieġi dik il-ħajja lejn port sikur; destinazzjoni nieqsa mill-ħażen tal-għemil tal-passat biex tibni futur kemm għaliha, iżda iżjed u iżjed għall-ulieda, speċjalment għal minuri.[390]

Konsiderazzjoni oħra kienet il-fedina penali tal-imputati, fejn fil-każ ta' Martin u Muriel Micallef mhumiex *first-time offenders.* Mill-banda l-oħra kemm Natalie u kemm Nicole Micallef għandhom fedina penali netta.

Fir-rigward tal-konfiska tal-garanzija bħala konsegwenza għal ksur ta' kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest li qed tinstab ħtija fl-imputata Muriel Micallef dwarha, hu minnu li bl-emendi introdotti bl-*Att XXIX tal-2021* il-konfiska intera tal-garanzija m'għadhiex waħda tassativa. Madanakollu f'dan il-każ, tenut kont tal-gravità tal-ksur li seħħ fuq medda ta' snin fejn l-imputata wettqet riċiklaġġ u minflok aderit mal-ordni tal-Qrati li ma tikkommettix reati oħra, għażlet li tkompli tistagħna minn fuq dahar il-batut u l-ivvizzjat, il-Qorti hi tal-fehma li l-garanziji imposti għandhom jiġu konfiskati favur il-Gvern fl-intjier tagħhom. F'dan il-kuntest ma jridx jintesa li anke hawnhekk japplika l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali.

---

[388] Fil-valutazzjoni mogħtija minn Abela jiġi indikat bħala "*low estimate*" l-ammont ta' €260: *Exhibit/Ref:* 24, 44, 45**;** Fol.1821 u 1823

[389] **Dok.MB11**

[390] "D:\MB11 - iPhone\AppleDevice_AdvancedLogical_23-11-20_18-40-13\iPhoneBackup.tar\File System\PhotoData\CPL\storage\filecache"; "D:\MB11 - iPhone\DOK MB1 Extraction Report II\AppleDevice_AdvancedLogical\files\Video\cplAUbLVfklPXpe5n2K+CDFayar8LDL.mov"

Ma jistax jonqos li fl-ikalibrar tal-piena inżamm quddiem għajnejn il-Qorti l-kliem meqjus w erudit ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo** fejn ġie ikkunsidrat: [391]

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[392]
>
> Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni tagħha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu ……
>
> Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz tagħha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[393]
>
> Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu; …..

L-iskop tal-piena w kif din għandha tiġi bilanċjata mal-interessi tal-imputat /i ġiet ikkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Johan Sultana Mark Dimech … omissis …. . D**ik il-Qorti wara li ċitat mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006, tenniet:[394]

> M'hemmx dubju illi l-appellant inghata bosta opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu, inkluz conditional discharge ghal sitt darbiet, probation ghal hames darbiet u sentenza sospiza ghal tliet darbiet u darba giet estiza. Ghalhekk il-fatt li kellu 22 sena meta wettaq ir-reati in kwistjoni mhix xi raguni biex ikun hemm temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-

---

[391] Per Maġistrat Dr. Doreen Clarke, Deċiża 14 ta' Frar, 2013; Kump. Nru.711/2008

[392] **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Deċiża 28 ta' Novembru, 2006.

[393] **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Deċiża 22 ta' Settembru, 2009.

[394] Per Onor. Imħallef Dr. David Scicluna; Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007; Appell Kriminali Numru. 166/2006

appellant ghad irid ikompli jizviluppa l-kapacita` li jghix fis-socjeta` minghajr ma jkun ta' minaccja ghal dik is-socjeta`
[Sottolinejar ta' din il-Qorti]

Tassew konsiderazzjonijiet li senjatament jgħoddu għal Muriel Micallef!

Finalment il-Qorti ser tiċċita silta meħuda minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maurice Agius** fejn il-Qorti kienet qed tikkunsidra l- *principles of sentencing*:[395]

> Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt) ,… Kif qal **Lord Justice Lawton** fil-kawza **R v. Sargeant** [(1974) 60 Cr.App. R. 74.]:
>
> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand, they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."** [Emfazi ta' dik il-Qorti]

Fuq skorta ta' dan it-tagħlim ġurispridenzjali w in konsiderazzjoni tal-assjem tar-riżultanzi proċesswali, fil-każ ta' Muriel Micallef, hija l-fehma tal-Qorti li post l-imputata tassew mhux fis-**soċjetà; soċjetà li jistħoqqilha protezzjoni** minn persuni ta' din ix-xorta; persuni li jgħixu ta' rġejjen a skapitu tal-żvinturat u dan minn flejjes ġejjin mill-qerda ta' tant żagħżagħ u familji.

Dmir din il-Qorti hu ċar. Il-Qorti hi obbligata tqis l-impatt li reat iħalli fuq is-soċjetà. Soċjetà li tispiċċa tbagħti hi għall-għemil li llum l-istess soċjetà tirrikonoxxi li jekk ma jiġix missielet b'serjetà w b'determinazzjoni, jaf ikompli jħalli impatt negattiv fuq l-andament soċjali w l-prosperita` ekonomika tagħha w tal-Pajjiż.

Kompitu ta' Qorti hu propju li permezz tas-sentenzi li tagħti, ikun hemm pieni persważivi li jservu ta' deterrent għall-kommissjoni ta' reati simili. Reati li, fl-aħħar mill-aħħar, hi s-soċjetà li tbati l-konsegwenzi tagħhom; eżempju prim hu d-diffikultajiet li kwotidjanament persuni jiltaqaw magħhom biex jagħmlu tranżazzjonijiet bankarji, qasam li sfortunatament ġie kostrett jieħu miżuri restrittivi w strinġenti in segwitu ta' tali deċiżjoni.

[395] Per S.T.O. Prim Imħallef Dr. Vincent Degaetano LL.D.; Deċiza fit-13 ta' Novembru, 2009; Appell Nru. 328/09

Ittieħed kont tal-fatt li ħadd mill-imputati ma wera xi forma ta' rimors għall-għemilu jew wera li lest jagħmel riparazzjoni lejn is-soċjetà li tagħha sfruttaw l-aktar membri dgħajfa u vulnerabbli

Magħmulha dawn il-konsiderazzjonijiet, il-valur tal-propjetà misjuba, kif ukoll l-ammont ta' rikavat perċepit mill-imputati Martin u Nathalie Micallef u minn Nicole Micallef, il-Qorti ma tqisx li l-inkarċerazzjoni hi piena idoneja fiċ-ċirkostanzi, ghalkemm tali piena għandha indubbjament tirrifletti l-gravità tal-każ fejn il-flejjes huma dawk provvenjenti mill-sfruttament tal-vizzji ta' terzi.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Ammont ta' Rikavat

L-artikolu 3(5)(c) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti, wara li tinforma ruħha minn fatti speċifiċi, tkun għal kollox konvinta li l-proprjetà in kwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata

Illi minkejja li baqa ma ġiex definittivament determinat mill-prosekuzzjoni l-ammont totali tar-rikavat mir-riċiklaġġ, il-Qorti qieset li l-patrimonju tal-imputati li ġie akkumulat matul is-snin, qatt ma seta' kien provvenjenti minn sorsi leġittimi. Muriel u l-ġenituri tagħha kienu jgħixu biss fuq benefiċċji soċjali. Indubbjament minn din l-assistenza soċjali ma kienx possibbli li Natalie u Martin Micallef jonfqu dak l-infiq ġewwa *casinos*, dak l-ammont ta' ħwejjeġ u aċċessorji, il-vetturi varji li ppossedew matul iż-żmien, ġojjellerija, arloġġi u deheb. Minn naħa ta' Muriel Micallef il-*life style* li għexet kien wieħed impressjonanti għal xi ħadd li jgħix fuq benefiċċji soċjali u jrid imantni żewġ ulied, waħda minuri.

Minn naħa tagħha Muriel rat li **permezz tal-ġenituri tagħha taħbi l-flejjes ġejjin minn rikavat tad-droga** iżda mhux biss, għaliex dawk il-flejjes servew sabiex tgħix ħajja fejn ma kienet nieqsa minn xejn, b'karozzi u ħwejjeġ bl-abbundanza li min jgħix bir-*relief* jista' biss joħlomhom. Tant kienet tgħix fi stat ta' ħela li kienu jinxtraw ħwejjeġ bl-addoċċ, tant li baqgħu ma ntużawx għax kienu għadhom bit-tikketta, mitluqin f'armarji u gwardarobbi fir-residenza tagħha.

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tasal biex tiddetermina sal-grad tal-konvinċiment morali **ir-rikavat** tal-imputati Martin u Natalie Micallef bħala

dak ta' **€17,119.23** fil-każ tal-imputat Martin Micallef u **€27,801.00** fil-każ ta' Natalie Micallef.

Ma dawn l-ammonti seta' jiżdied l-ammont ta' ħamest elef mitejn tnejn u erbgħin Ewro **(€5,242)** li hu l-valur l-aktar baxx kif kkonstatat minn Steve Abela għal artikoli ta' valur li nstabu fir-residenza tagħhom fil-Gżira.[396] Dan ser jinqasam fl-ammont ta' **€2,621** kull wieħed.

Il-Qorti wasslet biex tidentifika dawn l-items minn fejn inġabru wara li għamlet riferenza għar-riċevuti esibiti mill-Ispetturi investigattivi kif ukoll minn dak li kkonstataw l-Avukati Dr. Sladden u Dr. Vella meta ħejjew lista tal-oġġetti li ġew elevati mir-residenzi rispettivi tal-imputati.

Fl-aħħar nett qed jiġi kunsidrat li l-imputati **naqsu milli jagħtu spjegazzjoni** li għandha mis-sewwa għall-provvenjenza tal-istess flejjes u propjetà kif minnhom mistenni w għaldaqstant, raġonevolment u legalment, dawn l-ammonti huma ikkunsidrati bħala ta' provvenjenza illeġittima w *unexplained wealth.*

L-artikolu 23Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali ukoll jikkontempla s-segwenti:

> Meta jiġi stabbilit li l-valur tal-proprjetà tal-persuna li tinsab ħatja ta' reat rilevanti tkun sproporzjonata mal-qligħ tagħha leġittimu u l-qorti tista' raġonevolment tipprezumi li jkun sostanzjalment aktar probabbli, li l-proprjetà inkwistjoni tkun inkisbet mill-attività kriminali ta' dik il-persuna u mhux minn attivitajiet oħra, il-proprjetà tkun tista' tiġi konfiskata.

Dan l-artikolu jiddefinixxi "reat rilevanti" bħala –

> reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien iktar minn sena.

Dwar Muriel Micallef jiġi rilevat li għalkemm għandha instabu ħwejjeġ w artikoli varji ta' valur, indubbjament li huma lkoll ġenwini w awtentiċi, il-Qorti qed tagħmel tagħha l-stima l-aktar konservattiva mogħtija minn Steve Abela u dan in segwitu tal-prinċipju li kull dubbju għandu jmur għal benefiċċju tal-imputat.[397] Dan l-ammont hu dak ta' **erbgħin elf, erba' mija w ħamsin Ewro (€40,450.00)** li kif intqal irriżultaw wara konsiderazzjoni tar-rapport tal-Avukat Dr. Dr. Sladden li elenka minn fejn inġabru l-artikoli rilevanti kif ukoll mill-irċevuti maħruġa fuq isem l-imputata Muriel Micallef.[398]

---

[396] Fol.1820-1822 re: *Exhibit Ref*: 6, 25, 26, 28-38, 40, 41

[397] **Dok.KCZ** a fol.1772 et seq

[398] Fol.1820-1824 re: *Exhibit/Ref*: 1-5; 7-23; 27; 39, 42-43, 46-65

Imbagħad hemm il-fond Santa Marija Flats, Flat 3, Triq Qrejten Pietà li ngħata valur ta' €240,000 mill-Perit Mario Cassar. Minn dan l-ammont qed jitnaqqas l-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf (€45,000); ġaladarba Christopher Scerri jisħaq li ħallas parti minn dan il-fond u Grech xehed li sad-data tal-konvenju kien laħaq rċieva mingħand Muriel Micallef u Christopher Scerri diġà €90,000.[399] B'hekk ir-rikavat perċepit minn Muriel Micallef, in kwantu li ntuża sabiex inxtara d-*duplex*, qed jiġi determinat li hu dak ta' **mija ħamsa u disgħin elf ewro (€195,000).**

Konsegwentement ir-rikavat perċepit minn Muriel Micallef hu kalkolat bħala dak ta **mitejn, ħamsa w tletin elf, erba' mija w ħamsin Ewro (€235,450.00)**

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, fil-konfront tal-imputati kollha, wara li rat l-artikoli 18, 23Ċ u 31 tal-Kodiċi Kriminali, u l-artikolu 3 tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputati **Muriel Micallef, Martin Micallef, Natalie Micallef u Nicole Micallef** ħatja tal-ewwel imputazzjoni ta' riċiklaġġ,

Kif ukoll fil-konfront ta' **Nicole Micallef waħedha**, wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 95 tal-Kodiċi Kriminali, issibha wkoll ħatja ta' din (it-tieni) l-imputazzjoni,

Kif ukoll fil-konfront ta' **Muriel Micallef waħedha,** wara li rat ukoll l-artikoli 17 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, issibha wkoll ħatja ta din (it-tielet) l-imputazzjoni, u

Tikkundannhom kif ġej:

Lil **Muriel Micallef** għall-piena ta' **ħames (5) snin** priġunerija**;**

Lil **Martin Micallef u Natalie Micallef** għal piena ta' **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin millum u *multa* ta' **tlieta u għoxrin elf Ewro (€23,000**) kull wieħed.

Lil **Nicole Micallef** għal piena ta' **tnejn u għoxrin xahar (22) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien tlett (3) snin millum.

[399] **Dok.LB6** a fol.73

Ai termini tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lil Martin Micallef, Natalie Micallef u Nicole Micallef bi kliem ċar ir-responsabiltà tagħhom taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk jikkommettu, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Konsegwentement ai termini tal-Artikolu 3(5)(a) tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li:

(i) fir-rigward ta' Martin Micallef l-ammont ta' dsatax il-elf, seba' mija u erbgħin Ewro u tlieta w għoxrin ċenteżmu (**€19, 740.23c);**

(ii) fir-rigward ta' Natalie Micallef l-ammont ta' tletin elf erba' mija tnejn u għoxrin Ewro **(€30,422.00c)**, u

(iii) fil-konfront ta' Muriel Micallef l-ammont ta' **mitejn, ħamsa u tletin elf, erba' mija w ħamsin Ewro (€235,450.00),**

jiġu **konfiskati favur il-Gvern ta' Malta**.[400]

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(5)(b) tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputati għandhom iħallsu *multa* kif ġej:

(i) fir-rigward ta' Martin Micallef l-ammont ta' dsatax il-elf, seba' mija u erbgħin Ewro u tlieta w għoxrin ċenteżmu (**€19, 740.23c);**

(ii) fir-rigward ta' Natalie Micallef l-ammont ta' tletin elf erba' mija tnejn u għoxrin Ewro **(€30,422.00c), u**

(iii) fir-rigward ta' Muriel Micallef l-ammont ta' mitejn u ħamsa u tletin elf, erba' mija w ħamsin Ewro **(€235,450.00),**

liema *multa,* f'kull każ, tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat.

---

[400] Dispożizzjoni tassativa li tipprovdi:
Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat…..

Dik il-multa tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili w din is-sentenza tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà` mobbli w immobbli kollha ta' l-imputati, kif stipulat fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal- tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[401]

Inoltrè, fil-konfront ta' **Muriel Micallef** qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest mogħti bid-digrieti rispettivi tad-29 ta' Marzu, 2011 mill-Onor. Maġistrat Dr. Joseph Apap Bologna,[402] kif varjat bid-digriet tal-Qorti Kriminali[403], u dak mogħti fit-8 ta' Lulju 2020, mill-Onor. Maġistrat Dr. Josette Demicoli.[404] Tordna wkoll il-**konfiska tal-garanziji** rispettivi li ġew ordnati bid-digrieti tal-

---

[401] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-31 ta' Mejju 2023, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Oreste Zammit**, il-Qorti qalet:

> Illi dawn is-sanzjonijiet, li huma tassattivi, jinsabu enkapsolati fl-artikolu 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jagħmlu ukoll referenza għas-sanzjonijiet imfassla fl-artikoli 22(3A)(b)(d) u (7) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mutatis mutandis. Illi dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi jimponu fuq il-Qorti sabiex tassattivament, f'każ ta' kundanna, tgħaddi għal konfiska tar-rikavat derivanti mir-reat, kif ukoll tal-assi mobbli u immobbli tal-persuna misjuba ħatja.
> ......
>
> Illi, mill-kelma "għandha", jirrizulta ċertament li l-konfiska tar-rikavat favur il-Gvern ta' Malta hija waħda tassattiva u għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma kellhiex għażla ħlief li teroga din is-sanzjoni konsegwenzjali għal piena.
>
> Illi finalment meta l-Qorti ordnat sabiex, fl-eventwalita' li ma tkunx tista' ssir il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat kif minnha indikat għaliex dan ikun ġie imberbaq jew inkella ma jkunx jista' jiġi identifikat u kkonfiskat, issir il-konverżjoni ta' din il-konfiska f'multa hija kienet qed taderixxi ruħha ma' dak imfassal fl-Artikolu 23B(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 3(5)(b) tal-Kap.373, sabiex b'hekk il-ħames aggravju huwa wkoll legalment bla bażi stante illi l-kundanna għal ħlas tal-multa fl-ammont ta' €830.193 għandha ssir unikament jekk jirrikorru ċ-ċirkostanzi ravviżati f'dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi. Dan ifisser illi huwa biss fl-eventwalita' illi meta id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi jipproċedi għal konfiska kif ordnat huwa jsib li din ma tistax iseħħ peress illi ir-rikavant ġie imberbaq jew inkella ma jistax jiġi identifikat, din il-multa fit-termini tal-imsemmija disposizzjonijiet talliġi "tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

[402] **Dok.DF** a fol.743

[403] 13 t'April, 2011. Fol.744

[404] **Dok.DF1** a fol.747

kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imsemmija, u ċioè l-ammonti komplessivi ta' tlett elef Ewro (€3,000)[405] u sebat elef Ewro (€7,000)[406], total ta' għaxart elef ewro **(€10,000).**

In konsiderazzjoni tal-osservazzjonijiet ġa magħmulha rigward ix-xhud Carmel sive Charles Grech, il-Qorti tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga lill-imsemmi Grech sabiex jiddetermina jekk hux passibbli fil-konfront tiegħu għar-reat ta' sperġur u/jew fil-konfront tas-soċjetà kummerċjali CG Properties Limited (C 24294) proċeduri *inter alia* għal riċiklaġġ, dikjarazzjonijiet foloz lil Kummissarju tat-Taxxa, u ksur tal-Ordni t' Iffriżar maħruġ fl-2011.

Tenut kont tal-provi miġjuba, tordna li din is-sentenza tiġi kommunikata lill-Kummissarju għat-Taxxi sabiex kemm il-darba hekk jidhirlu opportun jinvestiga d-dħul leġittimu ta' Carmel sive Charles Grech u ta' CG Props Ltd. in kwantu għall-bejgħ evidenzjat li sar mill-propjetà Santa Marija Flats, Flat 3, Triq Qrejten Pietà.

In vista tax-xiehda ta' Christopher Scerri meta jiddikjara "*Kollox naf għax dawn qeghdin cirku u mhux kollu imkisser ic-cirku hija ta. Hawnhekk nofsu hawn. Nofs ic-cirku hawn. Dik baqa' gix lavranti barra hadd ma kellimhom u baqa' min igibha minn barra d-droga ukoll. Baqa' min igibha minn barra d-droga li jkollha hi.*" [407]tordna li l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex minnufih jiġu investigati Glenn Debattista, Marion Schembri u Dolores Cauchi.

Glenn Debattista għandu wkoll jiġi investigat għal sperġur.

Kopja tal-istess sentenza għandha wkoll tintbagħat lid-Direttur Ġenerali għas-Sigurtà Soċjali biex jiġi investigat jekk dan il-każ jimmeritax rifużjoni ta' ħlasijiet f'benefiċċji soċjali, inkluż ħlasijiet li setgħu saru mid-dipartiment f'isem l-imputati, Muriel Micallef, Natalie Micallef u Martin Micallef, lill-entitajiet oħra li għandhom imorru għand min tassew ħaqqu!

F'pajjiż daqshekk żgħir bħal Gżirietna, għandu jkun hemm sinerġija sħiħa bejn id-dipartimenti w entitajiet kollha li b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma pagamenti ta' assistenza soċjali kemm bejniethom kif ukoll mal-awtoritajiet investigattivi bħal ma huma il-Pulizija Eżekuttiva w il-Kummissarju tat-Taxxi,

---

[405] Illum proċediment quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Elaine Rizzo (Kump. Drogi 130/2011)
[406] Illum proċediment quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil (Kump. Drogi 49/2020)
[407] Fol.1917

sabiex f'ħidma koordinata u ***timely*** *information sharing* jiġi assigurat li ikunu persuni li tassew huma intitolati għal xi forma ta' benefiċċju soċjali li jirċievuhom. B'dan illi min ma ħaqqux li jibbenefika minn assistenza soċjali, jittieħdu passi fil-konfront tiegħu minnufih u pagamenti mhux dovuti jitwaqqfu b'mod immedjat u jiġu rifużi.

Bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tordna lill-ħatja jħallsu bejniethom l-ammont ta' **€15,677.16c** rappreżentanti spejjez peritali, ċioè l-ammont ta' tlett elef, disa' mija w dsatax il-Ewro w disgħa u għoxrin ċenteżmu **(€3,919.29c)** kull wieħed.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali tordna li Muriel Micallef titqiegħed taħt Ordni ta' Trattament sabiex tegħleb il-vizzju ta' droga. Dan l-ordni għandu jibqa' fis-seħħ għal tlett (3) snin millum.

Tordna wkoll li din is-sentenza tiġi notifikata lil Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi anke tenut kont tal-osservazzjonijiet magħmulha aktar il-fuq dwar il-funzjonijiet ta' dan l-Uffiċċju.

Finalment tordna li isem il-minuri ma jissemmiex fuq il-mezzi soċjali jew dawk tal-media.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**